ŻGHIR B'QALB KBIRA

# Il-Miġbħa






# Kontenut Miġbħa

Ħarġa Numru 37 – Jannar 2014


| | |
|---|---|
| Editorjal – Mario Sammut | 3 |
| Jum il-Ġurament tal-Ħatra | 4 |
| Ħsieb tas-Sindku – Paul Vella | 6 |
| Deputat Sindku – Eman Vella | 7 |
| Kunsillier – Clayton Gauci | 8 |
| Kunsilliera – Elizabeth Ebejer | 9 |
| Kunsillier – Mario Sammut | 10 |
| Ambaxxatriċi Żagħżugħa tal-Kunsill Lokali – Elaine Vella | 12 |
| Inawgurat iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Kunsill Lokali Imġarr | 13 |
| Tagħrif dwar iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Imġarr – Ruth Vassallo | 14 |
| Mill-Librerija tal-Kunsill – Dorianne Mifsud | 15 |
| Attività b'Risq Puttinu Cares | 16 |
| Arranġamenti għall-Festa ta' Santa Marija | 17 |
| Attivitajiet ta' Tindif fil-Bajjiet | 18 |
| Tindif fil-Bajja tal-Ġnejna | 19 |
| Ġieħ l-Imġarr 2013 | 20 |
| Darba Waħda… – Victoria Grech | 22 |
| Festa Frawli 2013 | 23 |
| Kooperattiva tal-Bdiewa Mġarr | 25 |
| Frott il-Bidwi Mġarri 2013 – Mary Camilleri | 26 |
| Ħidmiet Missirijietna 2013 | 27 |
| Iż-Żmien Isajjar il-Bajtar – Victoria Grech | 29 |
| Imġarr Local Council concludes Cypfire Project | 34 |
| The Tempra Museum of Modern Art – Dame Francoise Tempra | 31 |
| Laqgħat ta' Korteżija barra minn Xtutna | 33 |
| Imġarr Karate Club (1999 - 2013) – James Galea | 35 |
| Imġarr Youth Football Nursery – Mario Sammut | 37 |
| Bidu tal-Istaġun 2013/2014 - Mġarr United – Chris Muscat | 39 |
| Imġarr Volleyball Club – Sharon Abela | 40 |
| Skambju ġewwa l-Portugal – Daniel Grech | 42 |
| Skambju ġewwa l-Polonja – Deborah Abela | 43 |
| Attivitajiet oħra għaż-Żgħażagħ | 44 |
| Sehem iż-Żgħażagħ Imġarrin waqt Notte Bianca 2013 | 45 |
| Dinja Nfern li Nbidlet f'Dinja Ġenna – Sara Mari Cardona | 46 |
| The Underwater Adventure – Myra Grech | 47 |
| L-Importanza tal-Ikel Organiku – Malcolm Bartolo | 48 |
| Laura Sammut – Suċċess fl-Atletika | 50 |
| Alison Vella – Suċċess fl-Olympic Air Rifle 10m | 51 |
| Mateja Camilleri - L-Aqwa Make-up Artist għall-2013 | 52 |
| Alison Vassallo – Konferenza dwar ir-Rumanz u l-Poeżiji ta' Juan Mamo | 53 |
| L-Għaqda tal-Istudenti tal-Mediċina ta' Malta – Victoria Camilleri | 54 |
| Esperjenza fil-Missjoni ġewwa it-Tanzania, Il-Kenja – Rita Vella | 55 |
| L-Esperjenza Missjunarja fl-Afrika, Mozambique – Marcel Chetchuti | 58 |
| L-Ismijiet tal-Kosta Imġarrija – Mario Vassallo | 59 |


## KUNSILL LOKALI IMĠARR


**Indirizz:** 22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr MGR1501.

**Telefon:** 2152 0011 - 2752 0011

**Fax:** 2152 2252

**E-mail:** mgarr.lc@gov.mt

**Website:** www.mgarrlc.com

**Facebook:** facebook.com/mgarrlc


**Sindku:**
Mr. Paul Vella

**Viċi Sindku:**
Mr. Eman Vella

**Kunsilliera:**
Mr. Clayton Gauci
Ms. Elizabeth Ebejer
Mr. Mario Sammut

**Segretarju Eżekuttiv:**
Mr. Cyprian Dalli

**Assistent Prinċipal:**
Ms. Natasha Cassar

**Uffiċċjal:**
Ms. Dorianne Mifsud

## Ritratt tal-Qoxra:

Is-Sindku, il-Kunsilliera u s-Segretarju Eżekuttiv għas-seba' leġislatura dakinhar tal-ġurament tal-ħatra.

# Editorjal

**Mario Sammut** – *Editur*

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issa daħal fis-seba' leġiżlatura tiegħu u propju fl-anniversarju tal-20 sena mit-tnehdija tal-Kunsilli Lokali f'Malta, nistgħu nifhmu kemm l-irwol tal-Kunsill Lokali hu bżonnjuż għall-amministrazzjoni u titjib tal-lokalitajiet f'Malta kollha. Il-gvern ċentrali qed dejjem jiddelega iżjed responsabbiltajiet lil Kunsilli Lokali u għalekk l-irwol tal-Kunsill qed dejjem jikber, u dan għall-ġid tal-komunitajiet Maltin u Għawdxin.

L-iskop ta' dan il-fuljett hu li jagħti rendikont ġenerali tal-ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr, u f'din l-ewwel edizzjoni tiegħi bħala editur kont ċar mal-kittieba li l-Miġbħa jrid ikun prattiku kemm jista' jkun u jservi ta' vetrina realistika tal-ħidma tal-Kunsill. Għamilt enfasi li ma xtaqtx li dan il-fuljett ikun mimli b'ħafna proponimenti u pjanijiet għall-proġetti li ser isiru fil-futur, li jibqgħu jissemmew f'kull edizzjoni tal-fuljett u agħar minn hekk li jista' jkun jibqgħu ma jsiru qatt minħabba xi raġuni jew oħra. Għalhekk din il-ħarġa tinkludi xogħol u proġetti li diġa twettqu u qed isiru mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, mill-aħħar pubblikazzjoni tal-Miġbħa sal-lum.

Din il-ħarġa tinkludi wkoll rendikont tal-ħidma tal-għaqdiet tal-Imġarr u artikli ta' nformazzjoni fuq l-Imġarr, inkluż artiklu ta' Mario Vassallo b'riċerka dettaljata u unika dwar il-kosta tal-Imġarr. Inkludejt ukoll esperjenzi ta' volontarjat minn diversi Imġarrin, u anke nformazzjoni fuq is-suċċess ta' Imġarrin f'oqsma diversi. Xtaqt li ninkludi dawn l-artikli biex nuri kemm fl-Imġarr tant żgħir għandna nies b'kapaċitajiet kbar, però anke biex jimmotivaw lill-Imġarrin biex ikunu fost l-aqwa f'pajjiżna. Dawn l-artikli dwar atleti u sportivi, professjonisti u artisti Imġarrin iwasslu messaġġ ankè ta' ispirazzjoni liż-żgħażagħ tagħna biex jeċċellaw f'dak li jinteressahom.

Nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli u lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr għall-għajnuna u l-koperazzjoni tagħhom biex stajt nagħmel din l-edizzjoni, b'mod speċjali lil Natasha Cassar u Dorianne Mifsud.

Għalkemm f'din il-pubblikazzjoni tal-Miġbħa għamilt diversi bidliet fuq is-suġġerimenti tan-nies, żgur li nistgħu intejbu ħafna affarijiet, għalhekk napprezza ħafna jekk tgħadduli s-suġġerimenti tagħkom għall-ħarġa li jmiss u anke ideat dwar x'ninkludi u x'innaqqas. Nittama li dan il-fuljett ikun ta' nteress però li jservi ankè ta' rikordju tal-ħajja fl-Imġarr – dik li l-ġenerazzjonijiet futuri jirreferu għaliha bħala l-istorja tal-Imġarr.

*Xtaqt li ninkludi dawn l-artikli biex nuri kemm fl-Imġarr tant żgħir għandna nies b'kapaċitajiet kbar, però anke biex jimmotivaw lill-Imġarrin biex ikunu fost l-aqwa f'pajjiżna.*

### ĦINIJIET TAL-FTUĦ

**Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr jixtieq jinfurmakom li l-ħinijiet tal-Uffiċċju Amministrattiv huma:**

**Mill-1 t'Ottubru sal-15 ta' Ġunju:**

**It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa:** 8.00am sa 12.00pm / 1.00pm sat-3.00pm

**It-Tlieta u l-Ħamis:** 8.00am sa 12.00pm / 1.00pm sa 4.45pm

**Is-Sibt:** 8.00am sal-11.30am

**Mis-16 ta' Ġunju sal-31 ta' Lulju:**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:** 8.00am sas-2.30pm<br>
**Is-Sibt:** 8.00am sal-11.30am

**Mill-1 t' Awwissu sal-31 t' Awwissu:**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:** 8.00am sa 1.30pm<br>
**Is-Sibt:** 8.00am sal-11.30am

**Mill-1 ta' Settembru sa t-30 ta' Settembru:**

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:** 8.00am sas-2.30pm<br>
**Is-Sibt:** 8.00am sal-11.30am

**www.mgarrlc.com**







# Jum il-Ġurament tal-Ħatra


























**Sindku:**
Paul Vella

**Viċi-SIndku:**
Eman Vella

**Kunsilliera:**
Clayton Gauci
Elizabeth Ebejer
Mario Sammut



# Proġetti Kapitali, Infrastruttura, Ordni, Sorveljanza Ġenerali u Anzjani

**Paul Vella** – *Sindku*

***Ħuti Mġarrin,***

Grazzi lill-poplu tal-Imġarr li għal darb oħra ġejt magħżul biex inservi fil-kunsill tal-Imġarr bħala Sindku. Nirringrazzja wkoll lill-kandidati li ħadu sehem fl-elezzjoni li għaddiet talli offrew is-servizz li jaqdu fil-komunità Imġarrija permezz tal-kunsill u nifraħ lil sħabi l-kunsilliera eletti. Dan huwa l-ewwel kunsill fejn kulħadd ġie elett bil-kwota u l-iżjed li fih element żagħżugħ. Nirringrazzja lill-ħaddiema tal-Kunsill għax-xogħol li jagħmlu u għall-ħidma dejjem tiżdied fil-lokalità tagħna.

---

*Il-ħidma tal-Kunsill ma tieqafx u dejjem ser ikun hemm sfidi ġodda.*

Filwaqt li nibqgħu naħdmu għall-ġid tal-komunità tal-Imġarr u nagħmlu dak li hu mistenni minna, il-Kunsill tal-Imġarr dejjem iddistingwa ruħu li daħal għal inizzjattivi li mhux neċessarjament huma l-kompitu tal-Kunsill Lokali.

Is-sena bdiet bl-inawgurazzjoni taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li saret nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar 2013 u dan wara ħafna tħabit u ħidma matul iż-żmien biex dan il-proġett seta' jitwettaq. Nittama li f'din il-leġiżlatura jingħalqu wħud mill-proġetti li bdejna fiż-żmien ta' qabel però nibqgħu naħdmu biex nibdew proġetti oħrajn li jkunu ta' fejda għall-ġid tal-komunità tal-Imġarr.

Il-ħidma tal-Kunsill ma tieqafx u dejjem ser ikun hemm sfidi ġodda. Nittamaw li jkollna iżjed fondi għaliex ir-responsabbiltajiet qegħdin jikbru b'rata mgħaġġla, però l-finanzi m'humiex jiżdiedu bl-istess rata. Fil-fatt il-kuntratti u l-pagi dejjem jiżdiedu u l-fondi allokati lejn il-Kunsill naqsu.

Nirringrazzja b'mod speċjali lill-kunsilliera Maria Said u Giovann Gatt li m'għadhomx iservu fil-Kunsill, però b'mod speċjali lil Giovann Gatt li bdejna flimkien il-mixja tal-ħidma fil-Kunsill sa mill-bidu nett tat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta. Nirringrazzjahom tal-ħidma li għamlu matul iż-żmien li servew fil-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Nemmen li kull kunsillier jidħol b'basket ta' ħeġġa u ideat innovattivi, u rrid nagħraf biex fit-twettiq tal-kunsill il-ġdid, dan jissarraf f'ħidma u ideat ġodda biex insaħħu dak li għamilna u nagħmlu dak li m'għamilniex.





# Proġetti EU, Promozzjoni, Żvilupp Agrikolu u Ġenerali, u Ġemellaġġi

**Eman Vella** – *Viċi Sindku*

F'din l-edizzjoni tal-Miġbħa, li hija l-ewwel waħda għas-seba' leġislatura, xtaqt nesprimi s-sodisfazzjon tal-appoġġ li ngħatajt fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali, fejn għat-tieni darba ġejt elett biex inservi fil-kariga ta' Viċi-Sindku. Kariga oħra li bdejt inservi fiha sa minn Lulju 2013 hija dik ta' President tal-Bord tal-Fondazzjoni Azzjoni Lokali Majjistral. F'din il-kariga ser inkun nista' nifrex il-ħidma tiegħi favur l-iżvilupp rurali tar-reġjun tal-Majjistral, li jinkludi sittax-il lokalità tan-naħa ta' fuq ta' Malta. Jiena determinat li f'dawn iż-żewġ karigi ser inkun nista' nirritorna l-fiduċja li ġejt mogħti f'ħidma u dedikazzjoni għal-ġid tar-raħal u tar-reġjun li aħna nagħmlu parti minnu.

Bħalma għamilt fil-leġislatura l-oħra, beħsiebni nibqa' ingranat fuq l-applikazzjonijiet għal fondi permezz ta' proġetti li jiftħu minn żmien għal żmien fuq livell nazzjonali u fuq dak Ewropew. Dawn il-fondi huma essenzjali sabiex kunsill lokali jimraħ lil hinn mill-allokazzjoni li jingħata mill-Gvern Ċentrali u jilħaq għanijiet oħra li minnhom igawdu kemm ir-residenti kif ukoll il-viżitaturi. Wieħed irid ikun konxju li tali fondi mhumiex faċli biex taċċessahom u wisq inqas biex tifhem l-istrutturi amministrativi marbuta magħhom. Barra minn hekk, ir-riżorsi umani fil-kunsill tagħna huma limitati fin-numru u żdidilhom ħafna xogħol klerikali u amministrattiv. Għalhekk, iridu jkunu l-kunsilliera li jinteressaw ruħhom fi skemi li jkunu ser jiftħu u jieħdu pariri tekniċi mingħand uffiċċjali li jaħdmu l-Meusac u l-PPCD, fost entitajiet oħra.

Il-ħidma ta' din il-leġislatura bdiet f'April 2013, iżda l-proġetti li kienu miftuħa riedu jibqgħu għaddejjin sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħhom u l-fondi ma jintilfux. Proġett li ħadilna ħafna ħin u ħafna xogħol kien il-proġett Cypfire li ġie fi tmiemu f'Ġunju 2013. Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Programm MED u kien fih allokazzjoni ta' €145,000. Minn dawn il-fondi rnexxielna naċċessaw 80% fuq studju relatat mas-siġar taċ-ċipress u l-kwalitajiet tagħhom biex jilqgħu għan-nar u għar-riħ. Permezz ta' dawn il-fondi koprejna spejjez relatati mal-ħidma klerikali tal-istaff tal-kunsill, riċerka li saret mill-Università ta' Malta, manutenzjoni fuq is-siti tal-Ballut u tal-Ġnejna, xiri ta' apparat u għodod li jintużaw f'dawn is-siti, xiri ta' siġar taċ-ċipress, organizzazjoni ta' seminars informattivi, pubblikazzjoni ta' materjal informattiv, u diversi affarijiet oħra. Għal tmiem ta' dan il-proġett ġiet organizzata konferenza nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2013 li ġiet indirizzata mis-Segretarju Parlamentari għal-Presidenza tal-UE u l-Fondi Ewropej, Dr. Ian Borġ.

Fondi oħra li qiegħed naħdem fuqhom bħalissa huma dawk tal-Miżura 313 li konna applikajna għalihom fis-sena 2011 għar-restawr tal-ġnien tad-Darrenzi. Sfortunatament, kien hemm ħafna dewmien fil-proċess tal-MEPA u din l-applikazzjoni kellha tiġi xolta. Issa erġajna applikajna għal din il-Miżura bi proġett ta' mixja fil-kampanja ta' madwar l-Imġarr li permezz tagħha nkunu nistgħu nżidu l-aċċessibiltà billi jinbnew bankini ġodda.

Miżura oħra li applikajna għaliha u waslet biex tiġi deċiża hija l-Miżura 125. F'din il-miżura applikajna sabiex nirranġaw disa' toroq tal-bdiewa li minnhom ġew aċċetati erbgħa. B'dawn il-fondi ser inkunu qiegħdin intejbu l-aċċessibiltà lil numru kbir ta' bdiewa li jużaw dawn it-trejqiet fil-kampanja.

Dawn il-fondi li semmejt huma ftit mill-proġetti li l-Kunsill Lokali tal-Imġarr qiegħed iħaddem bħalissa. Barra minn dawn, il-kunsill irid ikompli jaħdem biex jassigura li japplika għal fondi li jsarrfu f'ġid għar-residenti, speċjalment fejn l-allokazzjoni ta' kull sena ma tkunx biżżejjed.

Nagħlaq billi insellem lill-Giovanni Gatt u Maria Said li ħdimt magħhom fis-Sitt Leġislatura u nilqa fostna liż-żewġ kunsilliera li ġew eletti minflokom, Mario Sammut u Elizabeth Ebejer. Issa irridu nxammru l-kmiem u naħdmu flimkien biex nagħmlu l-ġid lill-komunità tagħna.

*Dawn il-fondi huma essenzjali sabiex kunsill lokali jimraħ lil hinn mill-allokazzjoni li jingħata mill-Gvern Ċentrali u jilħaq għanijiet oħra li minnhom igawdu kemm ir-residenti kif ukoll il-viżitaturi.*



# Attivitajiet Kulturali, Attivitajiet Sportivi, Settur tas-Self Employed, Bajjiet u Ġieħ l-Imġarr

**Clayton Gauci** – *Kunsillier*

***Għeżież Ħuti Imġarrin,***

Dan huwa l-ewwel artiklu tiegħi għal din il-leġislatura u ma nistax ma nibdiex dan l-artiklu tiegħi billi min qalbi nirringrazzja lil dawk l-484 votant li għoġobhom jagħtuni l-ewwel preferenza fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali li saru f'Marzu li għadda. Riżultat sodisfaċenti ħafna fejn biċ-ċar ġejt rikonoxxut għall-ħidma li wettaqt fil-leġislatura ta' qabel u nwiegħedkom li ser nibqa' naħdem b'qalbi kollha għal poplu Imġarri kollu biex flimkien ikollna Imġarr isbaħ u aħjar għalina u għal ulied ir-raħal tagħna.

Nixtieq ukoll nifraħ lil sħabi l-kunsilliera kollha, dawk li reġgħu ġew eletti mil-leġislatura ta' qabel, is-Sindku Paul Vella u l-Viċi Sindku Eman Vella, kif ukoll lil membri l-ġodda li ġew eletti għall-ewwel darba, il-Kunsilliera Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut. Flimkien ser nkunu qiegħdin naħdmu id f'id għall-Imġarr li aħna tant inħobbu. Nawgura wkoll lil dawk il-kandidati li kkontestaw din l-elezzjoni u ma telgħux fil-kunsill flimkien ukoll mal-eks kunsilliera s-Sur Giovanni Gatt u s-Sinjura Mary Said. Żgur li l-Imġarrin mhux ser jinsew il-kontribut tagħkom lejn dan ir-raħal.

F'din il-leġislatura l-kunsill il-ġdid qed jaspira li jlesti ħafna mill-proġetti li għandu pendenti u li huma ta' weġgħa kbira għalina l-Imġarrin. Nistqarr li mhux ser tkun xi ħaġa faċli però bl-għajnuna tal-awtoritajiet u kull min hu kkonċernat naslu u nwettqu dawn il-proġetti biex nsebbħu iktar dan ir-raħal.

Is-Sindku għoġbu jafdani b'diversi dekasteri u ta' dan nirringrazzjah. Wieħed mid-dekasteri li għoġbu jafdali, u hija wkoll xi ħaġa ġdida u nnovattiva huwa s-settur tas-*Self Employed*. Nafu kemm dan is-settur huwa ta' mportanza kbira u għalhekk il-kunsill ħaseb biex f'din l-leġislatura jkun hemm kunsillier li jieħu ħsieb, biex naraw kif dawn l-individwi jistgħu jiggwadanjaw iktar fis-settur tagħhom. Aktar 'il quddiem ser jiġu organizzati diversi laqgħat ta' konsultazzjoni u tagħrif u hemm ukoll il-ħsieb li jiġi ffurmat *one stop shop* għal kull tip ta' għajnuna għas-*self employed*. Nixtieq niġbed l-attenzjoni lil dawk is-*self employed* kollha li jixtiequ jissuġerixxu, jistaqsu jew għandhom xi problema, jagħmlu kuntatt miegħi jew mal-kunsill.

Dekasteru ieħor li ser jaqa' taħt il-kompitu tiegħi għall-ewwel darba wkoll, huma l-bajjiet pubbliċi li għandna fir-raħal tagħna fosthom b'mod partikolari l-Bajja tal-Ġnejna. Kompitu ieħor importanti ħafna hu li flimkien insebbħu u nieħdu ħsieb il-bajjiet sbieħ tagħna li matul il-ġranet sħan tas-sajf jiġbdu lejhom eluf kbar ta' nies. F'dawn l-aħħar ftit xhur ħadna ħsieb li ssir manutenzjoni fuq ħajt li kien jinsab fi stat perikoluż ħafna fin-niżla tal-Ġnejna. Ġie rranġat ukoll l-aċċess għall-moll minn fejn is-sajjieda jniżżlu d-dgħajjes peress li kienet saritlu ħsara estensiva bil-maltemp.

Fix-xhur u ż-żmien li ġej ser isiru diskussjonijiet mal-gvern ċentrali sabiex jitnaddaf il-wied peress li qed ikun hemm problema kbira fix-xitwa għax it-triq qed timtela' bl-ilma tax-xita u qed isir ħsara fl-asfalt. Waħda mill-problemi kbar li għanda ġewwa l-bajja tal-Ġnejna hija l-lattrina pubblika. Din qed tkun maħmuġa ħafna u qiegħdin jidħlu diversi lmenti. Wara ħafna diskussjonijiet li saru rriżulta li hemm bżonn li din tkun issorveljatha l-ħin kollu fiż-żmien tas-sajf u għalhekk ser niddiskutu din il-problema mal-awtoritajiet kkonċernati biex naslu għal soluzzjoni biex din tkun nadifa kif jixraq.

Nagħlaq dan l-artiklu tiegħi billi nirringrazzja minn qalbi lil kull min għeni u tagħni s-sapport tiegħu biex jiena nerġa' niġi elett, fosthom lill-għarusa tiegħi tal-paċenzja kbira li tieħu bija, l-familja, qraba u ħbieb. Mingħajr dawn n-nies kollha madwari żgur li ma kontx nasal sa fejn wasalt illum. Nappellalkom biex kull min jixtieq jissuġerrixxi jew jgħaddi xi ilment, tagħmlu kuntatt miegħi permezz tal-ijmejl jew bit-telefon ċellulari.

***Inselli għalikom***

*F'din l-leġislatura l-kunsill il-ġdid qed jaspira li jlesti ħafna mill-proġetti li għandu pendenti u li huma ta' weġgħa kbira għalina l-Imġarrin.*



# Edukazzjoni, Inizjattivi Ambjentali u Qasam Soċjali

**Elizabeth Ebejer** – *Kunsilliera*

***Għeżież Imġarrin,***

Meta niftakar li ġejt mogħtija r-responsabbiltà u l-privileġġ li nirrappreżenta lilkom bħala kunsillier għal din is-7 leġislatura fil-Kunsill tagħna, inħossni imċekkna u fl-istess ħin onorata. Napprezza mmens il-fiduċja li intom fdajtu fija biex nirrappreżentakom. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-Kunsilliera li kienu parti mis-Sitt Leġislatura, tal-ħidma sfieqa tagħhom.

Il-proċess tal-elezzjoni kien kollu ġdid għalija, biss dan ma xekkilnix li naqta' qalbi. Emmint sa mill-bidu nett li nidħol għaliha b'qalbi kollha għax nemmen li bl-għajnuna tagħkom nistgħu naslu biex ikollna Imġarr aħjar.

*F'dinja li l-ħin kollu qed titbiddel huwa mportanti li wieħed jibqa' b'għajnejh miftuħa lejn dak kollu li qed jiġri f'dan is-settur.*

F'din il-leġislatura ġejt fdata tlett setturi li huma ferm għal qalbi; l-Edukazzjoni, Inizjattivi Ambjentali u l-Qasam Soċjali. L-Edukazzjoni hija ċ-ċavetta għas-suċċess kif ukoll għad-demokrazija. Jien nemmen fil-*Life Long Learning* - Tagħlim Tul il-Ħajja. Ser inkun qed naħdem biex iktar nies jersqu lejn it-tagħlim. Għandna ppjanat fix-xhur li ġejjin laqgħat b'differenza u korsijiet li huma tajbin għal kulħadd f'diversi setturi. F'dinja li l-ħin kollu qed titbiddel huwa mportanti li wieħed jibqa' b'għajnejh miftuħa lejn dak kollu li qed jiġri f'dan is-settur. Fil-qasam ambjentali ser naħdem biex nippreservaw l-ambjent tar-raħal u tal-madwar.

Kull Imġarri għandu jħossu parti minn din il-komunità, ser inkun qed inressaq ideat innovattivi matul din il-leġislatura għax kull persuna hija mportanti u ħadd m'għandu jaqa' lura. Jinteressani wkoll li l-komunità Imġarrija tkun l-aqwa u fost l-aħjar f'pajjiżna.

Dawk kollha li għandhom ideat, ħsibijiet u anki ilmenti kellmuni jew iktbuli fuq l-imejl tiegħi elizabeth.ebejer@gov.mt

Nieħu din l-opportunità biex nawgura wkoll lil kollegi tiegħi Paul, Eman, Clayton u Mario ħidma tajba għal ġid ta' dan ir-raħal li hu mogħni bi storja kulturali u natura imprezzabbli u b'ħiliet li jagħmluna kburin li aħna Imġarrin.

## ĠBIR TA' SKART FIL-FESTI PUBBLIĊI

| | | | |
|---|---|---|---|
| It-Tnejn | **10 ta' Frar** | San Pawl | Il-Borża s-Sewda u l-Griża se jinġabru t-**Tlieta 11 ta' Frar** |
| L-Erbgħa | **19 ta' Marzu** | San Ġużepp | Il-Borża s-Sewda u l-Griża se jinġabru t-**Tlieta 18 ta' Marzu** |
| It-Tnejn | **31 ta' Marzu** | Jum il-Ħelsien | Il-Borża s-Sewda u l-Griza se jinġabru t-**Tlieta 1 t'April** |
| Il-Ġimgħa | **18 ta' April** | Il-Ġimgħa l-Kbira | **Mhux se jsir gbir ta' skart** |
| Il-Ħamis | **1 ta' Mejju** | Jum il-Ħaddiem | Il-Borża s-Sewda u l-Griza se jinġabru l-**Ġimgħa 2 ta' Mejju** |
| Is-Sibt | **7 ta' Gunju** | Sette Giugno | Il-Borża s-Sewda u l-Griza se jinġabru l-**Ġimgħa 6 ta' Ġunju** |
| Il-Ġimgħa | **15 t'Awissu** | Maria Assunta | **Mhux se jsir ġbir ta' skart** |
| It-Tnejn | **8 ta' Settembru** | Jum il-Vitorja | Il-Borża s-Sewda u l-Griża se jinġabru t-**Tlieta 9 ta' Settembru** |
| It-Tnejn | **8 ta' Diċembru** | Immakulata Kunċizzjoni | Il-Borża s-Sewda u l-Griża se jinġabru t-**Tlieta 9 ta' Diċembru** |
| Is-Sibt | **13 ta' Diċembru** | Jum ir-Repubblika | Il-Borża s-Sewda u l-Griża se jinġabru l-**Ġimgħa 12 ta' Diċembru** |
| Il-Ħamis | **25 ta' Diċembru** | Il-Milied | Il-Borża s-Sewda u l-Griża se jinġabru l-**Ġimgħa 26 ta' Diċembru** |
| Il-Ħamis | **1 ta' Jannar 2015** | L-Ewwel tas-Sena | Il-Borża s-Sewda u l-Griża se jinġabru l-**Ġimgħa 1 ta' Jannar** |



# Chairman Kumitat Żgħażagħ, Relazzjonijiet Pubbliċi, Website u Siti ta' Social Networking u l-Miġbħa

**Mario Sammut** – *Kunsillier*

***Għeżież Imġarrin,***

F'dan l-ewwel artiklu tiegħi bħala kunsillier nixtieq nibda billi nirringrazzjakom tal-fiduċja tagħkom, li eleġġejtuni biex naħdem għall-Imġarr permezz tal-Kunsill Lokali. Se nagħmel ħilti kollha biex l-enerġija tiegħi nkompli nsarrafha f'ħidma għar-raħal tagħna u għall-ġid tar-residenti. Ilni sa minn ċkuniti nagħmel volontarjat f'għaqdiet diversi li għandna fl-Imġarr. Hija dik l-imħabba li għandi lejn dan ir-raħal li tnissel fija d-dmir li nagħti sehmi biex ikollna Imġarr aħjar, u li issa wasslitni biex bil-għajnuna tagħkom qed inkompli nwettaqha mill-Kunsill Lokali.

Irrid nirringrazzja wkoll lil dawk in-nies kollha li ħdimt magħhom, dawk kollha li kontinwament jagħtu s-sehem tagħom fl-Imġarr, lill-kunsilliera tal-leġiżlaturi ta' qabel, u anke lill-kandidati li ġenwinament offrew is-servizz tagħom. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sindku Paul Vella li afdani b'diversi rwoli u proġetti sa minn snin ilu, u li anke mexxieni bl-eżempju ta' ħidmietu li ma tarax distinzjoni ta' kuluri politiċi, iżda impenn għall-Imġarr kollu. Nirringrazzja wkoll lil ħafna żgħażagħ, ħbieb u familjari li tawni s-sapport tagħhom matul il-kampanja tal-elezzjoni li għaddiet.

Il-qasam taż-żgħażagħ qed dejjem jingħata iżjed importanza fis-soċjetà, speċjalment bl-introduzzjoni tal-Ambaxxaturi Żgħażagħ fil-Kunsill u anke bl-età tal-votazzjoni fl-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali tinżel għal 16-il sena. Infatti nieħu din l-opportunità biex nawgura lil Elaine Vella li ġiet appuntata Ambaxxatriċi Żagħżugħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Elaine ser tkun tipparteċipa fil-laqgħat tal-Kunsill mingħajr id-dritt tal-vot, u għalhekk żgur li bil-preżenza tagħha ż-żgħażagħ Imġarrin ser ikollhom vuċi iżjed b'saħħitha fil-Kunsill. Fir-responsabbiltà tiegħi minn dan il-qasam pjuttost delikat ser nagħmel li nista' biex jingħata l-importanza li għandu bżonn u jsir pjan sħiħ li jindirizza l-ħtiġijiet taż-żgħażagħ tagħna, mill-aspett soċjali u sportiv, sal-edukazzjoni u formazzjoni tajba. Ser naħdem biex nisfruttaw it-tajjeb taż-żgħażagħ tagħna, u nittrattaw fejn għandna dgħajjef.

Ħassejt li l-punt tat-tluq kien li jissaħħaħ l-irwol tal-Kumitat Żgħażagħ Imġarr, billi jkun verament il-fergħa tal-Kunsill Lokali li tirrapreżenta liż-żgħażagħ tal-Imġarr, li torganizza attivitajiet u proġetti għaż-żgħażagħ u li tibda tieħu ħsieb l-aspett ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ. Ilni nosserva li waħda mill-problemi ewlenin fir-rigward tal-qasam taż-żgħażagħ fl-Imġarr kienet in-nuqqas tal-*leaders* iffurmati tajjeb biex imexxu u jorganizzaw. Kien għalhekk li fil-bidu tal-leġiżlatura, wara li ħadt ħsieb l-arranġamenti meħtieġa, offrejna korsijiet tal-*leadership* li kienu miftuħa għal kulħadd u b'xejn għal kulħadd, biex b'hekk issa bdejna nkabbru n-numru ta' nies li għandhom kapaċitajiet ta' *leadership* u li nistgħu nafdawhom biex imexxu proġetti u attivitajiet għaż-żgħażagħ.

Il-*youth exchanges* li norganizzaw jibqgħu popolari maż-żgħażagħ u kontinwament ikollna interess kbir għalihom. Dawn il-proġetti ta' edukazzjoni informali mhux biss iservu ta' għodda ta' żvilupp personali għaż-żgħażagħ tagħna iżda anke jsaħħu r-relazzjonijiet ma' żgħażagħ oħra fl-istess komunità Imġarrija. Għalhekk kien id-dmir tagħna li nibqgħu norganizzaw il-*youth exchanges*, u fl-ewwel xhur tiegħi f'din ir-responsabbiltà kellna l-ikbar numru ta' opportunitajiet ta' *youth exchanges* li l-Kunsill qatt organizza, fejn bagħatna tliet gruppi f'pajjiżi differenti bejn Settembru u Novembru li għaddew.

Inizzjattiva ġdida oħra li ntroduċejt kienet li dawk il-gruppi li jipparteċipaw f'*youth exchange* ikollhom l-inkarigu li jorganizzaw attività għaż-żgħażagħ tal-Imġarr, bil-għan li dan il-proċess jgħin biex iżjed żgħażagħ jintegraw fis-soċjetà tagħna. Bis-saħħa ta' din l-inizzjattiva ġew organizzati żewġ attivitajiet tajbin ħafna, u nemmen li dan hu l-bidu għal iżjed impenn. Attività li ħalliet ħafna frott kienet meta ż-żgħażagħ marru jżuru lill-anzjani Imġarrin f'darhom, fejn b'dan il-ġest ferħu ħafna anzjani iżda kienet esperjenza indimentikabbli għaż-żgħażagħ kif stqarrew huma stess. Irrid nirringrazzja lis-Sinjura Doris Vella tal-għajnuna tagħha fil-preparazzjoni u fil-koordinazzjoni ta' din l-attività. Attività oħra li kienet suċċess maż-żgħażagħ kienet it-

*Nemmen li l-Kunsill Lokali għandu jkun miftuħ beraħ għall-parteċipazzjoni tar-residenti fid-deċiżjonijiet u l-ħidma tal-Kunsill, u għalekk dawk ikkonċernati jkunu huma stess madwar il-mejda tad-deċiżjonijiet.*

*Treasure Hunt*, li serviet ta' eżempju kif iż-żgħażagħ verament ħadu pjaċir permezz ta' din l-attività ta' *teamwork* ma' sħabhom.

Il-ħidma tagħna fil-Kunsill tinvolvi li nieħdu deċiżjonijiet fuq dak li jirrigwarda l-Imġarr u r-residenti tiegħu. F'dan ir-rigward, settur li naħseb huwa mportanti wkoll hu l-immaġinjar tat-traffiku fit-toroq tagħna, u r-responsabbiltà tagħna li jkollna toroq iżjed prattiċi u sikuri. Skontru perikoluż li kien il-kawża ta' ħafna nċidenti u anke mewt hu l-iskontru fi Triq l-Imġarr. Wara li saru l-*bollards* f'dan l-iskontru stajna nosservaw li l-inċidenti f'dik iż-żona naqsu drastikament u għalhekk issuġġerejt lill-Kunsill biex isiru *bollards* simili fit-toroq li jagħtu lejn ir-*roundabout* f'Ta' Mrejnu, qabel ikollna fatalità oħra fit-toroq tagħna.

Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u wara li jinġieb il-permess minn Transport Malta jibdew jitwaħħlu l-*bollards*.

Għalkemm il-Kunsill Lokali jieħu l-pariri mingħand il-konsulenti tiegħu qabel jieħu d-deċiżjonijiet, nemmen li l-aqwa konsultazzjoni għandha ssir mar-residenti stess, mal-Imġarrin. Mill-ewwel ġurnata tiegħi fil-Kunsill xtaqt li r-residenti għandhom jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet li finalment ser jolqtu lilhom stess, u ssuġġerejt li nibdew nagħmlu d-djalogi u konsultazzjonijiet pubbliċi. Kien għalhekk li sar djalogu pubbliku rigward ir-riforma tal-MEPA għall-pjan lokali tal-Imġarr, u ser isiru konsultazzjonijiet pubbliċi rigward il-qasam taż-żgħażagħ fl-Imġarr u rigward sistema ta' *traffic management* għat-toroq tagħna.

Nemmen li l-Kunsill Lokali għandu jkun miftuħ beraħ għall-parteċipazzjoni tar-residenti fid-deċiżjonijiet u l-ħidma tal-Kunsill, u għalhekk dawk ikkonċernati jkunu huma stess madwar il-mejda tad-deċiżjonijiet. Nixtieq il-parteċipazzjoni u l-involviment ta' iżjed nies, nixtieq iżjed ħeġġa biex nagħmlu Imġarr aħjar. L-opinjoni u s-suġġerimenti tagħkom huma mportanti ħafna għas-suċċess tal-ħidma tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Qed nistieden lilkom għeżież Imġarrin biex tikkomunikaw magħna b'kull mezz possibbli – għidulna x'taħsbu fuq l-operat tagħna, l-ideat tagħkom għall-proġetti u inizzjattivi ġodda, għidulna kif nistgħu nkunu ta' servizz aħjar għalikom, ikkoreġuna u għidulna fejn qed nagħmlu ħażin, kunu intom li tidderieġu lill-Kunsill Lokali tagħkom.

## KORSIJIET TA' ĠURNATA FIL-KUNSILL LOKALI

**Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr se jorganizza korsijiet ta' *First Aid*, *Food Handling* u *HACCP (Hazard Analysis and Critical Control Points).***

Min hu nteressat huwa mħeġġeġ jibbukkja sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar 2014. Għal iżjed informazzjoni wieħed għandu jikkuntatja l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.



### *FIRST AID*

Il-kors se jsir nhar is-Sibt 8 ta' Marzu 2014 mid-9.30am 'il quddiem. Immirat għal dawk li jaħdmu f'postijiet tax-xogħol fejn hemm riskju ta' inċidenti, għall-għalliema, ġenituri u *carers*. Se tingħata nformazzjoni dwar l-ewwel għajnuna fuq it-tfal, u x'għandu jsir f'kaz t'attakki tal-qalb.

### *FOOD HANDLING – CATEGORY B*

Dan il-kors se jsir nhar is-Sibt l-1 ta' Frar jew is-Sibt l-1 ta' Marzu 2014 mid-9.30am 'il quddiem. Addattat għall-persuni li huma nvoluti fil-preparazzjoni u l-produzzjoni tal-ikel bħal: kokijiet, pastiċċiera, *waiters*, ecc. Fit-tmiem tal-kors il-parteċipanti se jkunu rreġistrati mal-*Food Safety Commission of Malta* u jingħatw ċertifikat u *Food Handler Card*.






### *HACCP (HAZARD ANALYSIS AND CRITICAL CONTROL POINTS)*

Dan il-kors se jsir nhar is-Sibt 15 ta' Marzu 2014 mid-9.30am 'il quddiem. Adattat għal persuni li huma nvoluti direttament fil-preparament u l-produzzjoni tal-ikel. L-għan ta' dan il-kors hu li tagħraf x'tip ta' perikli jinħolqu waqt il-preparazzjoni tal-ikel u x'għandek tagħmel biex tippreveni.

# Ambaxxatriċi Żagħżugħa tal-Kunsill Lokali

**Elaine Vella**

Nhar is-Sibt, 26 ta' Ottubru 2013, il-*Monitoring Committee* Vot 16 organizza Seminar fil-Palazz tal-Verdala bit-tema "Iż-Żgħażagħ lejn Politika Responsabbli". Waqt dan is-Seminar, is-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Dr José Herrera ħabbar li, it-tmienja u sittin Kunsill Lokali ser ikunu qed jaħtru l-ambaxxatur jew l-ambaxxatriċi tagħhom ta' bejn is-sittax u t-tmintax-il sena biex iwasslu l-vuċi taż-żgħażagħ fil-lokalità tagħhom.

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr għażel lil Elaine Vella bħala l-Ambaxxatriċi tiegħu għaż-żgħażagħ Imġarrin. Elaine ilha turi nteress f'dak li għandu x'jaqsam mal-Imġarr u ilha tinvolvi ruħha kemm fl-inizzjattivi tal-Kumitat Żgħażagħ Imġarr u fl-għaqdiet soċjali. Din kienet opportunità għall-Kunsill Lokali biex jisfrutta l-ħiliet ta' *leadership* u l-kapaċitajiet ta' Elaine fil-qasam taż-żgħażagħ.

Nhar is-Sibt 9 ta' Novembru Elaine attendiet għal-laqgħa mas-Sindki u















l-Ambaxxaturi Żgħażagħ ta' Malta kollha u akkumpanjat lis-Sindku tal-Imġarr Paul Vella waqt diskussjoni li saret fil-Parlament nhar il-Erbgħa 20 ta' Novembru 2013, proprju fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

L-Ambaxxatriċi tal-Imġarr għandha d-dritt li tattendi l-laqgħat tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr bil-jedd li tidħol fid-diskussjoni imma mingħajr id-dritt tal-vot, u ser tipparteċipa fil-parlament dakinhar li tiġi ppreżentata l-emenda fil-parlament.

Nawguraw lil Elaine Vella għal din il-kariga!



# Inawgurat iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Kunsill Lokali Imġarr

**Cecilia Sammut**

**Dan l-artiklu hu silta mid-diskors tas-Sinjura Cecilia Sammut fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Imġarr, nhar it-Tlieta is-26 ta' Frar 2013.**

Jiena anzjana ta' 68 sena u nixtieq infaħħar ħafna lil min ġietu l-idea u ħadem biex isir dan iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-anzjani. Inħoss li din kienet idea stupenda għax aħna li għexna ħajjitna kollha qalb l-għelieqi u l-irziezet; 'il bogħod mill-qalba tar-raħal; qalb il-berwieq u s-sagħtar tax-xagħri; nieklu l-għasel li n-naħal kien jagħmel fil-blat; u nirgħu n-nagħaġ qalb il-mirgħa bnina għall-bhejjem tagħna; dan il-post ifakkarna fil-ħajja l-imgħoddija ta' tant tbatija, fejn familji bi tfal numerużi imma ferħanin u kuntenti għenu lil xulxin b'qalb kbira.

U bil-baħar li jidher sew mit-terazzin taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum li jfakkarna fil-ħut frisk, brieqex, sawrel u lampuki li konna nsajru fil-għar tal-Ġnejna, dak il-ħin frisk frisk, fuq in-naħa tal-lemin naraw il-mera ta' ħajjitna bl-għoljiet li jfakkruna fiċ-ċirasa, l-ħawħ u l-bambinell bnin ta' Binġemma u l-għeneb tal-inħawi tas-Santi, filwaqt li fuq ix-xellug tal-istess terazzin naraw il-Knisja majestuża għamla ta' bajda li tfakkarna fil-bajd tat-tiġieġ li konna niġbru mid-djar biex jinbiegħ biex jinfdew l-ispejjeż tal-Knisja u l-ħafna ħnieżer, baqar jew għoġġiela għal-lotteriji li kienu jsiru biex titlesta din il-Knisja ddedikata lil Marija Mtellgħa s-Sema.

Kull min mill-anzjani jkollu bżonn transport iwassluh saċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u lura l-ħaddiema tal-kunsill lokali, u ħelwin zokkor kemm is-Sindku Paul Vella, kemm is-Sinjura Vassallo, is-Sinjura Psaila, u l-*helpers* kollha li jagħmlu ħilithom kollha biex jipprovduna bl-aqwa servizz u jippruvaw jikkuntentawna b'dak li nkunu nixtiequ. Dan jagħmluh billi jisimgħuna meta jkollna xi problema, jagħtuna t-te u l-kafè, xi *sandwich*, timpana jew xi pizza.

Kultant jiġu anzjani minn irħula oħra u nilgħabu tombla u nagħmlu *coffee morning* flimkien. U kultant ikun hemm min jikteb xi poeżija u jiġi jaqraha fostna. Waqt li nkunu fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum, aħna l-anzjani ikollna l-opportunità li niftħu qalbna flimkien bħala romol, jew fuq saħħa, fuq il-problemi tat-tfal tal-lum li aħna lanqas qatt ma konna noħolmu bihom. Iġibulna kelliema biex jgħallmuna kif għandna nieħdu ħsieb saħħitna, kif noqgħodu attenti mill-abbużi fuq l-anzjani, fuq id-dimenzja u tagħlim ieħor informattiv. Tant nieħdu gost flimkien li l-ħin itir u nerġgħu nibdew nistennew il-Ġimgħa biex nerġgħu niltaqgħu.



Dawn iċ-ċentri qegħdin jagħmlu ġid kbir, għax l-anzjani għandhom jiġu apprezzati. Meta kont tifla, kienu jgħallmuna li 'kliem ix-xiħ żomm fih' u mbagħad bdew joħorġu xi taqbiliet li lilna t-tfal kienu jdaħħlulna ġo moħħna li 'xiħ żmagat, għamillu karta għal tax-xjuħ.' Inħoss li issa din il-ħaġa irranġajniha ħafna u qed jingħata rispett xieraq lill-anzjani fis-soċjetà.

Ser nagħlaq b'taqbila li għallimhieli s-Surmast Ġianni A. Ċilia meta kelli ħames snin u għadni niftakarha!

## TAQBILA

*U fl-Imġarr,*
*u fl-Imġarr jiena mrobbija,*
*Qalb il-ħxejjex,*
*qalb il-ħxejjex u frottijiet*
*Dejjem nafni,*
*dejjem nafni qalb ir-raba,*
*Qatt ma naf,*
*qatt ma naf li mort fi bliet.*

*Illum hekk,*
*illum hekk ma nafx x'fettilli,*
*Maż-żerniq,*
*maz-żerniq armajt il-ħmar,*
*Imlejt bixkilla,*
*imlejt bixkilla bit-tin abjad,*
*Ilbist tgeżwira.*
*Ilbist tgeżwira u ħriġt mid-dar.*

*U kif ħriġt,*
*u kif ħriġt mill-bieb 'il barra*
*Żewġ għajtiet,*
*żewġ għajtiet wara xulxin,*
*Ħej ħa mmorru, ħej ħa mmorru,*
*hawn tat-tin, hawn tat-tin.*

*Kif wasal,*
*kif wasal fi Strada Rjali,*
*Ma nafx kif,*
*ma nafx kif żelaqli l-ħmar,*
*Nies timbotta,*
*nies timbotta tara x'ġara,*
*Pulizija, pulizija ħadli l-ħmar.*

**G.A. Cilia. – 1950**



# Tagħrif Dwar iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Imġarr

**Ruth Vassallo**

Iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum huwa servizz imwaqqaf biex kemm jista' jkun l-anzjani jibqgħu jgħixu f'darhom u jkomplu jiffurmaw parti ntegrali mis-socjetà.

L-għan hu li jgħin lill-anzjani li nqatgħu mill-ħajja tal-komunità sabiex jerġgħu jintegraw mal-bqija tas-socjetà u jirnexxilhom jiġġieldu s-solitudni.

### L-Għan ta' dan iċ-ċentru huwa:

- Li jgħin lill-anzjani jżommu ruħhom attivi.
- Li jkun mezz ta' serħan għal dawk il-persuni li jieħdu ħsieb lill-anzjani.

### Dan iċ-ċentru joffri:

Eżerċizzju fiżiku, żfin, informazzjoni dwar is-saħħa, divertiment mużikali, ikliet, logħob u xogħol ta' *crafts*.

Għalkemm il-persuni li jistgħu jattendu jrid ikollhom aktar minn 60 sena, jkun hemm ukoll fejn issir eċċezzjoni skont il-bżonn tal-persuna. Anzjani li għandhom xi dizabilità jistgħu wkoll jattendu dan iċ-ċentru peress li l-post huwa mgħammar għal bżonnijiet tagħhom.

Iċ-ċentru jiftaħ nhar ta' Ġimgħa, mit-7.45am sal-4.00pm.

Ms. R. Vassallo O/I/C
Numru tat-*telephone:* 2157 1424

## Ftuħ taċ-Ċentru tal-Anzjani

**Poeżija**

*Okkażżjoni prestiġjuża*
*Nhar sitta w għoxrin ta' Frar*
*Hawn iltqajn' aħna l-anzjani*
*Tagħna nbierku t-tieni dar*

*Prim Ministru u Ministri*
*Kunsilliera, Kappillan*
*L-Imġarrin ilkoll bi ħġarhom*
*Attendew kulħadd ferħan*

*Sar diskors tassew imqanqal*
*Wara wkoll sar it-tberik*
*Ta' daċ-ċentru għall-anzjani*
*Ta' tant nies frott it-tħabrik*

*Sala komda mgħammra sewwa*
*Terrazin kbir u miftuħ*
*Bil-Knisja faċċata tiegħu*
*Ħdura w arja iwennsuh*

*Saret festa memorabbli*
*Ta' suċċess, ma jiċħad ħadd*
*Spiċċat b'ikel, xorb, awguri*
*Kulħadd lill-Kunsill radd ħajr*

*Bħall-irħula l-oħrajn kollha*
*L-Imġarr għandu dar ta' kenn*
*Fejn dawk kollha li jixtiequ*
*Kuraġġ jagħmlu jaslu s'hemm*

*Kumpanija żgur insibu*
*Min jilqagħna ma jonqosx*
*Ngħidu kelma, logħba tombla*
*Tista' tagħmel dak li tħoss*

*Jistiednu kelliema bravi*
*Dwar saħħitna dawn jgħallmuna*
*Krafts, kompjuter u line dancing*
*Niċċaqalqu iriduna*

*Te, kafé u ikel ieħor*
*Ilestulna tul il-jum*
*X'ma nfaħħrux lil dan iċ-ċentru*
*Li għall-bżonn jiftaħ kuljum*

*Ejja mel'aħna l-anzjani*
*Nagħmlu użu minn dal-post*
*U nattendu regolari*
*Biex naraw kemm nieħdu gost*

*Għeżież Sindku w Kunsilliera*
*Ngħidu grazzi ta' ħidmietkom*
*Nawguralkom ħidma itwal*
*Ġid lir-raħal u lil nieskom*

**B'apprezzament ta' kull ma tagħmlu għalina u għar-raħal tagħna.**

**Mary Camilleri** / 27 ta' Frar 2013










# Mill-Librerija tal-Kunsill

**Dorianne Mifsud**

Għal din l-edizzjoni, iddeċidejt li nerġa' ninkludi kotba li jittrattaw l-aspett storiku ta' Malta u Għawdex. Għalhekk ser ninkludi l-kotba: **L-Imtieħen tat-tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin** u ***Places of Interest in Gozo***. L-informazzjoni ta' dawn iż-żewġ kotba inġabret mill-istess awtur, Clifford Vella.

## L-Imtieħen tar-Tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin

Dan il-ktieb ġie ppubblikat għall-ewwel darba f'Ġunju tal-2011. Bħalma jgħid it-titlu, dan il-ktieb huwa ddedikat għall-imtieħen tat-tħin tal-qamħ li għandna f'pajjiżna. Fih nistgħu nsibu informazzjoni dettaljata tal-istorja tal-qamħ f'pajjiżna kif ukoll deskrizzjoni ta' kull tip ta' mitħna tal-qamħ. Jagħtina ukoll dettalji ġenerali dwar l-istruttura tal-bini u l-makkinarju. B'hekk l-awtur, permezz ta' diversi llustrazzjonijiet jgħina nifmhu kif dawn l-imtieħen jaħdmu u jgħina napprezzaw l-importanza tagħhom fl-istorja Maltija. Clifford Vella jeħodna f'madwar 30 lokalità f'Malta u Għawdex. Sfortunatament niskopru li minn madwar 75 mitħna, fadal biss madwar 51 fejn xi uħud minnhom jinsabu f'kundizzjoni mhux daqshekk tajba u qed nissograw li nitilfuhom. L-awtur fejn seta' ta informazzjoni dettaljata permezz ta' pjanti, ritratti u dokumentazzjoni awtentika.




## Places of Interest in Gozo

Ippubblikat f'Mejju 2013, Clifford Vella juri dak kollu li toffri l-gżira t'Għawdex. Dan il-ktieb huwa addattat l-aktar għat-turisti peress li, minkejja l-fatt li nkiteb bil-lingwa Ingliża, joffri bosta nformazzjoni dwar l-erbatax-il lokalità li nsibu f'Għawdex. Permezz ta' ritratti dettaljati, l-awtur jagħti l-opportunità lil qarrej sabiex japprezza l-wirt li nsibu f'kull raħal Għawdxi, fejn għalkemm Għawdex hija gżira ċkejkna, xorta waħda għandha ħafna x'toffri. L-awtur saħansitra jagħtina deskrizzjoni tat-tradizzjonijiet l-Għawdxin fosthom il-karnival tan-Nadur u l-festi li jiċċelebraw l-irħula, deskrizzjoni tal-platti tipikament Għawdxin kif ukoll informazzjoni dwar il-festi pubbliċi u informazzjoni ġenerali li jkunu ta' użu għal min ikun qed iżur Għawdex.




**IL-LIBRERIJA MIFTUĦA FIL-ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU**









# Attività b'Risq Puttinu Cares

Minħabba li nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju 2013 kienet festa pubblika, il-ħaddiema ta' Ballut Farm Ltd ħasbu biex jorganizzaw ikla bejniethom. Kien minn hawn li nibtet l-idea li ssir ikla u li l-qliegħ tagħha jmur b'riżq Puttinu Cares. Is-suġġeriment ta' Chris Tabone u Clive Vella tant intlaqa' tajjeb li fi ftit jiem il-kelma ġriet mal-Imġarr kollu. Meta raw dan l-interess mill-pubbliku, Clive u sħabu ħasbu biex din ma tkunx biss ikla bejniethom, iżda li għandha tkun attività ikbar. Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr ukoll daħal biex jagħti sehmu għal din il-kawża ġusta, u beda billi ta permess speċjali biex issir ikla fil-*parking* tal-Bajja tal-Għejna. Diversi ndividwi oħra u sidien tal-ħwienet avviċinaw lill-organizzaturi biex huma wkoll jagħtu s-sehem tagħhom u jgħinu billi jipprovdu ħaxix, apparat u servizzi li kien hemm bżonn.

It-temp ippermetta ħafna, b'ġurnata sabiħa mingħajr riħ u n-nies preżenti għal din l-ikla gawdew serata mill-isbaħ b'divertiment ma' Joe Demicoli, tribut eċċellenti ta' Freddie Mercury minn James Mifsud, u diversi kantanti żgħażagħ Imġarrin. Għalkemm ma saret l-ebda promozzjoni għal din l-attività, l-attività kienet suċċess kbir, b'attendenza numeruża ħafna, iżjed minn dak li kien mistenni, u b'diversi nies iġibu l-ħbieb magħhom, u anke persuni minn irħula minn naħa t'isfel ta' Malta, inkluż Żaren Bonnici tal-Ajkla.

L-idea ta' Chris Tabone u Clive Vella waslet biex inġabru €2229 b'riżq Puttinu Cares. Dawn iż-żgħażagħ għarfu jisfruttaw opportunità li waqt li ħadu gost flimkien kienu qegħdin jgħinu lil ħaddieħor u jagħtu eżempju lill-pubbliku ġenerali biex jagħmlu l-istess. Is-sodisfazzjon li kellhom dawn iż-żgħażagħ kien kbir, u kienu mmotivati biex jerġgħu jagħmlu l-istess. Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr jieħu gost b'inizzjattivi bħal dawn, u żgur li ser jibqa' jkun ta' spalla għal żgħażagħ bħal dawn.



***Clive Vella u Chris Tabone mill-Ballut Farm Ltd jippreżentaw id-donazzjoni lil Andrew Decelis minn Puttinu Cares, fil-preżenza tas-Sindku Paul Vella, Mario Sammut u Clayton Gauci mill-Kunsill Lokali tal-Imgarr.***











# Arranġamenti għall-Festa ta' Santa Marija

Il-Kunsill laqa' t-talba li saritlu mill-Kappillan u l-Kumitat tal-Festa biex issir ri-allokazzjoni tal-postijiet tal-gabbani, minħabba li l-preżenza tagħhom fil-pjazza kienet qiegħda ttellef l-andament tal-festa. Kien għalhekk li l-Kunsill Lokali ppropona li l-gabbani jiġu organizzati fi Triq Fisher, taħt is-siġar ta' ħdejn l-iskola Primarja, biex b'hekk ma jkun hemm xejn fil-pjazza tal-Imġarr, kif mitlub mill-Kumitat tal-Festa.



Meta l-Kunsill ippreżenta din il-proposta, s-sidien tal-gabbani ma qablux u riedu jieħdu azzjoni legali kontra l-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Wara li saru diversi laqgħat mar-rappreżentanti tas-sidien tal-gabbani u l-konsulent legali tagħhom (Dr. Albert Zerafa), ġie ffirmat ftehim ta' allokazzjonijiet ġodda iżjed viċin il-pjazza. Dan il-ftehim ġie maqbul u ffirmat mir-rappreżentanti tas-sidien tal-gabbani, il-President tal-Kumitat tal-Festa (Michael Farrugia) u l-konsulent legali tal-istess kumitat (Dr. Joe Zrinzo), u l-Kunsill Lokali fuq parir tal-konsulent legali tiegħu (Dr. Raphael Fenech Adami).

Però uħud mis-sidien tal-gabbani ħassewhom żvantaġġati u ma qablux ma' dan il-ftehim. Għalhekk dawn ingħaqdu bejniethom, ingaġġaw lil Dr. Chris Cilia bħala rappreżentant legali tagħhom u għamlu Mandat ta' Inibizzjoni bil-Qorti ta' Malta kontra l-Kunsill Lokali tal-Imġarr. Is-sentenza tat raġun lill-Kunsill Lokali, jiġifieri li l-ftehim li kien ġie iffirmat bejn it-tliet partijiet kien għadu validu. B'hekk dawk preżenti fil-festa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr setgħu jinnutaw li l-gabbani kienu rilokati, u nemmnu li din id-deċiżjoni kienet ta' ġid.

Talba oħra li l-Kumitat tal-Festa għamel lill-Kunsill Lokali kienet biex tingħalaq il-pjazza għat-tliet ijiem tal-festa minħabba li din is-sena għamlu planċier ġdid u ikbar minn tas-snin ta' qabel, li ma kienx joqgħod fuq iz-zuntier. Il-Kunsill jagħmel li jista' biex jikkopera mal-għaqdiet tar-raħal u għalhekk aċċetta din it-talba wkoll għall-ġid tal-festa tal-Imġarr. Saru laqgħat ta' koordinament bejn il-Pulizija, Transport Malta, u l-Arriva u fuq suġġeriment tal-Kunsill Lokali sar ftehim fuq rotot alternattivi li jkunu l-inqas inkonvenjent għar-residenti. Għalkemm it-talba mill-Kumitat tal-Festa kienet għal tlett ijiem, il-planċier intrama minn ġimgħa qabel il-festa, u għalhekk il-pjazza kellha tingħalaq għal ġimgħa sħiħa. Dan ħoloq problemi mal-Awtoritajiet għaliex l-arranġamenti u l-permessi kienu għal tlett ijiem biss. Il-Kunsill ikkopera ankè f'dan il-każ u intervjena biex saru l-arranġamenti meħtieġa.



# Attivitajiet ta' Tindif fil-Bajjiet

Is-sbuħija tal-bajjiet tagħna tiġbed ħafna nies sabiex jiġu fl-inħawi tagħna biex igawdu s-sajf mal-familja jew mal-ħbieb. Għalkemm il-Kunsill Lokali tal-Imġarr għamel diversi tabelli ta' twissijiet biex ma jintremiex skart u ħmieġ tal-*BBQ's*, u kif ukoll tpoġġew diversi kontenituri għall-iskart, xorta jkun hemm xi persuni li jibqgħu jħammġu l-ambjent li jridu jgawdu.

Minħabba f'hekk minn żmien għal żmien, organizzazzjonijiet javviċinaw lill-Kunsill Lokali sabiex volontarjament jiġu organizzati attivitajiet ta' tindif fil-bajjiet tal-Ġnejna, il-Bajja tar-Riviera u l-Bajja ta' Fomm ir-Riħ.

Nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 2013 saret attività ftit differenti għax kienet immirata biex jitnaddaf il-qiegħ tal-baħar fil-bajja tal-Ġnejna, li saret bħala parti minn inizzjattiva internazzjonali bl-isem '*Dive Against Debris*'. Din l-attività attirat numru ta' bugħaddasa, għaddasa u voluntiera oħra li flimkien naddfu sostanzjalment il-baħar madwar il-Bajja tal-Ġnejna. Dan sar biex il-bajja titgawda minn aktar nies, u wkoll biex jipproteġu l-ispeċi tal-biodiversità li jinsabu fil-qiegħ tal-baħar tal-inħawi. Infatti dan il-grupp ta' voluntiera ġabru total ta' 600kg mill-qiegħ tal-baħar, li kien jinkludi ħafna affarijiet ta' plastik, metal u ħġieġ li jintużaw fil-*BBQ's*. Kien hemm bżonn ankè l-għajnuna tal-bugħaddasa bl-esperjenza biex jittellgħu qafas ta' sodda u friġġ fost l-affarijiet kbar li nstabu fil-qiegħ tal-baħar.

L-attività '*Dive Against Debris*' hija inizzjattiva organizzata fil-pajjiżi tad-dinja kollha mill-Fondazzjoni *Project AWARE* (www.projectaware.org), u l-għan ta' din l-organizzazzjoni non-governattiva hu li tgħaqqad bugħaddasa u dilettanti oħra mid-dinja kollha biex jipproteġu l-baħar. Infatti din l-organizzazzjoni tieħu ħsieb tagħmel inizzjattivi ta' tindif tal-bajjiet matul is-sena kollha, u taħdem biex toħloq għarfien dwar l-impatt tal-iskart fuq il-biodiversità li tinsab fil-qiegħ tal-baħar.

Is-Sindku tal-Imġarr Paul Vella laqa' din l-inizjattiva u saħaq li *"inizjattivi bħal dawn huma meħtieġa ħafna f'postijiet bħall-bajja tal-Ġnejna, li hija l-ambjent għal tant bijodiversità kemm fuq l-art u fuq il-baħar"*. Huwa kompla biex esprima d-diżappunt tiegħu għall-insensittività tal-pubbliku u żied li *"għandna bżonn nuru aktar rispett lejn l-ambjent"*. Huwa stieden għal aktar inizjattivi simili, u żied li huwa meħtieġ pjan ħolistiku li jiżgura s-sostenibbiltà fit-tul tal-kosta u l-baħar tal-Ġnejna.



Sandra Agius Darmanin, bijologa tal-konservazzjoni tal-baħar li assistiet fit-tindif tal-bajja, stqarret li *"sfortunatament, ħafna jaħsbu li ladarba jarmu xi ħaġa fil-baħar u tegħreq, din tispiċċa. Sfortunatament dan mhuwiex il-każ għax oġġetti bħal plastik jieħdu diversi snin biex jiddegredaw u joħolqu wkoll theddida serja għall-ħajja tal-baħar."*

**Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr jemmen ħafna f'inizzjattivi bħal dawn, u għalhekk inizzjattivi ta' din ix-xorta ser isibu l-koperazzjoni u l-għajnuna tal-Kunsill.**





















# Tindif fil-Bajja tal-Ġnejna

Nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru 2013 saret attività oħra ta' tindif fil-Bajja tal-Ġnejna mill-għaqda SCORP (*Standing Committee of Human Rights and Peace*), fergħa mill-*Malta Medical Students Association*, flimkien ma' Nature Trust Malta.

Din l-attività ħadet forma informattiva wkoll, infatti l-voluntiera qassmu numru ta' fuljetti u materjal informattiv dwar l-ekoloġija Maltija, u Jeffrey Sciberras minn Nature Trust (Malta) tkellem fuq l-ekoloġija tal-inħawi tal-Ġnejna u tal-madwar. Il-voluntiera inqassmu fi gruppi, min biex jogħdos għall-iskart mgħarraq fil-baħar u min jiġbor skart ieħor minn madwar il-bajja.

F'ħin ta' madwar sagħtejn inġabru iżjed minn 400kg ta' materjal li kien ivarja minn tazzi u fliexken tal-plastik sa partijiet ta' karozzi, għamara tad-dar, u twapet.








# Ġieħ l-Imġarr 2013

Nhar il-Ħadd 3 ta' Frar 2013 il-Kunsill Lokali organizza Ġieħ l-Imġarr, ġewwa Sala Ġianni A. Cilia fl-iskola Primarja tal-Imġarr biex jirrikonoxxi l-ħidma ta' Suor Amabile Hili, Maria Bellizzi, Maria Camilleri u Marija Abela għall-komunità Imġarrija.

Din is-serata mużiko letterarja kienet tinkludi programm imtella' mill-Banda Imperial taħt id-direzzjoni ta' Mro. Tonio Borġ u mill-Kor Imperial taħt id-direzzjoni ta' Mro. Shirley Helleur, u l-kantanta Michaela Galea bil-preżentazzjoni ta' Dr. Stephanie Deguara.

Nicole Farrugia u Maria Vassallo qraw il-poeżiji 'Bebbux Abjad' u 'Xita' ta' Mons. Orazjo Vella, u s-Sinjura Maria Victoria Grech u s-Sinjura Joan Vella ħadu ħsieb preżentazzjoni fuq is-Surmast Ġanni A. Cilia.

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr jirringrazzja wkoll lil Christian Camilleri, Christian Deguara u Francesco Vella tal-għajnuna tagħhom waqt is-serata.



**Suor Amabile Hili**

Suor. Amabile Hili kienet iż-żgħira mill-familja Hili. Hija daħlet soru mal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù ta' 24 sena. Fl-1957, ġiet mibgħuta fil-kunvent tal-Imġarr fejn damet għal 34 sena u telqet f'Settembru 1991 fl-età ta' 58 sena. Kienet tgħallem fl-iskola primarja tal-Imġarr b'dedikazzjoni kbira għal tul ta' żmien. Suor. Amabile kienet ukoll tlaqqa grupp ta' tfajliet '*Followers of Christ*' kull nhar ta' Ħadd u tgħallimhom fuq l-imħabba ta' Ġesù u dwar it-tagħlim tiegħu. Kienet ukoll tieħu t-tfajliet villeġġjatura fis-sajf u anke għal xi rtiri ġewwa l-Kunvent tal-Imsida u Porzjuncola House. Hija kienet tieħu ħsieb torganizza *pageant* fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira għal diversi snin, fejn ħafna żgħażagħ u tfal Imġarrin kienu jieħdu sehem. Kienet tikteb u tidderiġi b'reqqa din il-*pegeant* li kienet l-għaxqa tal-Imġarrin. Tat sehem ukoll bl-għajnuna tagħha fil-Lejla Mġarrija għal tul ta' żmien. L-Imħabba li Sour Amabile għaddiet lill-Imġarrin ma tintesa qatt.



**Maria Bellizzi**

L-ewwel ħidma ta' Maria kienet illi tipprepara t-tfajliet tal-Imġarr għall-'Gara' – dan kien kwiżż għal membri kollha tal-Azzjoni Kattolika. Dun Ġużepp Micallef kien jara fiha tfajla ta' eżempju tajjeb u għalhekk kien taha xi kotba sabiex tibda tipprepara l-laqgħat. Peress li kienet għalliema fl-iskola primarja tal-Imġarr għal ħafna żmien, kienet tuża l-ħin tal-brejk biex tagħmel il-laqgħat. Dawn kienu jsiru wkoll filgħaxija. Kienet inkarigata mill grupp tal-Aspiranti,





dawn kienu tfajliet bejn id-9 u l-14-il sena. Kienet tgħallimhom kant, żfin u teatrini għall-okkażżjoni tal-festa tal-Assistent Ekleżjastiku u Jum l-Omm. It-tagħlim kien jieħu ħafna ħin peress li ma kienx hawn l-għajnuna tat-teknoloġija bħal-lum. Għallmet ix-xogħol tal-*cane* għal ħafna snin. Kienet ġurija fil-konkorsi teatrali li kienu jsiru fl-Oratorju Qalb bla Tebgħa ta' Marija. Iffurmat il-grupp ta' żfin 'Darring Shoes' li kien jieħu sehem fis-serati fl-Oratorju. Ħafna jiftakru l-ħarġiet sbieħ u l-irtiri li kienet tieħu ħsieb torganizza b'tant dedikazzjoni.



**Maria Camilleri**

Maria Camilleri hija mara miżżewġa, għandha erbat itfal u nanna ta' tlieta. Maria ilha attiva fil-komunità għal ħafna snin. Hija tikkontribwixxi lejn il-komunità tagħna billi b'dedikazzjoni kbira tgħallem id-duttrina lit-tfal tal-ewwel sena. Hija wkoll membru tal-Azzjoni Kattolika, tgħin fit-tqassim tal-fuljetti u materjal ieħor tal-knisja. Issib ħin ukoll biex tmur tgħin fit-tindif tal-Knisja. Għalkemm għandha familja kbira xorta waħda jirnexxielha issib ħin biex tagħmel dan kollu.



**Marija Abela**

Ilha ħamsin sena fil-Kor Regina Ceoli. Ilha tgħin fil-Lejla Mġarrija u Festa Frawli sa mill-bidu tagħhom. Ilha tgħin fil-ħasil tal-Knisja qabel il-festa għal għoxrin sena u tnaddaf ir-ramm tal-Knisja tlett darbiet fis-sena. Tagħmel iċ-ċfuf għal-liedna tal-festa kull sena. Tagħmel il-grotti u rigali tal-Milied għat-tfal kollha tal-Azzjoni Kattolika.





























# Darba Waħda...

Victoria Grech

Fis-snin tmenin għalina t-tfal tal-Imġarr is-sajf kien żmien twil ta' mistrieħ fil-veru sens tal-kelma. L-Imġarr kien għadu post 'l bogħod għal ħafna nies. Il-karozzi tal-linja ma kinux frekwenti u t-triq tal-Ġnejna kienet għadha mingħajr asfalt u mimlija ħofor ta' wara x-xita, ħaġa li ma tantx kienet tħajjar lil dak li jkun jinżel jgħum, jekk mhux bil-mixi, għax karozza kont tkissirha!

Il-ħajja kienet mehdija bix-xogħol tar-raba, u aħna t-tfal nilgħabu b'kull ma nsibu għaliex ġugarelli ftit kelna. Iżda nhar t'Erbgħa filgħaxija konna nistennewh biex ninġabru fiċ-Ċirkolu tax-Xebbiet tal-Azzjoni Kattolika għal-laqgħa tat-tfal. Għalina din kienet okkażjoni biex nilgħabu ftit ma' sħabna tal-iskola. Wara kienu jeħduna nisimgħu quddiesa għall-frisk fil-knisja. L-għors tagħna kien meta kienu jeħduna xi *pizza party* fejn il-baħar. Il-pizza ta' Vitor tal-Forn kienet tinżlina għasel! Kien f'dan iż-żmien meta ħajruna nilbsu xi kostum tradizzjonali Malti u nieħdu sehem fl-ewwel edizzjoni tal-Lejla Mġarrija. Ommijietna sabulna kemm ħwejjeġ kellhom minn tan-nanniet u libbsuna ta' bdiewa u nisa bl-għonnella. U mn'Alla kienet l-għonnella għax stajt nistaħba ftit warajha meta tellgħuna fuq palk żgħir quddiem dawk in-nies kollha fil-pjazza tal-Imġarr! Kienet l-ewwel darba li qatt tlajt fuq palk u ridt l-art tiblani bil-mistħija aktar u aktar meta ġiet omm Dun Lino, l-kappillan biex tintervistana. Konna neqsin ħafna minn dawn l-attivitajiet.

Fis-sjuf ta' wara din, il-Lejla Mġarrija baqgħet issir b'entużjażmu kbir kemm minna t-tfal kif ukoll mill-kbar. Aħna t-tfal ħadna sehem f'ħafna reċti – Mary Camilleri u Sour Amabile Hili kienu minn tal-ewwel li għallmuna reċti, żfin u kant li n-nies tant kienu jistennew. Ma' ninsa qatt; il-Leġġenda ta' Żammitellu, l-Imnarja, It-tieġ Malti, Il-Quċċija, Sagrifiċċju fi Skorba, diversi leġġendi u *plays* Maltin u l-*medleys* bil-kant Malti. X'ma kinux jivvintaw biex tkun t'attrazzjoni. Darba minnhom sa mogħża telgħet fuq il-palk u tgħidx kemm ċapċpu n-nies meta rawha. Aħna t-tfal kien l-għors tagħna npinġu x-xeni, nagħmlu l-kostumi u narmaw dak li kien ikun hemm bżonn. Trid tiftakar li dak iż-żmien ma kienx hawn *CD players* – nirrekordjaw u ndoqqu kollox fuq it-*tape* – niftakar darba t-*tape* għaddej waqt reċta u t-tfal għadhom jiġru wara l-palk minflok jagħmlu l-parti tagħhom.

Insomma diffiċli tgħid li kien hawn tfal mir-raħal li qatt ma ħadu sehem b'mod jew ieħor fil-Lejla Mġarrija għaliex, jekk mhux fuq il-palk żgur li kienu jgħinu lil tal-familja jippreparaw il-frott u l-ħaxix għall-kompetizzjoni, li kienet l-akbar vetrina ta' ħidma tal-bdiewa Mġarrin. Nies minn barra r-raħal kienu jiġu bi ħġarhom jammiraw dak kollu li konna nagħmlu l-Imġarrin – fuq kollox Lejla Mġarrija kienet l-ewwel 'Lejla Maltija' f'Malta. Bħalna aktar tard bdew jagħmlu rħula oħra.

Mal-medda tas-snin Lejla Mġarrija kibret, il-programm ta' fuq il-palk kien sar imħawwar sew. Minbarra s-sehem tat-tfal fuq il-palk, daħlu wkoll ikantaw diversi kantanti u żeffiena Mġarrin. Din l-okkażjoni kienet il-bidu tal-karriera ta' ħafna talent mużikali fir-raħal tagħna. Kien il-post fejn ħafna kellhom iċ-ċans juru dak li kienu tgħallmu għaliex x'jiswa li titgħallem it-teorija u ma tipprattikax? Grazzi kbira tmur lil ħafna għalliema u mużiċisti li taw ħinhom għal dan il-għan u isimhom ftit li xejn jissemma.

F'wieħed u tletin sena żdiedu ħafna wirjiet u esibizzjonijiet, ħafna bdew bi ftit u mas-snin żdiedu u kibru għaliex id-dilettanti raw l-interess tal-pubbliku u l-għarfien illi dak li għaddewlna missirijietna ta' min jieħu ħsiebu u jgħaddih lil ta' warajna. M'hemmx kliem biex tirringrazzja lil dawk kollha li b'mod jew ieħor volontarjament taw il-kontribut tagħhom sabiex kull sena kellna xogħol tajjeb għall-wiri. Ma' dawn in-nies irrid isemmi wkoll dawk il-ħafna voluntiera l-oħra li ta' kull sena jiltaqgħu fil-kċina jdelku l-kunserva u jħawru l-ftajjar! Riħa tfuħ u atmosfera sabiħa!

Grazzi ħbieb ta' din il-ħidma! J'Alla l-għaqda u l-koperazzjoni ta' bejnietna l-Imġarrin tkompli tħeġġiġna biex nagħmlu affarijiet sbieħ għar-raħal – għandna għax inkunu kburin b'dak li bnejna matul is-snin u ċerta li l-għaqal u l-bżulija jwassluna biex nagħmlu unur lil raħal twelidna b'attivitajiet bħal dawn.








# Festa Frawli 2013

**Mario Sammut**

L-ikbar attività f'Malta - l-iktar attività mistennija mill-Maltin kollha - FESTA FRAWLI

Kien madwar seba' snin ilu meta s-Sindku Paul Vella ħareġ bl-idea li jorganizza attività li tippromwovi l-prodott tal-bdiewa Mġarrin, u wara li tkellem ma' xi wħud mill-bdiewa ftehmu li jorganizzaw Festa Frawli. Din kienet l-ewwel attività tat-tip tagħha f'Malta u żgur li ħadd ma kien joħlom li din kienet ser tkun attività daqshekk kbira, u li tiġbed daqshekk nies lejn l-Imġarr. Kien għalhekk li llum kważi kull kunsill lokali madwar Malta jorganizza xi tip t'attività simili, bħal festa tal-qargħa aħmar, tal-ful, taż-żejt u anke taċ-ċikkulata…

Is-suċċess tal-attività mhux biss li hija l-ikbar attività fil-gżejjer Maltin, iżda wkoll għax l-għan ewlieni tagħha intlaħaq – u kif! Din l-attività tat lill-bdiewa Imġarrin isem għall-isbaħ u l-itjeb frawli f'Malta, u għall-aqwa frott u ħaxix frisk. Ħafna Maltin jistaqsu għall-ħaxix u frott tal-Imġarr, u oħrajn jiġu l-Imġarr kull ġimgħa biex jixtru l-ħaxix u l-frott li jkollhom bżonn.

Din is-sena kienet is-seba' edizzjoni ta' Festa Frawli u saret nhar il-Ħadd 14 t'April fil-pjazza tal-Imġarr, però l-ħidma tal-Kummissjoni Lejla Mġarrija u l-Kunsill Lokali kienet ilha xhur għaddejja. Dakinhar tal-attività kienu nvoluti madwar mitejn voluntier u tletin bidwi biex Festa Frawli setgħet tiġi organizzata.

Il-bdiewa kienu qiegħdin jaqtgħu l-frawli u jġibuha fil-pjazza dak il-ħin stess u għalhekk kull min ġie jżur din l-attività seta' jgawdi mill-benna tal-frawla verament friska. Fost l-eluf ta' nies minn Malta kollha, trasport organizzat minn Għawdex, u trasport ieħor bit-turisti minn diversi lukandi, attendew għall-Festa Frawli ta' din is-sena diversi persuni distinti fosthom, membri Parlamentari, Abaxxaturi ta' diversi pajjiżi fosthom, l-Ambaxxatriċi Amerikana għal Malta Gina Abercrombie-Winstanley, li ġiet fil-bidu tal-attività u daret l-i*stands* kollha. Il-Prim Ministru ta' Malta, Joseph Muscat wkoll ġie jżur l-attività flimkien ma' diversi Ministri, li mbagħad qasam il-kejk kbir maħdum għall-okkażjoni mill-Maypole Bakery Ltd. u Ta' Soldi Bar & Restaurant.

L-attività kienet tinkludi bejgħ ta' ikel, xorb u ħlewwiet magħmulin minn frawli friska u kull min ġie seta' jara l-kreattività tal-Imġarrin bl-użu tal-frawli; insalata bil-frawli, bruxketta, ħobż, galletini, ravjul biz-zalza tal-frawli, pasti ta' kull għamla, ġelat u ankè *frushi* (*sushi* bil-frawli) fost oħrajn. Kien hemm *stands* b'xarbiet differenti tal-frawli; *cocktails*, *smoothies*, xorb alkoħoliku u nbid tal-frawli. Waqt Festa Frawli ta' din is-sena inbiegħu tmien tunnellati w nofs frawli friska u madwar tunnellata frawli maħduma fl-ikel u x-xorb.

Fost il-bqija tal-i*stands* wieħed seta' jinnota waħda bil-basktijiet, *keychains*, *crafts* u memorabilia oħra kollha bit-tema tal-frawli, li nħadmu bl-idejn minn uħud mill-voluntiera ta' Festa Frawli.

Id-divertiment kien jinkludi programm fuq żewġ *palks* bil-parteċipazzjoni ta' diversi kantanti fosthom Christabelle Borg, u Gaia Cauchi. It-turisti ħadu gost ħafna bil-mużika u żfin ta' Sinnet Gozo Folk Group u l-Jackson's Pipe Band li taw wirjiet sbieħ ħafna.

It-tfal ukoll kellhom fejn jieħdu gost għaliex kellhom sezzjoni sħiħa d-dedikata għalihom; logħob organizzat apposta għat-tfal, *bouncing castle*, *face painting*, rikbiet bil-ferrovija u rikbiet fuq iż-żwiemel. Barra minn hekk saru l-kompetizzjonijiet tal-itjeb *cupcake* tal-frawli u tat-tpinġija tat-tfal li wkoll kienet bit-tema tal-frawli.

Din is-sena waqt Festa Frawli tqassam fuljett b'informazzjoni dwar il-frawla tipika Maltija, li kienet titkabbar mill-bdiewa Imġarrin fl-imgħoddi, liema fuljett sar bl-

***(Ikompli fil-paġna li jmiss)***






għajnuna tas-Sindku Paul Vella, Maria Victoria Grech, Mario Vassallo u Dr. Olvin Vella.

L-organizzaturi ta' Festa Frawli dejjem jisħqu li din hi attività għal familja kollha, u għalhekk ħdejn is-salib tal-Knisja sar bejgħ ta' ikel ieħor għal min għażel li jiekol l-ikla ta' nofsinhar f'ambjent ta' festa u temp mill-isbaħ.

Il-Kunsill Lokali jagħti mportanza kbira fuq l-immaniġjar tat-traffiku u għalhekk b'konsultazzjonijiet u bil-għajnuna tal-Pulizija, Gwardjani Lokali, Transport Malta u Arriva, kif ukoll bl-għajnuna ta' xi bdiewa, saret sistema tat-traffiku organizzata tajjeb ħafna u anke nfetħu *parking areas* kbar. Barra minn hekk sar servizz ta' *park & ride* minn Ta' Qali u t-trasport pubbliku kien qed jopera *shuttle service*.

Is-suċċess ta' Festa Frawli hu dovut lill-bdiewa u l-voluntiera kollha li jagħtu sehemhom u lir-residenti Imġarrin kollha li jikkoperaw biex din l-attività tibqa' tagħmel isem tajjeb lill-Imġarr. Grazzi wkoll lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali, Paul Grech u Joe Sammut, li jagħtu sehemhom volontarjament fil-preparazzjoni għal din l-attività.















# Koperattiva tal-Bdiewa Mġarr

**(Mġarr Farmers Cooperative Society Ltd) – Mary Camilleri**

Il-koperattiva bdiet tifforma ruħha lejn is-sena 1946 u ġiet reġistrata uffiċjalment fl-24 ta' Lulju 1947.

Il-bidu tagħha nafuh lis-sitt bdiewa li kienu jiltaqgħu għat-te' f'ħanut hawnhekk fiż-Żebbiegħ. Kien wara t-tieni gwerra dinjija, meta l-bdiewa kienu qed jaffaċċjaw problemi kbar. Għalhekk iddeċidew li jwaqqfu koperattiva biex ikollhom iktar saħħa. Minn dak inhar 'l hawn il-koperattiva baqgħet dejjem tikber u tissaħħaħ. Illum għandna 173 membru, il-biċċa l-kbira huma bdiewa minn dawn in-naħat.

Il-kumitat li jmexxi l-koperattiva jitwaqqaf mill-membri stess fil-laqgħa ġenerali li ssir darba f'sena. Bħala kumitat jiddiskuti l-andamenti li jkunu għaddejjin minnhom il-bdiewa, u jsiru taħdidiet mal-awtoritajiet f'isem il-bdiewa. Għandna ukoll ċentru fejn għandna *bar*, kif ukoll ħanut li minnu nbiegħu affarijiet li jkollhom bżonn il-bdiewa.

L-aktar prodotti li jipproduċu l-bdiewa membri huma l-frawli, it-tadam, il-patata, il-bżar aħdar, il-ħjar, il-kaboċċi, il-pastard, il-brokkoli, il-brunġiel u l-ħass, peress li l-ilma tal-pjan hawnhekk huwa pjuttost tajjeb.

Din in-naħa ta' Malta hija popolari ħafna għal-produzzjoni tal-frawli. Fil-fatt f'dawn l-aħħar snin qed issir Festa Frawli f'April fil-pjazza tar-raħal.

Il-Koperattiva tal-Bdiewa Mġarr kienet minn tal-ewwel li bdiet timporta x-xitel tal-frawli mill-Italja. Illum timporta x-xitel tal-frawli tal-friża, tal-*pots* u tal-frisk mill-Italja u minn Spanja. Ix-xitel tal-friża u tal-*pots* jitħawwel f'Settembru u tal-frisk f'Novembru. Id-differenza tkun f'meta tibda taqta' l-frott. Ġeneralment tal-*pots* tibda minn l-aħħar ta' Novembru u tibqa sejra bilmod sa Ġunju filwaqt li tal-friża tibda skond il-varjetà. Dik tal-frisk tibda aktar tard.

Illum il-ġurnata l-Koperattiva tal-Bdiewa Mġarr issaħħet u baqgħet miexja dejjem 'il quddiem.

## Żjara mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, Dr. George Abela għand il-Mġarr Farmers Cooperative Society Ltd

Nhar it-Tlieta, 2 ta' April 2013, f'jum bnazzi fiż-Żebbiegħ, il-Koperattiva tal-Bdiewa Mġarr laqgħet għandha b'unur lill-Eċċ. Tiegħu Dr. George Abela.

Fil-post magħruf bħala ta' Saliba, ġie milqugħ mill-President tal-Koperattiva s-Sur Anthony Sammut, mill-kumitat u xi membri tal-koperattiva flimkien ma' żwieġhom u xi bdiewa oħra mil-lokal. Preżenti kien hemm ukoll is-Sindku tal-Imġarr is-Sur Paul Vella u l-Viċi Sindku s-Sur Eman Vella.

Huwa ra l-frawli tinqata', ġie spjegat il-proċess tat-tkabbir tal-frawli u ġiet esebita mejda bil-frawli u l-ħxejjex imkabbrin fl-Imġarr. Iż-żjara kompliet fis-sala tal-Koperattiva fejn l-Eċċ. Tiegħu kompla jitkellem mal-bdiewa preżenti, waqt li flimkien daqu ikel bnin u jfuħ: ftajjar, ġbejniet friski, frawli ppreżentata b'diversi modi, inbid tal-frawli u larinġ magħsur.

Iż-żjara ntemmgħet billi Dr. Abela rringrazzja lill-bdiewa għax-xogħol siewi li jagħmlu, fejn qal li x-xogħol tagħhom mhux wieħed faċli. Mhux xogħol ta' ħames t'ijiem bi tmien siegħat fil-ġimgħa biss. Huwa qal li huwa importanti li l-awtoritajiet jirrikonoxxu l-fatt li l-bdiewa qed ifornu lill-gżejjer Maltin bi frott u ħxejjex friski. L-entitajiet ikkonċernati għandhom jindirizzaw id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom il-bdiewa.

*Mġarr Farmers Cooperative Society Ltd.*





# Frott il-Bidwi Mġarri 2013

**Mary Camilleri**







Għas-seba' sena konsekuttiva f'April ta' din is-sena reġgħet ittellgħet Frott il-Bidwi Mġarri organizzata minn kummissjoni mwaqqfa bil-għan li ttella' attività li tippromovi l-ħaxix u l-frott lokali, l-ambjent rurali u agrikolu, u fl-istess ħin tiġbor fondi għall-Knisja taż-Żebbiegħ.

Din is-sena l-organizzazzjoni kienet aħjar minn dik tas-snin preċedenti u dan deher b'mod ċar fl-ammont ta' nies li attendew.

Twaqqfu diversi *stands* għall-bejgħ ta' ħaxix u frott, bejgħ tal-ikel, bejgħ ta' pjanti u l-istand bil-bejgħ tal-bajd, żejt taż-żebbuġa, għasel, ħxejjex ippreservati, ġulepp u ġbejniet. Kien hemm esebizzjoni ta' annimali, karettuni armati, karozzi antiki, pittura u ritratti. Filwaqt li t-tfal kellhom iċ-ċans li jduru dawra bil-karettun mal-ħmar, il-kbar setgħu jittantaw xortihom fil-fiera jew fil-lotteriji. Ma naqasx ukoll l-għana mid-dilettanti Mġarrin. Il-knisja kienet miftuħa għall-pubbliku l-ġurnata kollha u matul il-jum saru tliet quddisiet li għalihom in-nies attendiet bi ħġara.

Is-sabiħ tal-attività mhuwiex biss li tara nies minn kull parti ta' Malta li jiġu u japprezzaw il-kultura tagħna l-Imġarrin, f'dak li jkun għall-bejgħ u għall-wiri, imma wkoll li għal bosta xhur din tkun okkażjoni fejn persuni mir-raħal tagħna, li ġejjin minn setturi ta' xogħol differenti, jaħdmu flimkien volontarjament b'għan wieħed. Il-qofol ta' din l-għaqda u ħeġġa laħqet il-qofol tagħha l-Ħadd, 28 t'April 2013, meta tfal, kbar u anzjani, kollha entużjażmu u bżulija, flimkien tellgħu din l-attività. Attività annwali, fost oħrajn mtellgħin fl-Imġarr, li jagħmluna Mġarrin.

**F'isem il-Kummissjoni nirringrazzja lil kull min għen biex din l-attività tkun suċċess.**



# Ħidmiet Missirijietna 2013

Din is-sena l-Kunsill Lokali tal-Imġarr flimkien ma' Mġarr Youth Drama Company organizzaw ir-raba' edizzjoni tal-Festival Ħidmet Missirijietna, nhar is-Sibt 6 ta' Lulju 2013 ġewwa l-għelieqi ta' Binġemma. L-attività prinċipali kienet tikkonsisti f'rikostruzzjoni rejalistika tal-qiegħa tal-qamħ, bl-istess mod kif kienet issir mill-antenati Imġarrin. Il-qamħ li beda jinħasad bil-minġel, intrabat f'qatet u nġarr bil-karrettun sal-qiegħa, fejn infirex u ndires taħt saqajn il-bhejjem. Il-proċess tal-qiegħa tal-qamħ kien spjegat mill-organizzaturi u ġie imqassam fuljett informattiv.

Minbarra l-qiegħa, tħaddmet il-magna tad-dries tal-qamħ l-antika u ntwerew inġenji relatati mal-ħsad tal-qamħ. Attrazzjoni oħra li ġabet ħafna nostalġija kienet il-ħart bil-bhejjem u s-sikka. Rkejjen oħra kienu jinkludu esebizzjoni ta' snajjiet tradizzjonali, *stands* bl-ikel Malti, rokna bl-annimali tar-razzett, kif ukoll rokna għat-tfal li rikbu fuq il-karrettun u qagħdu jduru fl-għelieqi tal-attività. Is-serata ntemmet b'majjalata, akkumpanjata b'daqq tradizzjonali Malti u għana spirtu pront minn għannejja lokali.

## MINN FUQ IL-QIEGĦA

Missirijietna kienu jibdew jiżirgħu l-qamħ li jkunu refgħu b'tant għożża mis-sena ta' qabel fix-xahar ta' Novembru. Iż-żerriegħa tinbet u tikber matul ix-xitwa u għall-ħabta ta' April tibda tifforma s-sbula tal-qamħ. Lejn l-aħħar ta' Mejju u l-bidu ta' Ġunju l-qamħ ikun imtela ġmielu u niexef biżżejed biex il-bidwi jiġbru. Il-ħsad tal-qamħ kien isir bl-idejn, permezz tal-minġel (għodda taqta' forma ta' nofs qamar). Dan kien jinvolvi sigħat twal ta' xogħol iebes fejn il-bdiewa jaħdmu baxxuti ma' wiċċ il-ħamrija biex bil-minġel jaħsdu l-qamħ bla ma jkun hemm tħarbit. Minħabba li l-qamħa tkun nixfet u allura titfarrak malajr, il-bidwi kien ifittex li x-xogħol tal-ħsad isir f'temp ta' irtuba (umdu).

Malli jitlesta l-ħsad, il-bidwi kien jipprepara għad-dris tal-qamħ fuq il-qiegħa. Il-qiegħa kienet tkun biċċa art tonda u mballta li ssir f'għalqa miftuħa għal kull żiffa riħ fuq. Il-post tal-qiegħa kien jixxarrab sewwa bl-ilma jew inkella msoqqi u fil-wiċċ kien jintefa ftit tiben jew sifa biex il-wiċċ jibbies. Imbagħad il-bidwi kien iwitti kemm jista' u jtappan il-wiċċ tal-qiegħa billi jiġbed warajh romblu tqil tal-ġebel tal-qawwi msejjaħ romblu tal-qigħan.

Sadanittant il-qamħ maħsud jibda jinġabar u jsir qatet. Dawn il-qatet kienu jintrabtu bl-irbata li kienet tkun speċi ta' ħabel magħmula mill-qamħ stess. Kull qatta qamħ kien ikun fiha erba' għamriet (ċapep ta' qamħ) li kienu jintrabtu flimkien bl-irbata forma ta' għoqda. B'dan il-mod il-qamħ maħsud tal-għalqa kien isir qatet, jinġabar fi mniezel żgħar u jinġarr bil-bhima u l-karettun lejn il-qiegħa.

Sabiex jibda x-xogħol tad-dris fuq il-qiegħa, il-bidwi kien joqgħod attent li t-temp ikun sħun u xott, imsejjaħ eħtrieq, ħalli l-qamħ u s-sbula jkunu mqarqċin u x-xogħol isir aħjar. Ix-xogħol fuq il-qiegħa kien isir billi jibdew jinfetħu l-qatet tal-qamħ u jitferrxu fuq il-qiegħa sakemm ikun hemm m'għola l-irkoppa. Id-dris

(Ikompli fil-paġna li jmiss)




















fuq il-qiegħa kien isir permezz ta' annimali li kienu jintrabtu tnejn jew tlieta maġenb xulxin. Il-bidwi kien joqgħod fin-nofs bit-tarf tal-ħabel f'idejh u jmexxi l-annimali madwaru li kienu jimxu u jduru fuq il-qiegħa. Il-mixja tal-annimali fuq il-qamħ kienet tkisser it-tiben u toħroġ il-qamħa mill-fosdqa tagħha permezz tal-irfis ta' saqajhom.

Id-dris fuq il-qiegħa kien jieħu sigħat twal taħt xemx tisreġ u għalhekk il-bidwi kien jilbes kappell kbir. Kultant ħin il-bidwi kien iwaqqaf l-annimali u jordnalhom iduru bil-kontra. Din l-azzjoni kienet tissejjaħ iħabbeż l-annimali. Waqt id-dris bil-bhejjem, nies oħrajn kienu jqallbu l-qamħ ta' taħt fuq permezz tal-midra (furketta tal-injam) biex id-dris isir aħjar. Fl-aħħar, it-taħlita ta' qamħ u tiben ta' fuq il-qiegħa kien jitgeddes f'munzell biex ikun lest għat-tidrija. Il-qamħ kien jidderra (jintgħażel) permezz ta' għarbiel u żiffa riħ tajba, għax kif jgħid il-qawl Malti "Riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa".

Wara li jderruh, il-qamħ kienu jsaffuh billi jittajjar bil-luħ, li kien qisu pala tawwalija tal-injam. Meta l-qamħ kien jinġabar mill-qiegħa, dan kien jiġi mgħarbel sew mir-ramel, naqal u minn xi sifa li jkun għad fadal. Meta kienu jgħarblu l-qamħ kienu jpoġġuh fuq liżar jew xi nċirata mal-art. Minn hemm dan kien jitkejjel u jitfgħuh fi xkejjer ta' tomnejn il-waħda. Il-qamħ kien jittieħed f'xi mitħna biex jintaħan fi dqiq sabiex minnhu kien isir il-ħobż.





# Iż-Żmien Isajjar il-Bajtar

Victoria Grech

Il-ħajja tan-nies tal-imgħoddi kienet ħajja 'sempliċi' għalina li ngħixu mdawrin b'kull xorta ta' makkinarju. Iżda meta tidħol fil-fond ta' kull ma' kienu jagħmlu tinduna malajr li din it-tip ta' ħajja kien fiha ħafna ħsieb u għaqal. In-nuqqas ta' ilma, il-klima, is-suq limitat u ħafna fatturi oħra wasslu lill-Maltin biex jaddattaw ruħhom għas-sitwazzjonijiet li kienu jgħixu fihom.

F'dan l-artiklu ser nitkellmu fuq it-tin imqadded u t-tin taċ-ċappa. Fix-xhur sħan tas-sajf f'Malta u Għawdex it-tin minn dejjem kien jagħmel b'abbundanza u minħabba f'hekk missirijietna ħasbu sabiex din il-frotta ma tinħeliex meta tkun fl-aqwa tal-istaġun tagħha. Ix-xemx qawwija kienet l-aqwa mezz sabiex it-tin jitnixxef u wara jiġi ppriservat b'mod naturali ħalli jinħażen u jittiekel matul il-ġranet kesħin tax-xitwa meta kien ikun diffiċli li ssib frott frisk. Il-proċess kien isir fi żmien qasir. Meta l-frott kien jinqata' kienu jaqsmuh u jifthuh ċatt fuq il-bejt jew fuq xi ħajt tas-sejjieħ. Wara jumejn jew tlieta t-tin kien ikun nixef. Kien importanti li jinġabar matul il-ġurnata għaliex jekk tkun għamlet in-nida matul il-lejl it-tin ma jkunx nixef tajjeb biżżejjed biex jiġi ppriservat. Wara dan il-proċess ikun imiss li t-tin imqadded jiġi mpoġġi ġo kaxxa nadifa tal-injam jew tal-landa biex isir it-tin taċ-ċappa. Kull familja kien ikollha riċetta li tvarja xi ftit minn dar għal oħra. Il-metodu kien faċli ħafna. L-ewwel kienu jdawru l-kaxxa bil-karti strazzi, jiksu l-qiegħ bil-weraq tar-rand u wara jrossu fuq xulxin saffi ta' tin imqadded. Bejn kull saff kienu jpoġġu weraq frisk tar-Rand, żerriegħa tal-bużbież u jroxxu xi ftit xorb bħal aniżetta jew vermut. Biex ma jħallux arja bejn is-saffi kienu jippressawh tajjeb billi jitilgħu fuqu b'saqajhom ħalli jiġi kollox ħaġa waħda. Fl-aħħar jagħlqu b'saff weraq tar-Rand u karti strazzi. Il-kaxxa tat-tin kienet xi ħaġa prezzjuża ħafna għal familja u kienu jżommuha ġo post mhux umduż biex isservihom għax-xitwa kollha.

Fil-festa ta' San Martin li tiġi ċċelebrata f'Novembru, il-bdiewa Maltin kienu jifthu l-inbid u l-kaxxa tat-tin taċ-ċappa – San Martin ikisser it-tin u Katarin tisqih mill-fin. Minn dakinhar wara l-ikel kull membru tal-familja kien jingħata biċċa tin imqadded bħala deżerta bnina.

Ġuże' Aquilina fid-dizzjunarju tiegħu isemmi numru kbir ta' siġar differenti tat-tin li jikbru f'Malta. Dan juri li sa minn żmien ilu din is-siġra kienet popolari u mportanti għall-Maltin. Aquilina jsemmi mhux inqas minn disgħa u għoxrin varjetà ta' siġar tat-tin, li jvarja minn tin abjad, bajtar ta' San Ġwann, tin aħdar ċar u farkizzan u parsott – tin iswed li jsajjar għal Settembru. Isemmi wkoll id-dukkara. Ġużi Gatt, fil-ktieb tiegħu 'Qegħda fil-Ponta ta' Lsieni' jikteb li d-dukkara tat-tin hija s-siġra tat-tin raġel. Għal ħabta tar-rebbiegħa niftakar lin-nannu, Ġanni Galea tas-Sulfarin, jitla' Tar-Ragħad u jġib mimli barmil dukkar, li kien ikun tin aħdar żgħir, u jxerrdu taħt is-siġar kbar tat-tin biex idakkar it-tin l-iswed.

Sfortunatament illum is-siġar tat-tin hawn Malta qegħdin jinqerdu bil-mod minħabba li sabu għadu minn ħanfusa qerrieda – il-Bumunqar Aħmar tal-Palm. Wara li din għamlet ħerba mill-Palm issa qegħda teqred ukoll is-siġar tat-tin, tut u ċawsli. Ħasra kbira tara siġra kbira titmermer u tmut f'daqqa. Ftit hemm x'tagħmel biex tinqered din il-ħanfusa iżda nissuġerixxi li min għandu siġar tat-tin ikabbar aktar minnhom bit-tirqid (*layering*) jiġifieri taqbad fergħa tas-siġra, tmidda fil-ħamrija ġo qasrija jew fl-art, iżommha marbuta fil-post u maż-żmien, dik il-parti tal-fergħa li tkun tmiss mal-ħamrija jikbru x-xniexel. Jekk taqta' l-fergħa minn mas-siġra bix-xniexel b'kollox, tkun tista' tħawwilha u jkollok siġra tat-tin ġdida.

Mal-medda tas-snin missirijietna tgħallmu ħafna u dan l-għerf għaddewulna b'wirt. Nemmen li aħna fid-dmir li ma nħalluhx jintesa iżda nibnu u nżidu miegħu biex inħalluh lil ta' warajna mogħni b'aktar dehen.









# Mġarr Local Council concludes Cypfire Project

CypFire project is a P.O. Med funded project with partners from Italy, Spain, Malta, France, Greece, Israel, Portugal, Tunisia and Turkey. Cypfire aims at suggesting a practicable, ecological and economical solution to protect natural landscapes from fires through a sustainable and lucrative system. This project (2011-2013) was a showcase to demonstrate experimentally that green barriers of cypress trees (horizontal type of *Cupressus sempervirens*) can prevent, control and cut down damage caused by environmental risks such as fires, wind and desertification. Malta was represented by Mġarr Local Council with the collaboration of the Institute of Earth Systems at the University of Malta, who carried out research on two cypress experimental sites at Ballut and Ġnejna in the limits of Mġarr.

## WHY PLANT CYPRESS TREES?

- An indigenous Mediterranean Species adapted to our climate and landscape
- An evergreen tree that can be planted as a natural green wall or for property demarcation
- A tree typically used in mystical sites such as close to churches, monasteries and cemeteries
- Rows of cypress trees planted in a close formation restricts flow of air and is ideal as wind breaker and fire breaker
- Cypress leaves accumulated on soil do not create air pockets and makes the litter less susceptible to spread of fire
- *Cupressus sempervirens* does not permit undergrowth of plants and thus restrict the spread of fire on the ground layer
- The leaves of cypress trees are not easily flammable such as those of pines or oaks, giving more time for civil protection to control the spread of fires

**Med Programme – Chesion Policy 2007-2013**
**(Europe in the Mediterranean)**

European Regional Development Fund (ERDF)
Project part-financed by the European Union
Co-financing rate: 85% EU Funds: 15% National Funds





# The Tempra Museum of Modern Art

Dame Francoise Tempra

The Tempra Museum of Modern Art at the Imġarr Local Council is based on three floors. It is the only museum in Malta of International Modern Art. It was created in 1999 and in the year 2000, its first 100 pages catalogue was published. It listed and illustrated 240 artists from 60 nations, mostly with works of art by members of the Tempra Academy - created in London in 1975 which organized yearly cultural events in arts, music literature etc in various countries in Europe, America, Australia, Asia and Africa.
The Tempra Museum illustrates works by artists from most of the Modern and Contemporary Art Movements that are: Abstraction, Essentialism, Neo-Impressionism, Neo-Expressionism, Surrealism, Hyperrealism, Space Painting, Conceptual Art, Action Painting, Arte Povera, Naïve Painting, Colorismo Veneto etc. Over the years following its creation, the Tempra Museum of Modern Art added works by artists not only of the Tempra Academy but also some of the award winners of the Malta International Arts Biennale since 1995 when it was created.

Imġarr, home of the Ta' Ħaġrat Temples (3200 BC), can flatter itself to cover more than 5000 years of art history with the modern art movements represented at the Tempra Museum. Additionally, creating international prestige for Malta, the unique collection of works from 47 American artists of the American Abstract Artists Association, a movement created in 1936, in New York which greatly influenced art in Europe. The selection had been planned with Dr. Irene Rousseau, President of the American Abstract Artists (1979-1982) and Prof. Vivienne Wechter of New York Fordham University who came to Malta and were guests at Villa Tempra. They hosted the Malta Arts Biennale at the New York Lincoln Center which received works from artists of the Tempra Museum of Modern Art.

These events are all illustrated in the 450 pages book "A Third of a Century of Art in the World" which can be consulted at the Tempra Museum. The 2013 Malta International Arts Biennale, which counts some 40 cultural events (art exhibitions, lectures, literary and musical events etc.) in Malta and overseas, was inaugurated on 5th January 2013 at the Radisson Blu Resort & Spa Golden Bay-Malta and subsequently in various venues in Malta and Europe. In Venice – Italy-the 2013 Malta Arts Biennale was presented with Museo Tempra artists from 28th April to 12th May 2013, at the Museo Nazzionale di Villa Pisani di Stra.

On 4th May 2013 the Malta Arts Biennale gave a poetry reading followed by a much praised violin concerto by Dr. Marcel Tufigno at Villa Tempra. The 2013 Malta Arts Biennale was opened on the 23rd May at the Tempra Museum of Modern Art by art historian and former curator of museums Dr. Prof. Fr. Marius Zerafa and the dynamic Mayor of Imġarr Paul Vella. It also included the highly acclaimed singing performances of two young talents from Imġarr: Michela Galea and Gaia Cauchi.

The Italian artist Vincenzo d'Arro greeted the 2013 Malta Arts Biennale on 8th June at the Tempra Museum of Modern Art with the Exhibition "The Portrayal of Memories" followed by a lecture with the same title.

The breathtaking 2013 Malta Biennale presentation "Tribute to Venice" of large paintings by Italian architect and painter Giovanni





**Photo 1:** Tempra Museum of Modern Art catalogue cover with paintings by Milena Kunz Bijno (Germany), Lilika Papanicolaou (Greece) Luciano Gasper (Italy) and sculptures by Vincent Apap (Malta) and Patricia Finch (United Kingdom).

**Photo 2:** Opening of the 2013 Malta Arts Biennale at the Tempra Museum of Modern Art - Imġarr 23rd May 2013. From left: Eman Vella, Vice–Mayor of Imġarr, Mina Tempra, Dr.Prof. Fr Marius Zerafa, Former Director of Museums in Malta, Dame Francoise Tempra, Curator of the Tempra Museum of Modern Art in Imġarr and Founder-President Malta Arts Biennale, Paul Vella Mayor of Imġarr and Clayton Gauci, Councillor at Imġarr.

**Photo 3 (inset):** Enchanting Singing Recitals by Michela Galea and Gaia Cauchi both from Imġarr.

***(Continues overleaf)***





Trevisan amazed all present on 22nd June at the Radisson Blu Resort and Spa at Golden Sands. However, those gigantic works by Trevisan were highly admired at the special presentation on 7th July, in the Gardens of Villa Tempra in Imġarr with the Mayor, Mr. Paul Vella and international artists and friends.

The great overseas presentation of the 2013 Malta Arts Biennale took place at the heart of Paris, in France from the 15th to 30th July 2013, at the Centre Culturel Christiane Peugeot, 62 Avenue de la Grande Armee, in Paris, leading to the Arc de Triomphe. In its five glamorous halls on two floors, the Centre Culturel received a great homage especially from Malta, amongst the international presence of artists, musicians and literary creators: Anton Agius (Malta), Margaret Agius (Malta), Nikki Arnett Depasquale (U.K./Malta) Maria Azzopardi (Malta), Manuel Barata (Portugal), Jean-Marie Bellemain (France), Bruna Brazzalotto (Italy), Erika Brincat (Malta), Olga Bobrovnikova (Russia), Ronald Burns (U,S.A.), Claude Busuttil (Malta), Gabriel Caruana (Malta), Guareta Coromoto (Portugal), Vincenzo D'Arro (Italy /Malta), Giacomo de Pass (France), Carlos Diaz (Peru) Ruben Freitas (Portugal), Joe Genovese (Malta), Astrid Gillenus (Sweden), Marie Goutte (France), Frank Hill (U,K,), Saira Kleinhans (Japan), Michael Korber (U.S.A.), Eva Kover (Hungary/Malta), Tiziana Sadocco (Italy/ Malta), R.O.Schabbach (Germany), Raphael Labro (France), Guy Lemesre (France), Andre Meynet (Switzerland), Michele Morando (Italy), Lilika Papanicolaou (Greece), Ricardo Passos (Portugal), Christiane Peugeot (France), Corine Peyron (France), Francois Pohu-Lefevre (France), Fericity Prazak (Australia), Jamila Rigalla (Libya), E.Rosqvist (Sweden), Rolf Olaf Schabbach (Germany, Rossana Tamari (Colombia), Alexander Telin (Russia), Giovanni Trevisan (Italy).




Works by these artists can be viewed permanently at the Tempra Museum of Modern Art, Imġarr. The Maltese architect Claude Busuttil gave a very interesting lecture in the most elegant French. Maria Azzopardi and Alexander Telin filled halls 2 and 3 with magnificent scenes of Malta. The now Gozitan Raphael Labro unveiled to the public his "Phosphorescence in Art" with works in the underground arcaded Gallery of the Centre Culturel Christiane Peugeot. Margaret Agius gave a humorous presentation of Malta and Vincenzo D'Arro repeated his lecture "Portrayals of Memory" given at the Tempra Museum of Modern Art on 8th June 2013. And all these events acknowledged the marvellously outstanding pianists Olga Brobovnikova and Rossanna Tamari. The 2013 Malta Arts Biennale events are: the Corine Peyron (France) The latest exhibition at the Tempra Museum of Modern Art in Imġarr Local Councilincluded works of Corine Peyron, Giacomo de Pass and Guy Lamesre exhibited in October. "Special Tribute to Manuel Quintanilla" who left us recently will be held at the Tempra Museum of Modern Art, Imġarr in the near future.

**Visiting hours of the TEMPRA MUSEUM**

**Summer**
Monday to Friday: 8am – 1pm

**Winter**
Monday to Friday: 8am – 3pm



# Laqgħat ta' Kortezija Barra minn Xtutna

Meta f'Settembru tal-2008 is-Sindku Paul Vella iffirma l-ftehim ta' ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali ta' Mathi, f'Turin l-Italja, kien il-bidu ta' sensiela ta' proġetti li saru bejn iż-żewġ irħula speċjalment fil-qasam taż-żgħażagħ. Minħabba li l-Kunsill Lokali tal-Imġarr hu attiv ħafna u anke minħabba l-karatteristiċi li lir-raħal tagħna jagħmluh uniku, l-Kunsill ikollu ħafna talbiet minn Kunsilli Lokali minn pajjiżi differenti biex jagħmlu ftehim ta' ġemellaġġ mal-Imġarr.

Il-Kunsill Lokali jevalwa l-opportunitajiet u l-benefiċċji li r-raħal tagħna jista' jieħu minn ftehim ta' dan it-tip qabel jieħu deċiżjonijiet bħal dawn. Kien għalhekk li fl-aħħar xhur il-Kunsill Lokali tal-Imġarr aċċetta l-istedina ta' tliet komunitajiet ewropej differenti u marru delegazzjonijiet f'isem l-Imġarr biex iżuru dawn il-postijiet.

**Tajjeb li tkun ċara li l-ispejjeż KOLLHA relatati ma' dawn il-mawriet ġew imħallsa mill-Kunsilliera u n-nies involuti. Il-Kunsill Lokali ma uża' l-ebda fondi pubbliċi u lanqas fondi oħra biex iffinanzja dawn il-mawriet.**

## DELEGAZZJONI IMĠARRIJA ŻŻUR LAGOSANTO, L-ITALJA

Lagosanto huwa villaġġ żgħir, b'popolazzjoni ta' madwar 4,500, fil-provinċja ta' Ferrara, fir-reġjun tal-Emilia-Romagna fl-Italja. Karatteristika ta' dan il-post hi li jinsab ħdejn id-delta tax-xmara Po u jinsab taħt il-livell tal-baħar. Dan ifisser li kieku m'hemmx pompi kbar li kontinwament jippumpjaw l-ilma għal ġol-baħar, kieku Lagosanto jegħreq taħt l-ilma. Infatti fix-xitwa u fiż-żmien tas-sena meta l-livell tal-ilma tax-xmara Po jogħla, jkun hemm bżonn iżjed pompi. Il-ħajja f'Lagosanto hija nfluwenzata minn din is-sitwazzjoni, però dan iwassal biex ir-raba' tal-madwar hu fertili ħafna. L-agrikoltura hi l-mutur ewlieni tal-ekonomija f'Lagosanto.

Wara li l-ex Sindku ta' Lagosanto, s-Sinjura Paola Ricci, għamlet diversi tentattivi biex tibda l-proċess għall-ftehim ta' koperazzjoni mal-Imġarr, f'Mejju li għadda s-Sindku Paul Vella, l-Kunsillier Mario Sammut, u Victoria Grech (f'isem Festa Frawli) qabdu l-ajruplan lejn Lagosanto. Id-delegazzjoni kienet immexxija minn Dr. Valentina Pecora, li ħadet ħsieb torganizza l-laqgħat u d-diskussjonijiet mar-rappreżentanti taż-żewġ komunitajiet sa minn qabel il-mawra f'Lagosanto.

Bħal l-Imġarr, Lagosanto hu magħruf fl-Italja għall-agrikoltura tiegħu b'mod speċjali għall-frawli u għall-'Sagra della Fragola' li jorganizza kull sena. Kien għalhekk li l-mawra saret f'Mejju, propju biex id-delegazzjoni Imġarrija setgħet tattendi anke għal din il-Festa ta' Frawli li jorganizzaw f'Lagosanto. Fl-istess provinċja jinsab ċentru tar-riċerka fix-xitel tal-frawli magħruf mal-Ewropa kollu, minn fejn diversi bdiewa Imġarrin jimpurtaw ix-xitel tagħhom.

B'dispjaċir kbir, s-Sindku ta' Lagosanto ma setgħetx takkumpanja d-delegazzjoni u lanqas tkun involuta fid-diskussjonijiet, minħabba li kienet marida serjament l-isptar, u mietet ftit ġimgħat wara. Kien għalhekk li l-Viċi-Sindku, Manuel Masiero ħa dan l-irwol f'idejh, u ġew diskussi numru ta' proġetti li jistgħu jsiru bejn iż-żewġ Kunsilli Lokali. Preżenti għad-diskussjonijiet kien hemm anke s-segretarju ġenerali tar-reġjun, l-Avukat Dr. Centurio Frignani.





**Gemellaggio, gettate le basi con la maltese Mgarr**

LAGOSANTO. In occasione della sagra della fragola l'amministrazione comunale ha gettato solide basi per quello che a breve diventerà un gemellaggio, il primo della cittadina laghese che quest'anno...

LAGOSANTO. In occasione della sagra della fragola l'amministrazione comunale ha gettato solide basi per quello che a breve diventerà un gemellaggio, il primo della cittadina laghese che quest'anno celebra anche il millennio di vita del territorio. Ieri, nella sala consiliare il vice sindaco Manuel Masiero unitamente al presidente della Pro Loco Claudio Cicognani e la segretaria capo Daniela Chiodi, hanno incontrato il sindaco di Mgarr, Paul Vella, il consigliere comunale Mario Sammut, la responsabile delle relazioni maltesi Valentina Pecora e l'equivalente italiano del presidente della locale Pro Loco, Victoria Grech, che ha posto le basi per il patto d'amicizia che sarà firmato a Lagosanto il 28 settembre e a Mgarr la prima domenica di febbraio 2014, presente anche Centurio Frignani segretario generale della federazione Emilia Romagna di Aiccre.

Il vice sindaco Masiero si è detto soddisfatto delle relazioni che intercorrono tra Lagosanto e Mgarr, la cittadina maltese, di circa 3 mila abitanti, a nord ovest dell'isola di Malta, ha in comune con il territorio laghese la coltivazione della fragola ed una sagra dedicata al prelibato frutto.

Anche il sindaco di Mgarr, Vella si è detto contento e soddisfatto di questo primo incontro. I presenti alla conferenza hanno ricordato che se Lagosanto si gemellerà con Mgarr sarà anche merito del sindaco laghese Paola Ricci, che da turista in questa località che si affaccia su due delle più belle baie maltesi, ha avviato i primi passi per questo contatto tra le due comunità. Frignani si è detto soddisfatto di questo primo incontro e fiducioso sul patto d'amicizia ed il futuro gemellaggio, ricordando che la regione Emilia Romagna è gemellata con la regione maltese di Gozo. (m.r.b.)

## DELEGAZZJONI IMĠARRIJA ŻŻUR CASTELMOLA, SQALLIJA

Stedina oħra kienet mill-Kunsill Lokali ta' Castelmola, provinċja ta' Messina, in-naħa ta' fuq ta' Sqallija. Castelmola jinsab iżjed 'il fuq minn Taormina, u hu meqjus bħala wieħed mill-isbaħ villaġġi fl-Italja, b'popolazzjoni ta' madwar 1100 persuna. Karatteristiċi ta' dan il-post huma t-toroq dojoq, ix-xenarju sabiħ immens, u l-veduti ta' Taormina, Giardini Naxos u l-Etna.

Nhar il-Ħadd 13 ta' Ottubru, s-Sindku Paul Vella, u l-Kunsilliera Eman Vella u Clayton Gauci marru ġurnata f'Castelmola, biex jiltaqgħu mas-Sindku Dr. Orlando Russo u l-Kunsill ta' Castelmola u jiddiskutu l-possibiltà ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ lokalitajiet. Waqt il-mawra

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*


BASSO FERRARESE

LIDO ESTENSI LAVORI ALLA RETE IDRICA: POSSIBILI DISAGI

Lagosanto-Mgarr, gemellaggio nel segno della frago

Primo passo verso il patto di amicizia col Comune maltese che condivide la coltura del fru

Un locale dedicato a 'Berba'
giovane morto in un incident







tagħhom, setgħu iżuru festival bit-tema tal-għasel li Castelmola hu magħruf għalih.

## DELEGAZZJONI F'MORBACH, IL-ĠERMANJA

Minn żmien għal żmien, Dame Francoise Tempra ġġib lejn l-Imġarr diversi artisti, kemm biex jesebixxu xogħolhom fil-Kunsill Lokali u anke minħabba r-rabta tagħha mal-post. Fl-2011 kien hawn Malta l-Kavallier R. Olaf Schabbach, artist magħruf fl-Ewropa, li għalkemm kien ġie l-Imġarr drabi oħra, iltaqa' mas-Sindku Paul Vella u pproponielu biex tinħoloq relazzjoni bejn l-Imġarr u Morbach, il-post minn fejn ġej hu. Il-Kavallier R.O Schabbach hu l-iżjed magħruf għall-arti moderna tiegħu u għall-wirjiet u serati ta' dwal ikkuluriti sinkronizzati mal-mużika.

Il-Muniċipalità ta' Morbach hija ffurmata minn kollezzjoni ta' 19-il lokalità, fid-distrett ta' Bernkastel-Wittlich, fir-reġjun ta' Rhineland-Palatinate fil-Ġermanja, b'popolazzjoni ta' madwar 11,000 persuna. Il-lokalità ta' Morbach hija ffurmata minn għoljiet u foresti.

Is-Sindku Paul Vella, u l-Kunsilliera Mario Sammut u Elizabeth Ebejer marru Morbach bejn is-17 u l-20 ta' Ottubru 2013, fejn kienu ospitati mill-familja Schabbach. Saru laqgħat mas-Sindku ta' Morbach, is-Sur Andreas Hackethal li wera ħeġġa kbira biex jikkopera mal-Kunsill Lokali tal-Imġarr, u laqgħat oħra ma' rappreżentanti ta' għaqdiet u anke maċ-*Chairperson* tal-organizzazzjonijiet non-governattivi.

Morbach joffri ħafna opportunitajiet għall-Imġarr f'diversi aspetti u anke huwa mudell ta' eċċellenza f'ħafna oqsma. Fil-qasam tal-enerġija u l-ambjent Morbach jeċċella fl-Ewropa u huwa ċċertifikat bħala *eco-town*. Fis-snin 1950, żona kbira f'Morbach kienet tintuża mill-*Airforce* Amerikana u bħala ħażna tal-bombi tal-Amerika. Wara li waqgħet l-Unjoni Sovjetika dan il-post tilef l-iskop tiegħu, u fl-1995 għadda f'idejn il-Kunsill ta' Morbach. Wara li evalwaw diversi alternattivi ta' kif setgħu jutilizzaw il-post, ġie deċiż li jsir ċentru ta' enerġija alternattiva, u għalhekk ġew installati fih numru kbir ta' pannelli fotovoltajċi, turbini tar-riħ u anke sistema tal-enerġija ġġenerata mill-iskart.

Din is-sistema hi biżżejjed biex tipprovdi elettriku għall-użu domestiku tad-djar kollha ta' Morbach, u qegħdin jaħdmu biex sa 2020 jissupplixxi anke d-domanda industrijali taż-żona, u allura l-mira hi li fl-2020 Morbach ikun qed juża' enerġija alternattiva biss.

It-toroq u s-sistemi tat-trasport huma eċċellenti u l-arja hi rekordjata bħala l-iżjed nadifa fl-Ewropa kollha.

Opportunitajiet oħra li ġew preżentati jinkludu l-qasam agrikolu speċjalment il-qasam tal-inbid abjad (f'Morbach jipproduċu fost l-aqwa inbid abjad), fil-qasam tal-edukazzjoni primarja, u anke l-għaqdiet tan-nisa fiż-żoni rurali. Diġa bdew diskussjonijiet biex l-Imġarr Youth Nursery tkun involuta ma' timijiet Ġermaniżi, u anke għaddejjin diskussjonijiet biex isir proġett fil-qasam tal-arti, bil-għajnuna u l-involviment tal-Kavallier Schabbach.









# Mġarr Karate Club (1999-2013)

**James Galea**

| | |
|---|---|
| **Indirizz:** 'Hikari', Triq Fisher, L-Imġarr, Malta, MST 10 | |
| **Tel:** 2158 0711 / 2158 5634 – **Mob:** 9908 2404 | |
| **Email:** hikari@onvol.net | |
| **Chief Instructor:** Sensei James Galea 5th Dan | |
| **Assistant Instructor:** Sensei Joe Grima 3rd Dan | |
| **Club Secretary – MKF President:** Mr Kenneth Abela 3rd Dan | |
| **Assistenti:** Carl Muscat, Luke Galea, Gabriel Camilleri, Miriana Vella, Benjamin Zammit | |
| **Għaqdiet:** World Karate Federation - Malta Karate Federation Kunsill Malti Għall-Isport - MOC | |

***"Karate represents the combination of sincere effort & unrelenting persistence"***





## Jum Memorabli Għal Dawn Il-Black Belts Ġodda

Tlettax-il atleta, b'etajiet ivarjaw minn 14 sa 59 sena, qagħdu għall-eżami tal-*Black Belt* organizzat mill-Malta Karate Federation fl-Mġarr Karate Club, is-Sibt 6 ta' Lulju, 2013. Dan ser jibqa' jum memorabli għal dawn l-atleti, sitta minnhom mill-Mġarr Karate Club, li lkoll għaddew b'suċċess minn dan l-eżami, wara snin ta' taħriġ dixxiplinat, li ntensifika sew tul dawn l-aħħar sitt xhur.

6 ta' Lulju 2013 Mġarr Karate Club: It-tlettax-il atleta ferħanin u sodisfatti wara li għaddew b'suċċess mill-eżami tal-*Black Belt*, flimkien mal-assistenti, familjari u l-bord tal-eżaminaturi tal-MKF, li kien jikkonsisti minn Sensei Anthony Zammit (6th Dan), James Galea (5th Dan), Edward Aquilina (4th Dan) u Jason Edwards (4th Dan), flimkien mal-President Mr Kenneth Abela Sensei Michelle Vella (3rd Dan – MKF Committee).

It-tlettax-il atleta huma:

**1st Dan Black Belt:**
Michaela Rapa 14, Rebecca Spiteri 14, Abigail Galea 14, Luke Galea 14, Gabriel Camilleri 17, Samantha Muscat 20, Carl Muscat 21, Malcolm Zammit 22, Brian Abela 51.

**2nd Dan Black Belt:**
Lino Spiteri 57, Damian V Linicker 44, David Pulis 35.

**3rd Dan Black Belt:**
Stephen Grima 25.

Is-sitt atleti mill-Mġarr Karate Club li ħadu l-**Black Belt**: Luke Galea 14, Gabriel Camilleri 17, Carl Muscat 21, Brian Abela 51 (kollha 1st Dan), David Pulis 35 (2nd Dan) u Stephen Grima 25 (3rd Dan) flimkien ma' Sensei James (5th Dan) u Sensei Joe (3rdDan).

"Jien ferħan ħafna li bil-għajnuna t'Alla u tal-assistenti tiegħi irnexxielna nwasslu dawn l-atleti tagħna sa dan il-livell, li jirrifletti bżulija, dedikazzjoni u dixxiplina minn naħat kollha, inkluż il-federazzjoni u l-familjari tagħna lkoll. Grazzi mill-qalb u prosit tassew."

Sensei James



## Aktar taħriġ ma' għalliema barranin għall-atleti tagħna

7-8 ta' Ġunju 2013, Mġarr Karate Club: Nihon Tai Jitsu Self Defense Seminar mal-Master Ungeriż Guzstav Vikartoczky 6th Dan, flimkien ma' Sensei Zsolt 3rd Dan NTJ. Preżenti fost l-oħrajn kien hemm ukoll Sensei Nagy (Malta Kyokushinkai Karate), Sensei Joe u James, Sensei Dario Chircop, Sensei Damian Cacciatolo u Szilvi Vikartoczky. Dan is-seminar serva ukoll bħala preparazjoni bżonnjuża għal Charlon, Damian, Martin, Kevin, Joe u James li f'Settembru 2013 kellhom *Black Belt Grading* ieħor.



## 26-28 ta' Lulju 2013, Coastline Hotel: *MKF Summer Training Camp* mal-Maestro Torre 7th Dan u Giuseppe Bartolo 5th Dan

Maestro Bartolo, Gabriel Camilleri, Lara Buttigieg, Sensei James, Luke Galea, Benjamin Zammit, Maestro Torre, Jeandre Portelli, Carl Muscat, Lee Morris, Deborah Zammit, Sarah Galea, Tamara Vassallo, Daniel Mifsud, Alexandra Gatt, Maria Galea, Jacob Deguara.

## 23 Atleta mill-Mġarr Karate Club li laħqu *Black Belts* (Malta Karate Federation - World Karate Federation) tul dawn l-aħħar 14-il sena:

**1st Dans:**
Rita Galea, Clinton Galea, Matthew Schembri, Joanne Grima, Caroline Bugeja, Roberta Abela, Maria Cascun, Bernice Vella, Michael Apap Bologna, Kris Muscat, Roger Grima, Denise Vella.

**Black Belts ġodda Lulju 2013:**
Brian Abela, Carl Muscat, Gabriel Camilleri, Luke Galea.

**2nd Dans:**
Sandro Muscat, Stephen Bugeja, Alexander Chircop, David Pulis (Lulju 2013).

**3rd Dans:**
Joe Grima, Kenneth Abela, Stephen Grima (Lulju 2013).

# Mġarr Youth Football Nursery

**Mario Sammut - Segretarju**

F'dawn l-aħħar snin in-numru ta' tfal minn bliet u rħula oħra li jiġu biex jitħarġu mal-Imġarr Youth Football Nursery dejjem qed jiżdied, u dan riżultat tal-fama li llum in-*nursery* tagħna għandha ma' Malta kollha għall-kwalità u l-livell għoli ta' taħriġ li noffru.

Filwaqt li sar investiment kbir fl-apparat u fl-ambjent fejn isir it-taħriġ biex ġie fost l-aqwa f'Malta, il-*coaches* baqgħu jagħtu attenzjoni individwali lil kull plejer. Il-*coaches* tal-Imġarr Youth Nursery iħarġu u jaspiraw li t-timijiet tagħna jirbħu fil-kompetizzjonijiet li jipparteċipaw fihom, però l-enfasi ssir fuq il-formazzjoni li tingħata lill-plejer b'mod personali, u li tmur oltrè l-kapaċitajiet u t-teknika fil-futbol. Il-kumitat tal-Imġarr Youth Nursery, il-*coaches* u voluntiera ma jikkuntentawx biss li n-*nursery* topera u toffri taħriġ tal-futbol, iżda jaħdmu kontinwament b'dedikazzjoni kbira biex it-tfal ikollhom l-aqwa livell ta' taħriġ.

F'dan l-artiklu ser nagħti rapport qasir dwar il-ħidma tan-*nursery* matul l-istaġun li għadda.

Fl-ewwel laqgħa tal-istaġun, il-kumitat qabel b'mod unanimu biex il-kamra fejn jiltaqa' l-kumitat tingħata l-isem Sala Salvu Caruana, peress li Salvu Caruana kien il-fundatur tal-Imgarr Youth Nursery.

It-timijiet tal-*Under 7* kienu mmexxija b'dedikazzjoni u paċenzja kbira mill-coaches u l-*helpers* tagħhom. Filwaqt li għamlu progress tajjeb ħafna, ħadu sehem f'diversi *festivals* u logħob *friendly* ma' timijiet oħra fejn marru tajjeb ħafna wkoll.

Fit-tim tal-*Under 9* kellna numru sabiħ ħafna li baqa' jiżdied matul l-istaġun, tant li ħafna drabi ankè inqasam it-tim. Dan kien wieħed mill-aqwa timijiet u nfatti wara 11-il sena li ilna norganizzaw il-Joelan Memorial Festival, din is-sena l-*Under 9* rebħu dan il-festival għall-ewwel darba. Bla dubju dan kien grupp li kellu staġun tajjeb, b'riżultati tajbin ħafna.

Il-plejers tal-*Under 11* ipparteċipaw fil-Joelan Memorial Festival u fil-Gatorade League tal-U11 u huma wkoll kellhom riżultati tajbin. Għalkemm it-tim tal-*Under 13* bdew l-istaġun b'imġieba li ma kinitx aċċettabli min-*nursery*, il-*coaches* ħadmu bi sħiħ f'dan ir-rigward u mhux biss irnexxielhom jirregolaw l-imġieba tat-tfal iżda saħansitra irnexxielhom iġibu riżultati tajbin ħafna kemm fil-Gatorade U13 League u ankè fil-logħob *friendlies* u *festivals* oħra li pparteċipaw fihom.

L-*Under 15* ukoll kienu tim tajjeb ħafna, infatti ġew fit-tieni post fil-*League* u ma ħadux il-promozzjoni għal 2 punti biss. Din is-sena l-Imġarr Youth Nursery rebħet l-unur ta' *Best Behaviour Conduct* bit-tim tal-*Under 15*, liema unur ġie ppreżentat waqt il-*Presentation Night tal-Youth FA*, nhar il-Ġimgħa 19 ta' Lulju.

Għalkemm mill-*Under 17* xtaqna iżjed konċentrazzjoni mill-plejers, dan it-tim mar tajjeb ukoll u seta' jieħu promozzjoni wkoll. It-taħriġ isir man-*Nursery* sal-*Under 17*, imbagħad il-*plejers* jgħaddu għal mat-tim tal-*Minors* tal-Mġarr United F.C.

Għat-tieni sena konsekuttiva ġiet organizzata s-36 siegħa Maratona ta' Futbol li saret mid-9:00am tas-Sibt 22 ta' Diċembru sad-9:00pm tal-Ħadd 23 ta' Diċembru, fejn ingħatat donazzjoni lil Malta Community Chest Fund, bħala parti mill-inizzjattiva 'Ġurnata Sports mill-Qalb'. F'din il-Maratona nġabru €2696.40 li minnhom €1300 marru għall-Istrina. Għal din il-Maratona ta' Futbol kellna rispons tajjeb ħafna, b'ħafna nies jagħtu d-donazzjoni tagħhom, u 68 ħanut/negozju li għamlu *sponsorship* ta' €20 kull wieħed. Tajjeb li ngħid li n-*nursery* tagħna waħedha ġabret iżjed mit-total ta' kemm ġabru n-*nurseries* kollha ta' Malta f'daqqa.



*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*













Fl-aħħar tas-sena saru kalendarji personalizzati tat-tfal kollha, li kienet inizzjattiva li ntlaqgħat tajjeb ħafna.

Din is-sena l-Imġarr Youth Nursery għalqet l-10 snin anniversarju mill-ftuħ tal-klabb tagħha u għal din l-okkażjoni, nhar il-Ħadd 24 ta' Frar saret logħba bejn eks-plejers li kienu jittrenjaw fil-bidu tagħha. It-tfal kollha tan-*nursery* ingħataw tifkira tal-okkażjoni mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr.

Din is-sena l-*Penalty Shoot Out* saret nhar is-Sibt 11 ta' Mejju 2013. Kellna konkorrenza tajba ħafna fejn kull plejer ta 12-il *penalty*. Abbinata mal-*Penalty Shoot Out* kienet il-ġbir tad-donazzjonijiet fejn l-iżjed tlett itfal li ġabru flus rebħu *vouchers* ta' €70, €50 u €30 mingħand Teamsport tal-Iklin li ssarfu f'aċċessorji sportivi.

Bħal snin oħra din is-sena organizzajna Joelan Memorial Festival għall-*Under 9* u l-*Under 11* fejn din kienet il-ħdax–il edizzjoni. Dan sar nhar is-Sibt 30 ta' Marzu u pparteċipaw għaxar timijiet fosthom tnejn tagħna tal-Imġarr. Fil-kategorija tal-U9 Lija/Iklin, Mellieħa, Rabat u Mġarr Utd fejn irbaħna din il-kategorija. Fil-kategorija tal-*Under 11* ipparteċipaw Mellieħa, Mtarfa, Għargħur, Żurrieq, Żebbuġ u Imġarr. Kollox mar sew u t-timijiet kollha ħadu pjaċir jilgħabu f'atmosfera ta' ħbieb.

Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lis-Sur Frans Żammit tal-Youth FA, li fil-11–il sena li ġie organizzat dejjem ġie u ta l-kontribut tiegħu, lil Ġino Vella li koordina l-organizzazzjoni tal-festival, il-*ground manager* Carmel (Max) Muscat tal-għajnuna u

***(Ikompli fil-paġna li jmiss)***

# Bidu tal-Istaġun 2013/2014 – Mġarr United

**Chris Muscat - Segretarju**

## Il-Kumitat

Qabel kollox f'isem l-amministrazzjoni tal-Imġarr United Football Club, nixtieq nirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Imġarr talli tawna l-opportunità li nwasslu dan il-messaġġ fil-pubblikazzjoni tal-Miġbħa.

Bħalissa l-amministrazzjoni tal-klabb għaddejja bil-preparazzjonijiet għall-istaġun il-ġdid, li beda fil-bidu ta' Settembru u jiġi fi tmiemu lejn il-bidu ta' Mejju 2014.

Dan l-istaġun, il-kumitat tal-Imġarr United għażel żewġ kowċis ġodda li ser imexxu t-tim tal-kbar fit-tielet diviżjoni, kif ukoll lit-tim ta' taħt id-19-il sena f'sezzjoni Ċ tal-kampjonat. Dawn il-kowċis huma Robert Magro u Gordon Camilleri, li t-tnejn l'huma jaħdmu fil-qasam tal-edukazzjoni, għandhom esperjenza vasta fil-kowċing, kif ukoll kisbu riżultati eċċellenti fl-aħħar eżamijiet tal-kowċis li saru mill-MFA.

Dawn iż-żewġ kowċis kellhom diversi laqgħat mal-kumitat u wara li l-kumitat wera x'inhuma l-ambizzjonijiet tiegħu, dawn aċċettaw din l-isfida ġdida u mill-ewwel minuta bdew jaħdmu bla waqfien. L-ambizzjonijiet tal-klabb huma ċari: li jkompli jeduka u jgħallem il-logħba tal-futbol liż-żgħażagħ, kif ukoll jibni tim għall-futur mimli b'żgħażagħ kemm jista' jkun lokali.



It-tim tat-tfajliet wara l-istaġun li għadda, żamm postu fl-ogħla diviżjoni u ser jibda staġun ġdid bħala wieħed mit-timijiet ewlenin fil-qasam tal-futbol tan-nisa.

Fl-aħħarnett, filwaqt li nawgura kull suċċess lill-għaqdiet kollha tal-Imġarr, nixtieq inħeġġeġ lill-imġarrin sabiex ikomplu jitilgħu l-grawnd u jappoġġaw lit-timijiet tar-raħal tagħna.



---

l-kollaborazzjoni tiegħu, lill-*helpers* kollha, lil Mġarr United FC, u lil Familja ta' Joelan Vella, li dejjem għenu u sponsorjaw dan it-*tournament*.

Barra minn hekk l-Imġarr Youth Nursery ħadet sehem fil-korsijiet 'Investing in the Future' fejn it-tfal u l-ġenituri tgħallmu dwar in-nutrizzjoni tal-ikel u ankè dwar l-ewwel għajnuna. Barra minn hekk il-*Headoach* u l-*coaches* tan-*Nursery* baqgħu jitħarġu bl-aħħar informazzjoni dwar teknika tal-futbol u *coaching* permezz tal-laqgħat ta' struzzjoni li ġew organizzati għal dan il-għan.



It-tfal li jitħarġu mal-Imġarr Youth Nursery isirilhom ċertifikat formali tal-*Informal Learning*, li jintalab fl-iskejjel sekondarji.

L-istaġun 2012/2013 ingħalaq bil-*Presentation Night*, li saret fl-14 ta' Ġunju, fl-Iskola tal-Imġarr fejn kellna attendenza record. Għal din l-attività kellna lil Gianluca Bezzina bħala mistieden speċjali fejn dawk preżenti kellhom l-opportunità li jiltaqgħu miegħu. Ġew ippremjati t-tfal kollha, l-plejers li rebħu fil-*Penalty Shoot Out* u unuri oħra, ġiet rikonoxxuta wkoll il-ħidma tal-*Coaches*, *assistant coaches* u *helpers*. Il-*Presentation Night* saret flimkien mal-Imġarr United FC u għalhekk il-qliegħ tagħha nqasam bin-nofs. Intwera l-apprezzament tal-membri tal-kumitati lejn l-*isponsors* kollha, speċjalment dawk ewlenin u li mnalla jkunu huma li dejjem jgħinu finanzjarjament.

F'din l-okkażjoni wkoll, ġie ppreżentat il-*Headcoach* il-ġdid tal-Imġarr Youth Nursery, is-Sur Carmel Micallef, li fil-passat diġà ħadem man-*Nursery* tal-Imġarr, u l-Imġarrin jafu bid-dedikazzjoni u s-serjetà ta' xogħolu.

Kienet sena mpenjattiva ħafna però sodisfatti għax dan ix-xogħol issarraf f'riżultati tajbin fit-tfal tagħna – riżultati tajbin mhux biss fil-futbol u fil-*leagues*, iżda fil-karattru tat-tfal, fid-dixxiplina, fir-rispett u fil-kapaċitajiet ta' *teamwork* u spirtu sportiv. Żgur li fl-istaġuni li ġejjin ser jibqgħu imexxuna dawn il-prinċipji biex fl-aħħar tal-istaġun mhux biss tirbaħ in-*nursery* fis-sens kollettiv, iżda jirbaħ kull tifel b'mod individwali. Dan hu l-għan li aħna naspiraw għalih – is-suċċess ta' kull tifel u tifla fin-*nursery* tagħna.




# Mġarr Volleyball Club

Sharon Abela

L-istaġun 2013 - 2014 tal-*League* Nazzjonali organizzat mill-Malta Volleyball Association (MVA), huwa r-raba' wieħed għall-irġiel u t-tieni wieħed għan-nisa tal-Imġarr Volleyball Club. Il-plejers kollha kienu ħerqana biex jibda l-istaġun. Tant hu hekk li taħt it-tmexxija tal-kowċ Silvio Camilleri, it-taħriġ beda minn Ġunju bi tħejjija għall-istaġun li beda għall-ħabta t'Ottubru. F'Settembru l-plejers kellhom ukoll taħriġ f'Għawdex fejn kellhom l-opportunità li jkomplu jsiru jafu lil xulxin u jaħdmu flimkien sabiex ikun hemm iktar koperazzjoni waqt il-logħob.

Nistiednukom issegwu l-paġna fuq Facebook *www.facebook.com/mgarrvolleyballclub* u tagħmlu *Like* sabiex iżżommu ruħkom infurmati bl-attivitajiet li jsiru minn żmien għal żmien. Tkunu tistgħu issegwu ukoll il-ġranet li fihom it-timijiet tagħna jkunu se jilgħabu u nħeġġukom tiġu tagħtu s-sapport tagħkom. L-atmosfera li jafu joħolqu s-sapporters Imġarrin żgur li hi waħda unika.

Min hu nteressat jibda jitgħallem u jitħarreġ fil-logħba tal-*volleyball*, jista' jikkuntattja lill-klabb minn fuq il-paġna tal-Facebook. It-taħriġ isir nhar ta' Tnejn mis-6 sas-7.30 ta' filgħaxija, fil-*gym* tad-Depiro, l-Imtarfa.


1

Il-kumitat tal-Imġarr Volleyball Club jixtieq jirringrazzja lill-*isponsors* tal-għajnuna kontinwa. Is-sapport li nsibu f'dawn in-negozji huwa ta' mportanza kbira sabiex il-klabb ikompli jikseb aktar suċċessi. Dawn huma: Ballut Blocks, The Hatch, Framegrip, J & J Gauci Granite, Frott Artna, Nectar Group, Nicky's Butcher (Naxxar) u Ċaċċu Social Club (Qormi). Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr dejjem kien lest li jgħin lil klabb tagħna u ta' dan nirringrazzjawh tal-għajnuna siewja li dejjem tana.

## IL-LOGĦBA TAL-*VOLLEYBALL*

Il-logħba tal-*volleyball* hi għal qalb bosta mġarrin li kienu jilgħabu dan l-isport fil-bitħa tal-Oratorju. Tant hu hekk li ta' kull sena' jkun hemm *league* tal-*volleyball* waqt il-Maratona Sports, kif ukoll *Beach Volleyball Tournament* fil-bajja tal-Ġnejna li għalihom dejjem jinkitbu numru kbir ta' timijiet.

Din il-logħba tirrikjedi bosta ħiliet sabiex il-ballun ikompli għaddej u ma jinqabadx bl-idejn, sakemm tiddeċiedi lil min se tqassmu. Il-plejers iridu jieħdu deċiżjoni ta' minn fejn ġej il-ballun u x'inhu l-aħjar li jagħmlu bih f'tebqa t'għajn.

Kull tim jista' jmiss il-ballun sa tlett darbiet qabel ma jqabbżu għan-naħa l-oħra. Il-logħba tibda billi jingħata *service*. Ir-rutina hi li plejers fuq wara jirċievu l-ballun, jagħdduh lis-*setter* li dan iqassam lill-*ispiker* li jgħaddih minn fuq ix-xibka u jipprova jakkwista punt u *service* billi jniżżlu mal-art. Il-plejers li jkunu quddiem max-xibka jistgħu jagħmlu *block* fuq il-ballun.

Kull tim ikollu sitt plejers fuq il-*court*, u kulħadd irid jimxi post kull darba li t-tim jirbaħ is-*service*. It-tlett plejers ta' quddiem biss jistgħu jaqbżu biex jagħmlu *spike* jew *block* max-xibka. It-tlieta ta' wara jistgħu jolqtu l-ballun biex iqabbżuh sakemm jaqbżu minn wara l-linja tat-tlett metri li tifred il-*court* fi tnejn.

Mill-1998 il-*volleyball* adotta sistema ġdida ta' kif jingħataw il-punti. Skont ir-regoli l-ġodda, tim li jirbaħ punt jirbaħ ukoll id-dritt li jagħti s-*service*. It-tim rebbieħ irid jirbaħ 3 settijiet minn ħamsa. L-ewwel erba' settijiet jintlagħbu sa 25 punt filwaqt li l-aħħar *set* jintlagħab sa 15-il punt. Is-*set* jintrebaħ b'vantaġġ ta' mhux inqas minn 2 punti. M'hemmx massimu ta' punti li jista' jintlaħaq u allura *set* jitkompla jintlagħab sakemm wieħed mit-timijiet ikollu 2 punti vantaġġ. Qabel l-1998 is-settijiet kienu kollha jaslu sa 15-il punt fejn l-ewwel erba' settijiet jista' jkollhom massimu ta' 17-il punt u l-aħħar *set* biss jirrikjedi li jkun hemm vantaġġ ta' 2 punti.

Mill-1996 il-FIVB, il-Federazzjoni Internazzjonali tal-*Volleyball*, introduċiet ir-rwol speċjalizzat tal-*libero*. Dan il-plejer jilbes flokk b'kulur differenti minn tal-oħrajn u jista' jibdel lil kwalunkwè plejer li jinsab fuq in-naħa ta' wara tal-*court*. Il-*libero* ma jistax jagħti *service*, jispajkja jew imur f'waħda mill-pożizzjoniet ta' quddiem iżda għandu rwol importanti ħafna meta t-tim ikun se jirċievi l-ballun u sabiex jiddefendi ż-żona ta' wara.

***Service:*** Kull rally tibda b'*service*. Qabel ma jingħata s-*service*, il-plejers jimxu post skont ir-regoli tar-rotazzjoni. Il-plejer li jkun imissu l-pożizzjoni tal-kantuniera ta' wara fuq il-lemin ikollu d-dritt jagħti s-*service*. Il-plejer irid jolqot il-ballun b'id waħda u jqabbeż il-ballun għan-naħa l-oħra bl-għan li jinżel bejn il-linji tal-*court* tat-tim oppost. Hemm modi differenti ta' kif jingħata

s-*service*. Fil-livell professjonali l-"jump" jew "spike" *serve* hi l-aktar popolari. Kull plejer ikollu ċans wieħed biex jagħti s-*service*. Jekk it-tim jirbaħ ir-*rally*, dan il-plejer ikollu d-dritt li jerġa jservi l-ballun. Jekk it-tim l-ieħor jirbaħ ir-*rally*, jirbaħ ukoll id-dritt li jagħti s-*service*. Jekk il-ballun imiss max-xibka iżda jibqa' għaddej għan-naħa l-oħra, ir-*rally* tista' titkompla. Qabel din ir-regola kienet li jekk il-ballun waqt *service* imiss max-xibka u jagħddi għan-naħa l-oħra, ma jkunx jgħodd u t-tim oppost jirbaħ id-dritt għas-*service*.

***Dig:*** Din hi t-teknika ta' kif il-plejers li jkunu fuq wara jirċievu l-ballun u jikkontrollawh ħalli jgħadduh lis-*setter* viċin ix-xibka.

***Set:*** Meta s-*setter* jirċievi l-ballun mingħand il-plejer ta' wara, iqassmu lil xi ħadd mill-plejers ta' quddiem billi jgħollih 'il fuq ħalli xi ħadd mill-i*spikers* ikun jista' jattakka lit-tim oppost. Is-*setter* irid ikun persuna li jaf jaqra sew il-logħba ħalli jqassam il-ballun lill-i*spiker* li jkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex isir l-aħjar attakk.

***Spike:*** Din tiġri meta xi ħadd mill-plejers ta' quddiem jolqot il-ballun u jniżżlu fuq in-naħa l-oħra. Din hija l-iktar daqqa b'saħħitha li tingħata waqt il-*volleyball* u huwa metodu effettiv ħafna kif jinkisbu l-punti.

***Block:*** Din hija l-ewwel difiża li l-ballun isib hekk kif jaqbeż ix-xibka. Il-plejers ta' quddiem jippruvaw iwaqqfu l-ballun billi jaqbżu fl-għoli u jniżżlu l-ballun fuq in-naħa l-oħra tax-xibka. B'hekk ukoll jistgħu jintrebħu l-punti faċilment. Huwa mportanti li plejer li jagħmel *block* jaqbeż fl-għoli ħafna u fil-ħin eżatt sabiex jolqot il-ballun bis-saħħa.

**TERMINI TAL-*VOLLEYBALL***

1. *Overhand Service*
2. *Double Block*
3. *Jump Service*
4. *Blocker*
5. *Net Block*
6. *Libero*
7. *Underhand Service*
8. *Setter*
9. *Spiker*
10. *Spiker Blocks*

***(Ikompli fil-paġna li jmiss)***


2


3


4


5


6


7


8



# Skambju ġewwa l-Portugal

Daniel Grech - Parteċipant

Ħames nazzjonalitajiet, ħames kulturi u drawwiet differenti. Kollha kemm huma ngħaqdu flimkien sabiex jippromwovu ħajja iktar b'saħħitha. It-tema għall-iskambju taż-żgħażagħ din is-sena, li sar fil-Portugal, kienet 'Ħajja Sana'. Matul il-ġimgħa li aħna l-parteċipanti għamilna fil-Portugal kien hemm numru ta' attivitajiet li bis-saħħa tagħhom tgħallimna iktar, kif ukoll tħallatna flimkien.

Din it-tema ntlaqgħet tajjeb mill-parteċipanti kollha, u ġabret magħha numru ta' attivitajiet fosthom attivitajiet interkulturali u ta' *teambuilding*, *energizers* u *icebreaking games*, *workshops* relatati mat-tema u diskussjonijiet. L-attivitajiet kienu organizzati minn kull pajjiż li kien qed jipparteċipa. Kull pajjiż ingħata ġurnata fejn fiha kellu jorganizza numru ta' attivitajiet sabiex jintlaħaq l-għan tat-tema. Kellna wkoll diskussjonijiet, li bażikament kienu dwar kif nistgħu innaqqsu r-riskju tal-obeżità, kif ukoll kif għandna nżommu ruħna aktar attivi.





Kull lejl kienet tiġi organizzata lejla tipika tal-pajjiż. Malta kienet l-ewwel pajjiż li kellha torganizza din il-lejla. Bdejna billi intweriet preżentazzjoni dwar it-tradizzjonijiet u kultura Maltija, wara kien imiss xi tagħrif dwar l-Imġarr. Iżda l-iktar parti li intlaqgħet tajjeb mal-barranin kienet is-sezzjoni tal-ikel. Il-qubbajt, perlini u l-qagħaq tal-għasel kienu l-iktar favoriti fost il-ħelu. Ix-xarba Maltija kienet prezenti ukoll. Żewġ fliexken kbar tal-Kinnie ma kinux biżżejjed biex issodisfaw lil kull min daqha, għax baqaw ġejjin għal iktar. Il-*leaders* tal-gruppi barranin ingħataw *souvenir* u l-parteċipanti kollha ngħataw rigali żgħar bħal lapes u pinna, kif ukoll kotba żgħar b'informazzjoni dwar Malta.

Iżda ġimgħa ma kinitx biżżejjed. Kull minn kien hemm qal li ġimgħa kienet ftit biex stajna ingawdu l-kumpanija ta' xulxin. Wasalna ġewwa Fafe, ħadd ma kien jaf lil ħadd, u tlaqna lura kollha ħbieb ta' xulxin. Kienet ħbiberija li trabbiet f'inqas minn jumejn, ħbiberija spontanja u allegruża. Tista' tissejjaħ ħbiberija ta' darba, sakemm ma jkunx hemm kuntatt minn naħa tal-parteċipanti.

L-ambjent ta' fejn konna qiegħdin noqgħodu kien wieħed ferm differenti għal li aħna imdorrijin naraw, b'siġar għoljin u bi xmara żgħira għaddejja fil-viċin. It-temp inzerta tajjeb ħafna għax lanqas għamlet qatra xita. Il-post fejn konna qiegħdin kien kumpless sportiv. Kien hemm numru ta' faċilitajiet fosthom: *archery*, *pool area*, *carting*, *paintball* u ħafna aktar.

Finalment l-esperjenza kienet waħda unika u tal-ġenn. Jien inħeġġeġ lil kull min għadu qatt ma ħa sehem f'skambju taż-żgħażagħ, biex id-darba li jmiss jaħtaf l-opportunità.

---







***Rotation:*** Kull wieħed mis-sitt plejers iridu jbiddlu posthom fir-rotazzjoni kull darba li jintrebaħ is-*service*. Għalhekk, it-tim ma jista' qatt iżomm l-istess plejers dejjem fl-istess post. Qabel ma jingħata s-*service* huwa mportanti li l-plejers ikunu f'posthom skont ir-*rotation* nkella dak it-tim jitlef is-*service*. Wara li jingħata s-*service* il-plejers jistgħu jibdlu posthom u jmorru fejn huwa l-aħjar għalihom biex jilgħabu. Dan kollu jeħtieġ ħafna preparamenti minn naħa tal-kowċ, ftehim bejn il-plejers u taħriġ ħalli kulħadd ikun jaf eżatt x'għandu jagħmel f'kull ħin tal-logħba.

**Ħajr lill-FIVB: www.fivb.org/thegame/TheGame_Volleyball.htm u lil Raymond Muscat tar-ritratti.**

# Skambju ġewwa l-Polonja

**Deborah Abela - Parteċipanta**

Fit-12 t'Ottubru 2013, jien flimkien ma' disa' żgħażagħ oħra mill-Imġarr kellna l-opportunità li nkunu parti minn skambju dedikat għall-istudenti ġewwa Chalupy li jinsab fil-parti ta' fuq tal-Polonja. Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr għażel lil dan il-grupp biex jirrappreżentah f'dan l-iskambju bl-iskop li jqajjem kuxjenza dwar il-qerda tal-ambjent u kif kull wieħed u waħda minna huwa kapaċi jkun sostenibbli.

Kienet ġimgħa interessanti immens, mhux biss għax tgħallimna kunċetti ġodda, iżda għax kellna l-opportunità li nitħalltu ma' żgħażagħ oħra mill-Polonja stess kif ukoll mir-Rumanija. Kull student kellu l-opportunità li juri kif nistgħu ntejjbu l-azzjonijet tagħna ta' kuljum u nibżgħu għall-ambjent. Għamilna dan billi kull pajjiż organizza *workshops* differenti. *Workshop* partikolari kien illi noħolqu forn solari b'materjali li jistgħu jiġu riċiklati, bħall-kartun, plastik, gażżetti eċċ. Idea illi diġa' qiegħda tiġi mplimentata f'postijiet madwar id-dinja fejn ix-xemx taħkem ħafna, eżempju fl-Afrika. L-idea wara dan il-*workshop* kienet illi nitgħallmu nisfruttaw il-potenzjal tax-xemx biex insalvaw l-ambjent.

Attività oħra li għenet ħafna kienet li ddiskutejna kif nistgħu nsalvaw l-enerġija mil-livell domestiku. Peress li nqsamna fi gruppi, kulħadd kellu ċ-ċans jagħti l-opinjoni tiegħu fuq kif jista' jnaqqas il-ħela tal-enerġija, stajna nirriflettu fuq dak kollu li normalment nagħmlu mingħajr ma nagħtu kas. Kull grupp ħareġ b'madwar għoxrin mod differenti ta' kif wieħed jista' jiffranka l-enerġija mid-dar stess. Għalkemm kienet attività sempliċi nħoss li ħalliet impatt fuqi personali fuq kif naġixxi fil-ħajja ta' kuljum. Għenitni nagħraf illi kull azzjoni li nagħmel nista' nibdilha b'xi ħaġa aħjar illi biha nkun nista' nnaqqas l-impatt fuq l-ambjent.

Minbarra l-*workshops* li għamilna, kellna wkoll iċ-ċans li nżuru bini partikolari illi permezz ta' apparat speċjali qiegħed isaħħan l-ilma b'mod illi juża inqas enerġija. Il-persuna responsabbli minn dan l-apparat qalet illi kemm ilu jintuża dan l-apparat il-kontijiet, kemm tad-dawl u kemm tal-ilma, naqqsu drastikament. Apparti minn hekk, kellna wkoll iċ-ċans li nżuru medda enormi ta' art li fiha kien hemm numru ta' *wind farms*. Tawna ċ-ċans li nersqu qribhom u nosservaw l-istruttura ġganteska tagħhom. B'hekk għarafna li ħafna mill-iżvantaġġi li jissemmew dwar il-*wind farms* mhuma żvantaġġi xejn. Mhuwiex minnu li t-turbini jagħmlu l-istorbju jew li jkerrħu d-dehra tal-ambjent. Tajjeb illi naraw il-ġid li kapaċi jagħmlu, iżjed milli insibu l-iskużi biex ma ninstallawhomx.

Kull grupp kellu wkoll jipprepara riċerka żgħira fuq il-proġetti li hemm għaddejjin f'pajjiżu biex jitħares l-ambjent. Kienet attività li għenitna naraw id-differenza li hemm bejn il-proġetti li għaddejjin Malta u dawk li għaddejjin fir-Rumanija u l-Polonja. Iċ-ċokon tal-gżejjer Maltin huwa fattur prinċipali li jxekkilna milli nkunu bħal dawn il-pajjiżi. Iżda meta tħares lejn il-miri li saru u l-progress li sar s'issa, ir-riżultati huma pjuttost xokkanti. Għalhekk din l-attività għenet biex tqajjem kuxjenza fuq livell individwali biex forsi naġixxu b'mod lokali u nagħmlu differenza.

Minbarra dawn l-attivitajiet li semmejt hawn fuq, kull pajjiż tella' *cultural evening*. Permezz ta' din, kull grupp wera' l-kultura tiegħu billi pprepara ikel tradizzjonali, ta wirja ta' żfin tradizzjonali b'ilbies tradizzjonali tal-pajjiż u wera wkoll preżentazzjoni dwar il-pajjiż tiegħu, kif ukoll il-post lokali li fih jgħixu l-parteċipanti. Kellna tlett serati differenti fi tlett iljieli separati. Dik tal-Polonja, oħra tar-Rumanija u ta' Malta. Attività li għenitna napprezzaw kemm għandna kultura unika u rajna li għalkemm il-gżira tagħna hi żgħira fid-daqs, xorta waħda għandha potenzjal enormi. Ġejna esposti għal-kulturi tar-Rumanija u l-Polonja, fejn kienu mezz tajjeb biex insiru nafu iżjed lil xulxin u nsaqsu fuq użanżi differenti u x'jagħmel il-pajjiż tagħhom daqsekk distint minn tagħna.

Esperjenza li żgur ma kinitx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-*leaders* u l-isforz tal-kunsill lokali. Nixtieq nieħu l-opportunità biex inħeġġeġ iżjed żgħażagħ jinvolvu ruħhom f'dawn l-iskambji għaliex huma ideali biex wieħed jiskopri d-dinja waqt li jagħmel differenza. Permezz ta' żgħażagħ attivi nistgħu nibnu soċjetà aktar b'saħħitha. Soċjetà mibnija fuq is-sehem ta' kulħadd, li tkun kapaċi trawwem żgħażagħ ġodda u tagħti leħen lil dawk li qatt ma nstemgħu.





# Attivitajiet oħra għaż-Żgħażagħ

## IŻ-ŻGĦAŻAGĦ IMĠARRIN JILTAQGĦU MAL-ANZJANI IMĠARRIN

Fuq inizzjattiva tal-Kumitat Żgħażagħ Mġarr, numru ta' żgħażagħ Imġarrin ta' bejn il-15 u t-18–il sena, marru jżuru lill-anzjani Imġarrin fi djarhom nhar is-Sibt 5 ta' Ottubru. L-idea kienet li dawn iż-żgħażagħ ma jibqgħux quddiem il-komputer, u joħorġu jipparteċipaw ma' żgħażagħ oħra f'attività differenti minn tas-soltu, u li minnha jieħdu xi ħaġa għal ħajjithom.

Għal din l-attività l-Kunsill Lokali rrefera għall-għajnuna tas-Sinjura Doris Vella (ritratt fuq) minħabba l-esperjenza tagħha fil-ħidma mal-anzjani fl-Imġarr. Wara li saret sejħa għal dawk iż-żgħażagħ li xtaqu jkunu parti minn din l-attività, saret laqgħa ta' preparazzjoni qabel l-attività innifisha. F'din il-laqgħa Doris Vella spjegatilhom kif irid ikun l-atteġġjament tagħhom mal-anzjani, ir-rispett xieraq li hu mistenni minnhom u anke parir dwar xi suġġetti li setgħu jiddiskutu mal-anzjani. Iż-żgħażagħ ġew mqassma fi gruppi ta' tnejn, u kull grupp kien assenjat żewġ anzjani li kellhom iżuru.

Dakinhar tal-attività ħafna miż-żgħażagħ ġabu xi rigali biex jagħtuhom lill-anzjani, u ħadu magħhom karta fejn jiktbu xi ħsibijiet li jisimgħu mingħand l-anzjani. Ħafna mill-anzjani lanqas riedu jħallu liż-żgħażagħ jitilqu minn ħdejhom u ntilfu jirrakkuntaw l-esperjenzi ta' żmien il-gwerra, tradizzjonijiet, xi taqbila jew għanja li kienu jgħidu, rakkonti li ma jinsew qatt u pariri ma naqqsux.

Iż-żgħażagħ ħadu nteress kbir f'dak li semgħu u mhux talli nisslu wens u ferħ lill-anzjani li marru jżuru, iżda z-żgħażagħ stess ħassew sodisfazzjon kbir b'dak li kienu qed jagħmlu. Il-Kunsill Lokali jieħu din l-opportunità biex jirringrazzja liż-żgħażagħ li pparteċipaw, lill-anzjani li aċċettaw l-istedina tagħna, u lil Doris Vella tad-dedikazzjoni u l-ħidma volontarja tagħha.

Fl-irwol ta' *Chairman* tal-Kumitat Żgħażagħ, il-Kunsillier Mario Sammut jemmen f'attivitajiet soċjali bħal dawn fejn iż-żgħażagħ jipparteċipaw fis-soċjetà b'mod li jieħdu gost jagħmlu xi ħaġa li trendilhom sodisfazzjon personali u anke jieħdu tagħlim għall-ħajjithom. Żgur li l-Kumitat Żgħażagħ ser ikun qed jorganizza iżjed attivitjiet



*Iż-żgħażagħ li pparteċipaw fl-attività mal-kunsillier Mario Sammut.*



b'laqta soċjali għaż-żgħażagħ tal-Imġarr.

## *TREASURE HUNT* BIT-TEMA TAL-IMĠARR

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru grupp ta' żgħażagħ libsu ħwejjeġ ħoxnin, biex jiffaċċjaw il-kesħa tal-lejl u jieħdu sehem fit-*Treasure Hunt* bit-tema tal-Imġarr li ġiet organizzata mill-Kumitat Żgħażagħ Mġarr. L-attivitajiet kollha nvoluti matul it-*Treasure Hunt* kienu relatati mat-tema tal-Imġarr, fejn iż-żgħażagħ kellhom ifittxu nformazzjoni dwar l-istorja tal-Imġarr, l-inħawi li jdawruh u anke dwar informazzjoni ġenerali relatata.

Biex jiġi evitat il-periklu, il-parteċipanti kienu pprojbiti milli jużaw il-karozzi, u għalkemm fl-aħħar tal-attività kulħadd kien għajjien ħafna, kulħadd ħa gost ħafna. Il-grupp rebbieħ kien jikkonsisti minn Nicholas Schembri, Jonathan Gianino, Sachelle Camilleri u Christian Borg u rebħu *voucher* kull wieħed għal *Badger-karting*.

Il-Kumitat taż-żgħażagħ jirringrazzja ħafna liż-żgħażagħ kollha li pparteċipaw, lil dawk li ppjanaw u organizzaw it-*Treasure Hunt*, u anke lil voluntiera li għenu dakinhar tal-attività. Attivitajiet bħal dawn li jimmottivaw *teamwork* u fejn ż-żgħażagħ jieħdu gost f'ambjent san huma essenzjali f'soċjetà fejn iż-żgħażagħ huma mitlufa f'attivitajiet li jaqtawhom mill-integrazzjoni ma' żgħażagħ oħra (fosthom il-komputer, it-televiżjoni, u l-*playstation*).



# Sehem iż-Żgħażagħ Imġarrin waqt Notte Bianca 2013

Din is-sena waqt l-attività *Notte Bianca* li saret fil-Belt Valletta nhar il-5 ta' Ottubru, wieħed seta' jsegwi x-xogħol ta' Rużar Briffa rifless f'perspettiva nnovattiva li qatt ma saret qabel. Għax jekk iż-żfin hu poeżija f'moviment, mela m'hemmx mod aħjar kif wieħed jista' jiċċelebra x-xogħol ta' Rużar Briffa. Kien dan li ispira lill-artista Imġarrija **Sarah Vella**, biex propju fl-anniversarju tal-50 sena mill-mewt tal-poeta, tikkorjografa żifna kontemporanja li tesprimi l-messaġġ tal-poeta Rużar Briffa. Il-proġett ta' Sarah Vella flimkien maż-żeffiena Imġarrija Noelle Cauchi u AnneKatrin Kiesel, b'mużika ta' **Marc Galea**, kienet verament ċelebrazzjoni tal-arti, kultura u l-identità Maltija.



Żewġ żgħażagħ Imġarrin li pparteċipaw ukoll fl-attività *Notte Bianca*, kienu **Matthias u Isaac Camilleri**, li flimkien mal-grupp Maltese Motion taw wirja ta' ġinnastika fi Pjazza San Ġorġ. Matthias u Isaac huma magħrufin għall-ħiliet tagħhom fil-ġinnastika, u ta' kullsena jagħtu spettaklu waqt Lejla Mġarrija, fejn dawk preżenti dejjem jibqgħu mpressjonati bil-kapaċitajiet tagħhom.

Is-sehem ta' **Thea Vella** waqt Notte Bianca kien pjuttost kreattiv u oriġinali, fejn flimkien ma' żewġ żgħażagħ oħra għamlet kollezzjoni ta' ħwejjeġ ispirata mill-Belt Valletta. Huma ħolqu kuntrast bejn il-ħwejjeġ moderni u l-Belt Valletta, permezz ta' ħwejjeġ eleganti imma fil-istess ħin komdi għall-użu ta' kuljum.

**Prosit lil dawn l-artisti Mġarrin tal-unur li jagħmlu lir-raħal tagħna!**

















# Dinja Infern li nbidlet f'Dinja Ġenna

**Sara Mari Cardona**

Kien is-Sibt 6 ta' Lulju u t-tfal tal-familja Cardona kienu qed jilagħbu fi Ġnien il-Paċi fil-Manikata.

Huma kienu tlett ibniet, tewmin ta' disa' snin u l-kbira ta' ħdax-il sena. It-tewmin kien jisimhom Roberta u Jessica filwaqt li l-kbira kien jisimha Sandra.

Waqt li Jessica kienet qed tgħodd, Roberta u Sandra marru jistaħbew. Roberta marret tistaħba taħt bank iżda Sandra marret tistaħba qalb is-siġar.

Meta kienet qed tistaħba Sandra indunat li minn wara waħda mis-siġar kien ħiereġ qisu dawl ikkulurit. Sandra marret tara x'kien hemm wara s-siġra.

Kien hemm qisu passaġġ għaddej minn ġos-siġra. Sandra, bla ma avżat lil ħutha għaddiet mill-passaġġ. Hi u miexja bdiet tgħid bejnha u bejn ruħha: "Tgħid fejn ser niġi? Kemm hu twil dan il-passaġġ? Tgħid x'ser insib?" F'moħħha kellha tgeġwiġija ta' mistoqsijiet.

Fl-aħħar ħarġet minn ġo siġra oħra u sabet ruħha qalb l-għelieqi. Hi bdiet miexja u rat raħal żgħir. Sandra iddeċidiet li timxi lejn ir-raħal forsi tiltaqa' ma xi ħadd u jgħidilha fejn tinsab.

Ftit 'il barra mir-raħal Sandra iltaqgħet ma' tifel jismu Kevin. Kevin daħħalha fid-dar tiegħu u spjegalha dak kollu li kien qed jiġri.

Hu qalilha li hi kienet spiċċat f'dinja oħra. Id-dinja li kienet qiegħda fiha Sandra kien jisimha **Dinja Nfern**. Kevin qalilha li kienet tissejjaħ hekk għax ir-reġina li kienet qed tmexxi dan il-post kienet qed tagħmel ħafna taxxi biex hi tkun tista' tagħmel ħafna ballijiet.

Ir-reġina kienet toqgħod f'kastell kbir in-naħa l-oħra tax-Xmara l-Maġika. Ħadd ma kien jaf għaliex kienet tissejjaħ ix-Xmara l-Maġika. Kevin qalilha li kien infetaħ passaġġ biex xi ħadd mid-dinja tagħna imur jgħinhom.

Sandra baqgħet iċċassata. Hi staqsiet lil Kevin kif setgħet tgħin għax jekk ir-reġina tkun taf li ġiet minn dinja oħra żgur li kienet ser tipprova taqbadha. Għalhekk Kevin taha xi ħwejjeġ minn t'oħtu.

Kevin qal lil Sandra li l-uniku mod li jirbħu lir-reġina u l-maġija tagħha kien li jsibu ċ-ċurkett maġiku li huwa moħbi x'imkien 'il barra mir-raħal imma ħadd ma jaf fejn.

Kevin u Sandra ppruvaw ifittxu ċ-ċurkett qalb l-għelieqi, taparsi qed jaħdmu r-raba' imma kien kollu ta' xejn.

Wara ppruvaw ifittxu ċ-ċurkett ħdejn ix-xmara, għall-ewwel kienu ser jaqtgħu qalbhom imma Sandra rat xi ħaġa tleqq fil-ħaxix. Kien iċ-ċurkett!

Kevin u Sandra iddeċidew li jaqsmu x-xmara fuq ċattra żgħira li kienet tal-familja ta' Kevin. Meta qasmu x-xmara sabu ruħhom fil-Foresta l-Mudlama. Huma bdew jistaħbew wara s-siġar biex l-orsijiet li jaħdmu għar-reġina ma jarawhomx. Dawn l-orsijiet li jaħdmu għar-reġina jitkellmu u jimxu bħal bnedmin.

Meta waslu ħdejn il-kastell ma kinitx faċli iżda rnexxilhom jidħlu. Huma sabu l-kamra li kienet fiha r-reġina u Sandra qaltilha li ġiet biex issalva lin-nies.

Sandra użat iċ-ċurkett maġiku u rebħitilha lir-reġina. Ir-reġina saret irmied u l-familja ta' Kevin bdiet tmexxi din id-dinja. L-ewwel ħaġa li għamlet il-familja ta' Kevin kienet li bidlet l-isem ta' dan il-post, flok **Dinja Nfern** issa sar **Dinja Ġenna**. Il-familja ta' Kevin tat lura l-flus li r-reġina kienet ħadet mingħand in-nies u wegħdet lin-nies li ser tmexxi tajjeb.

Issa kien wasal il-ħin li Sandra tmur lura Malta. Kevin ħalla lil Sandra żżomm il-ħwejjeġ biex tiftakar din l-avventura u taha wkoll iċ-ċurkett li kienet użat biex tirbaħ fuq ir-reġina.

Meta reġgħet libset iċ-ċurkett Sandra sabet ruħha fi Ġnien il-Paċi u kien hemm ħutha qed ifittxuha. Sandra ma qalet lil ħadd dwar din l-avventura. Tgħid xi darba Sandra jkollha bżonn tmur għal darba oħra f'**Dinja Ġenna**?





# The Underwater Adventure

**Myra Grech**

Last May a group of children wanted to go on a boat trip around Malta. Every child packed a bag full of useful things such as torches, maps, food and water.

One of the boys, Mark, was practicing his sailing skills at the Vikings Club, so he was in charge of the boat trip. He made sure that everything was ready and soon they set sail on the clear blue sea. The weather was perfect for the trip. The children couldn't wait to start their adventure.



On their way flying fish swam along with their boat. Seagulls soared around them crying out danger signals. Maria noticed that the water was turning pink! A mermaid with long curly hair appeared suddenly from the bottom of the deep blue sea. She made it clear that that was Inky the Octopus's territory and nobody was allowed to go there.



With that she disappeared again. The children looked at each other in amazement. But their amazement was even greater when they saw huge tentacles crawling from the back of the boat! Inky the Octopus was devouring them alive. There was no place or time to escape.

Sari, the mermaid came to the rescue. She told the children to hold on tight to a rope she was pulling. While Sari pulled, the children noticed that their lower part of their body was turning into a fish tail. This helped them to swim faster than Inky the Octopus. Soon they saw Sari's Castle enclosed in a cave. It looked spooky with a cloud of pink and black ink covering most of it. Quickly Sari pulled us in the cave and locked the gate. Inky soon arrived and wanted to get in. Bob, the little crab tried to chase Inky away but she was too cunning and got used to his tricks. Inky managed to grab Bob and held him tight in one of its tentacles. Bob cried for help while it bit hard into Inky's tentacles.

Inside the castle, Sari was mixing a magic potion to turn Inky into a sea urchin. It was going to be a difficult job to make Inky drink it so she asked the children to help her. Together they planned a way to hold Inky's tentacles while Sari had to pour the potion into her mouth.

While Bob was keeping Inky busy, the children quickly tied her tentacles with sea weed to the rocks nearby. Sari was quick to pour the potion into her mouth and the children waited anxiously for the transformation. The magic potion worked quickly and the children cheered and shouted with joy. Now Sari was the queen of the castle.

The children wanted to go back home but they couldn't as they still had fish tails. Queen Sari was kind enough to take them back to land and on the way their fish tails disappeared. It was sad to say goodbye but it was getting dark and the children knew that their parents would be waiting for them. Sari promised to meet them again if they wanted to, all they had to do was go to the beach and call her.





# L-Importanza tal-Ikel Organiku

**Malcolm Bartolo**

Fir-raħal tagħna hawn numru tajjeb ta' nies li l-ħidma tagħhom hija l-biedja. Minn sa qabel ma tibda tbexbex ix-xemx sa tard filgħaxija huma jqattaw il-ġurnata biex jkun possibli li jkollna ħxejjex u frott fuq il-mejda tal-ikel tagħna. U irridu nkunu umli u napprezzaw is-sagrifiċċji tagħhom.

Il-ħxejjex u frott huma mportanti ħafna biex ngħixu aħjar u b'hekk inkunu qed innaqqsu l-possibilità ta' mard. Għalhekk għandna nkunu nafu x'qiegħdin nieklu kif ukoll kemm dawk il-ħxejjex huma organiċi. Ikel organiku jfisser li jkunu kibru fi proċess naturali mingħajr ebda għajnuna eċċessiva ta' pestiċidi u/jew fertilizzanti. Meta persuna tiekol ħxejjex jew frott li jkunu tkabbru b'mod naturali, dik il-persuna tkun qiegħda żżid in-numru ta' vitamini A u Ċ li tant huma bżonnjużi. Il-maġġoranza ta' ħxejjex huma karboidrati (*carbohydrates*) li jfisser li l-ġisem ikollu bżonn bħala sors ta' enerġija. Wieħed ma jridx jinsa li l-klima Mediterranja hija ta' għajnuna kbira sabiex ikunu jistgħu jitkabbru ħxejjex u frott organiċi.

Huma diversi l-prodotti agrikoli li jitkabbru mill-bdiewa tagħna. U din id-diversità toħloq għażla aktar wiesgħa għal konsumaturi kif ukoll inkunu qiegħdin inżidu l-ammont t'ikel organiku li nieklu. Il-benefiċċji huma kbar. Aktar kemm nieklu ikel organiku, aktar inkunu qed inżidu l-ammont ta' potassju u fibra. Bħala l-ewwel eżempju nistgħu nieħdu dak tat-tadam imqadded li l-proċess tiegħu jwassal għal prodott organiku tajjeb. It-tadam Malti huwa ta' kwalità tajba ħafna. U għax dan jiġi mkabbar b'mod naturali, ikun ifisser li nkunu qed inżidu l-ammonti ta' vitamini minn sorsi naturali li għandna bżonn. Dan iwassal li meta t-tadam ikun qed jiġi 'imsajjar' b'mod naturali permezz tax-xemx, li minnha nnifisha tipproduċi l-vitamina D, il-prodott se jkun tajjeb żgur. It-tadam fih ammont sostanzjali ta' anti-ossidanti li jgħinu fis-saħħa tal-qalb. Xi nies jaħsbu li meta t-tadam ikun qed jigi 'imsajjar' mix-xemx, dawn l-anti-ossidanti jinqerdu kompletament. Din hija mentalità żbaljata. Huma biss xi 15% ta' anti-ossidanti li jiġu meqruda u dan jiġri għal raġunijiet ovvji li għandhom x'jaqsmu mat-temperaturi ta' sħana.

Benefiċċju ieħor importanti ħafna għalfejn għandna nixtru u nieklu ikel organiku huwa li l-ikel organiku jgħin fit-tkabbir ta' Livell Għoli tal-Lipoproteina (*HDL*) u jikkontrolla id-Densità Baxxa tal-Lipo-proteina (*LDL*). Kemm *HDL* u *LDL* huma żewġ tipi differenti ta' kolesterol li jinsabu fil-ġisem tagħna. Meta jkun hemm ħafna iktar *LDL* milli *HDL*, tkun qiegħda ssir ħsara kbira f'ġisimna. Ħafna mill-ħaxix u frott li jitkabbar b'mod naturali għandhom elementi li jgħinu fit-tkabbir ta' *HDL* u jnaqqsu l-ammonti ta' *LDL*.

***(Ikompli fil-paġna li jmiss)***





Prodott ieħor li huwa tajjeb u li fih insibu diversi vitamini li jitkabbar mill-bdiewa Mġarrin huwa l-frawli. Meta dan jitkabbar kif suppost u mingħajr l-ebda għajnuna sintetika u konvenzjonali biex taparsi jidher aħjar, il-bidwi għaqli jkun jagħtina wieħed mill-aktar tipi ta' frott li għandu l-vitamina Ċ u li jinkludi wkoll il-potassju. Aktar kemm persuna tiekol frawli aktar tkun qiegħda żżid fl-ammont ta' *ellagic acid* li huwa magħruf li jagħmel ħafna ġid fil-ġlieda kontra l-marda qerrieda tal-kanċer. Bħalma żgur qiegħdin tindunaw, huma ħafna il-benefiċċji li wieħed igawdi meta nagħżlu li nieklu ħaxix u frott organiku.

Il-ħamrija fertili ta' Malta hija raġuni tajba għala l-prodotti agrikoli organiċi huma essenzjali għalina. Huwa veru li l-proċess ta' tkabbir huwa itwal minn dak sintetiku. Imma huwa wkoll fatt li ħadd ma jista jmeri li frotta jew ħaxixa li tkun inżergħat u kkultivata b'mod naturali jkollha togħma aħjar. Allura bir-raġun li jekk prodott għandu togħma tajba, aktar hemm ċans li wieħed jerġa jiekol minn dak il-prodott. L-ilma li hawn f'dawn in-naħiet ta' Malta huwa tajjeb ħafna għall-biedja lokali. Mela jekk għandna ħamrija tajba u ilma naturali tajjeb dan żgur li jwassal għal prodotti agrikoli tajbin. Ħadd m'għandu d-dritt li jabbuża minn natura.

Aktar kemm ngħinu lil bidwi f'dak li qed jagħmel, aktar inkunu qed ngħinu lilna nfusna għax b'mod indirett inkunu qed ninvestu f'saħħitna stess u f'dik t'uliedna. Huwa fl-interess tal-bidwi li jkollu prodotti tajbin għax il-konsumatur matur jiekol sew irid. Sfortunatament hawn min jippreferi li jixtri frott u ħxejjex li jidhru kbar u sbieħ imma li jkunu bla togħma, iżda fil-ħajja l-apparenza mhux kollox u spiss tinganna. Mhux kull ma jleqq huwa deheb.

Is-saħħa hija kollox fil-ħajja ta kull wieħed u waħda minna u jekk irridu li saħħitna tkun aħjar, irridu nkunu nafu x'qiegħdin nieklu. Huwa ħafna aktar faċli li tilqa' għal mard milli tikkura l-mard. Kull darba li nieħdu d-deċizjoni li nieklu frott u ħaxix organiku, dawk li bis-saħħa tal-bdiewa tagħna jkollna fuq il-mejda tal-ikel fid-djar tagħna, inkunu qed nieħdu deċizjoni favur saħħa aħjar. L-ammonti ta' nutrijenti li jinsabu f'ħafna frott u ħxejjex organiċi huma kbar. U aktar ma jkollna varjetà minn dawn in-nutrijenti, aktar aħjar għal mod ta' kif jaħdem il-ġisem uman. Għalhekk tkun deċizjoni intelliġenti tagħna l-adulti li nibdew ngħallmu lit-tfal tagħna fuq il-benefiċċji t'ikel ġenwin. Aktar kemm jieklu frott u ħaxix aktar se jagħmlu ġid. U għal dawk li għandhom xi dubju, l-ebda frott jew ħaxix ma jħaxxen. Dejjem nieklu b'mod moderat u żgur li mhux qed nippretendi li ħlief frott u ħaxix ma niklux. Imma dejjem irridu nżommu f'moħħna li aħjar frotta waħda kuljum milli xejn. Tkun ħaġa utli ħafna li nieħdu lil uliedna jżuru xi għalqa jew serra ma xi bdiewa ħalli huma jitgħallmu japprezzaw is-sagrifiċċji u jagħrfu l-proċess li jwassal għal ikel ġenwin fuq il-mejda tal-ikel tad-djar tagħhom. Aktar kemm it-tfal jirrealizzaw x'inhu ikel ġenwin u li jkun tajjeb għalihom, aktar ikunu konxji fuq is-saħħa taghhom.

Il-klima ta' Malta hija ideali ħafna għal prodotti agrikoli organiċi. Nistgħu ngħidu li f'kull staġun faċilment insibu dawk il-frott u ħxejjex li jkunu lest fiż-żmien proprju tagħhom. Ma jfissirx li problemi ma jinqalgħux. In-nuqqas ta' xita u riħ qawwi huma żewġ effetti naturali li jistgħu jtellfu lil bdiewa tagħna fix-xogħol tagħhom. Konvint li min hu tas-sengħa, jaf x'għandu jagħmel.

Il-bidwi Mġarri jaf xi prekawzjonijet ikun hemm bżonn li jittieħdu meta t-temp ma jiġix favurih jew inkella tinqala xi marda li teffettwa l-prodotti tiegħu.

Jien ċert li l-maġġoranza tan-nies jafu x'inhu l-aħjar għal saħħithom. Jafu li saħħithom hija l-akbar investiment li jistgħu jagħmlu fihom infushom. Fl-aħħar mill-aħħar aħna lkoll iffortunati li l-bdiewa tagħna jafu sew x'inhu l-aħjar għal ħuthom l-Imġarrin.

The **FOOD** you eat can either be the **SAFEST** and most **POWERFUL** form of **MEDICINE** or the slowest form of **POISON**.

Ann Wigmore





# Laura Sammut – Suċċess fl-Atletika

Laura Sammut bdiet tipprattika l-atletika ġewwa l-Ingilterra meta kellha 10 snin, fejn kienet titħarreġ ma' Burton Athletics Club taħt it-tmexxija tal-*Coach* Ralph Boddice, u iżjed tard taħt *Coach* Gladys. Hija pparteċipat f'diversi kompetizzjonijiet ġewwa l-Ingilterra (kemm fuq it-*track* u ankè barra mit-*track*) u għalkemm ta' età daqshekk żgħira, Laura rnexxielha tirbaħ numru ta' kompetizzjonijiet.

Fl-età ta' 13-il sena, Laura ingħaqdet ma' St. Patrick's Athletics Club u bdiet titħarreġ u tikkompeti f'Malta, fejn il-prestazzjonijiet tagħha kienu qed jiġbdu l-attenzjoni ta' kulħadd. Din is-sena, fl-età ta' 14-il sena, Laura rnexxielha tikser ir-rekord nazzjonali fit-tellieqa tat-3000 metru b'ħin ta' 10 minuti u 44 sekonda, li bih kisret ankè r-rekord personali tagħha bi 17-il sekonda.

Però dan ma kienx biżżejjed għal Laura, għaliex waqt kompetizzjoni internazzjonali fis-Sajf 2013, hija rnexxielha tagħmel suċċess kbir ieħor meta kisret ir-rekord nazzjonali tal-1500 metru b'ħin ta' 4 minuti u 49 sekonda. B'dan il-ħin hija kisret ir-rekord preċedenti b'7 sekondi, liema rekord kienu ilu ma jintlaħaq għal tmienja u għoxrin sena sħaħ!

Laura rrappreżentat lil Malta ġewwa r-Repubblika Ċeka fil-kompetizzjoni tal-1500m, fejn ġiet ir-raba' minn ħamsa u għoxrin atleta. Iktar tard irrappreżentat lil Malta f'Korsika fejn kellha suċċess kbir. Kisbet il-medalja tad-deheb fil-kompetizzjoni tal-3000m, fidda fil-kompetizzjoni tal-1500m u fidda oħra fil-kompetizzjoni tar-*relay*.

F'Settembru li għadda Laura reġgħet marret tirrappreżenta lil Malta f'Brno - ir-Repubblika Ċeka biex tikkompeti fil-kompetizzjoni tal-1500m. Għalkemm kellha kompetizzjoni iebsa minn Spanja, l-Ingilterra, r-Russja, l-Italja, l-Ġermanja, Franza, Svezja u pajjiżi Ewropej oħra, Laura reġgħet kisbet suċċess ieħor għal Malta meta ġiet fit-tieni post.

Is-suċċess ta' Laura hu dovut għal ħila kbira u d-dedikazzjoni tagħha lejn l-atletika, il-*Coach* tagħha Rose Tabone, l-inkoraġġiment u s-sapport kontinwu tal-President tal-*Club* Stephen Spiteri u tal-ġenituri tagħha.

Fl-età żgħira tagħha Laura Sammut diġa kisbet suċċessi kbar personali u għamlet isem internazzjonali għall-Imġarr u għal Malta.

**Nawguraw lil Laura futur mimli suċċessi u li tkompli tkun ta' ispirazzjoni għaż-żgħażagħ Imġarrin.**









# Alison Vella – Suċċess fl-Olympic Air Rifle 10m

Fil-ftit żmien li ilha tipprattika l-isport tal-*Olympic Air Rifle 10m*, Alison Vella rnexxilha tikseb suċċess kemm lokali kif ukoll barra minn Malta. Fl-istaġun li għadda 2012/2013 rebħet il-fidda fil-*4a Gara Regionale Federale* (Catania – Sqallija), kisbet il-ħames post fil-*Jersey Commonwealth Shooting Federation Championships* (Jersey – Ingilterra) u kompliet billi rebħet id-Deheb fl-*Eley/NSRA Postal Shooting Competition* (Bisley – Ingliterra). Permezz ta' dawn is-suċċessi Alison ikkwalifikat sabiex tirrappreżenta lil Malta fil-*Grand Prix de France* (Fleury des Aubrais - Franza) fejn kisbet l-aqwa punteġġ tagħha kif ukoll kisret ir-rekord nazzjonali tal-*Air Rifle* li nkiseb barra minn Malta. F'Ġunju ġiet magħżula biex tirrappreżenta lil Malta għall-ewwel darba fil-*Games of the Small States of Europe* ġewwa l-Lussemburgu.

L-għanijiet għall-istaġun li ġej 2013/2014 huwa li tikseb il-punteġġ neċessarju biex tikkwalifika għall-*ISSF World Cup* ġewwa Munich, il-Ġermanja kif ukoll tikkwalifika għall-*Commonwealth Games* ġewwa Glasgow, l-Iskozja. Għalhekk ser tipparteċipa f'diversi kompetizzjonijiet lokali u internazzjonali fosthom: l-*Airgun Grand Prix* (bejn Malta, Wales u Sqallija), il-*Gara Regionale Federale* (Catania – Sqallija), il-*European Championships* ġewwa Moska, ir-Russja u l-*Malta Airgun Championships*.

Is-suċċessi ta' Alison kienu rrappurtati fuq il-mezzi tax-xandir u fuq il-gazzetti, fejn fost kompetizzjonijiet iebsa minn pajjiżi differenti hija dejjem irnexxielha tikseb fost l-ogħla punteġġi. Nawguraw lil Alison biex tkompli tikseb suċċessi ikbar u biex tkompli twassal isem Malta, u l-Imġarr mad-dinja kollha.

Għall-iktar informazzjoni dwar l-isport tal-*Air Rifle* u l-*Air Pistol* u biex issegwu lil Alison tistgħu tidħlu fis-sit elettroniku www.maltashooting.com.





# Mateja Camilleri – L-Aqwa Make-up Artist għall-2013

Wara li kkwalifikat kemm minn CIBTAC u CIDESCO (ċertifikazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-sbuħija / *beauty therapy*), Mateja Camilleri bdiet il-karriera tagħha fl-2005 bħala *beauty therapist*. Minn dik is-sena 'l quddiem hi baqgħet tavvanza fl-istudji tagħha fl-*International School of Beauty Therapy*, fejn hi ankè kienet tgħallem l-applikazzjoni tal-*make-up*. Illum hija tagħti lezzjonijiet ta' kif wieħed japplika l-*make-up* fis-*salon* il-ġdid tagħha, Mateja's (111, Mateja's, Triq San Pawl, Imġarr).

L-arti u l-kreattività kienu dejjem għal qalb Mateja. Fl-2007 Mateja ddeċidiet li twettaq il-ħolma tagħha, dik li ssir *Make-up Artist* professjonali, u għalhekk marret Ruma fejn hija kkwalifikat fil-*Film, TV, Fashion & Corrective Make-up*. Fil-karriera tagħha Mateja kellha l-opportunità li taħdem fuq *Catwalks* u settijiet tal-fotografija ma' professjonisti tal-make up, *hairdressers* u fotografi internazzjonali.

Kien propju f'Ruma meta Mateja rebħet l-ewwel kompetizzjoni tal-*body paint* tagħha. Hi kellha l-opportunità li tieħu sehem fl-*Alta Moda Fashion Week* f'Ruma, fejn waħda mill-mudelli tagħha ġabuha ankè fuq ir-rivista *Vogue Italia*. Hija għamlet xogħol ankè għal ditti barranin, kemm fl-2011 għal Jack Guisso u fl-2013 għal Delfrance Ribeiro. Fl-2009 kienet il-*make-up artist* għal *Wella Trend Vision Colour Award*.

Mateja kisbet isem ta' waħda mill-aqwa *make-up artists* ta' pajjiżna, infatti naraw ħafna xogħol tagħha fuq il-programmi tat-televiżjoni. Fost il-programmi li ser tkun qegħda taħdem fihom din is-sena hemm: Ilsien in-Nisa, Venere u Indhouse.

Il-professjonalità ta' Mateja wasslitha biex kellha l-privileġġ li tkun nominata għall-*Best Make-up Artist* fil-*Malta Fashion Awards* tal-2009, 2010, 2011, 2012, u rebħet dan l-unur din is-sena 2013. Għalkemm dan huwa l-ikbar unur fil-qasam tal-*make-up* f'pajjiżna, żgur li Mateja mhix se tieqaf hawn, u għalhekk nawgurawlha li tkompli tikseb suċċess wara l-ieħor u tagħmel isem tajjeb għall-Malta u l-Imġarr permezz tal-karriera tagħha.






# Analise Vassallo – Konferenza dwar ir-Rumanz u l-Poeżiji ta' Juan Mamo

Nhar is-26 ta' Ottubru ittellgħet l-ewwel Konferenza dwar ir-rumanz u l-poeżiji ta' Juann Mamo (1886-1941) mid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta, bl-għajnuna tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Din il-Konferenza Juann Mamo ttellgħet bl-għan li tistħarreġ il-personalità letterarja ta' Juann Mamo minn angoli differenti għax kellu diversi interessi, talenti u esperjenzi li jidhru sew fil-poeżiji u fir-rumanz u l-personaġġi li jissemmew fih.



F'din il-konferenza, ħadu sehem 20 studjuż u studjuża minn diversi oqsma, fosthom il-letteratura, il-lingwa, l-lingwistika, l-inġinerija, il-mediċina, l-għana, l-ikel, l-emigrazzjoni, il-liġi, l-istorja, l-emigrazzjoni u l-antropoloġija.

Din il-konferenza dwar dan l-awtur straordinarju ħabtet mal-pubblikazzjoni mill-SKS ta' tliet kotba marbutin max-xogħol ta' dan l-awtur passjonali. Din il-pubblikazzjoni tinkludi edizzjoni ġdida tar-rumanz Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka, b'daħla kritika u tifsir il-kliem; ktieb dwar għadd kbir ta' personaġġi Maltin u barranin li jissemmew fir-rumanz klassiku ta' Mamo, proġett ta' Anton Cassar b'riċerka minn Adrian Grima u Olivia Borg; u ġabra kritika tal-poeżiji kollha ta' Mamo minn Annalise Vassallo, gradwata tad-Dipartiment tal-Malti.

L-editur ġenerali ta' din is-sensiela huwa Dr. Adrian Grima, li jgħallem il-letteratura Maltija fid-Dipartiment tal-Malti. Fost il-kelliema kien hemm il-Professur Manwel Mifsud, li kellu sehem kbir fix-xogħol li sar fuq l-edizzjoni l-ġdida tar-rumanz, u Oliver Friggieri, li kiteb l-ewwel xogħol kritiku importanti dwar Mamo u l-kitba tiegħu fl-1984.






***"Ir-rumanz, il-personaġġi u l-poeżiji ta' awtur ikoniku injorat għal nofs seklu għax irrakkonta l-gżira tal-mogħoż u t-tlaleb bil-passjoni u l-onestà ta' esploratur bla sabar tal-kelma," Adrian Grima.***

Disinn tal-qoxra,
Pierre Portelli.

# L-Għaqda tal-Istudenti tal-Medicina ta' Malta

Victoria Camilleri

F'Ottubru li għadda bdejt it-tieni sena minn ħamsa ta' dan il-kors li se jwassalni biex insir dik li dejjem xtaqt inkun: tabiba. Nemmen li dan ix-xogħol mhux biss għandu jkun professjoni iżda wkoll vokazzjoni. Nemmen li f'xogħolok għandek tfittex mhux biss li taqla' x'tiekol iżda wkoll li jkollok sodisfazzjon, sodisfazzjon li qed tagħmel xi ħaġa biex ittejjeb il-ħajja ta' dawk ta' madwarek. Għalkemm jiena għadni biss studenta, dan is-sodisfazzjon diġa' ksibtu, grazzi għall Għaqda tal-Istudenti tal-Mediċina ta' Malta (MMSA).

Din l-għaqda tirrappreżenta lill-istudenti tal-mediċina fi ħdan l-Università ta' Malta. L-MMSA għandha l-għan li tgħin lill-istudent matul is-snin ta' studju tiegħu. Din hija waħda mill-ikbar organizzjonijiet fil-kampus tal-università li minn sena għall-oħra, torganizza diversi attivitajiet immirati mhux biss biex itejbu l-esperjenza tal-istudent iżda wkoll biex iwasslu messaġġi lill-pubbliku dwar is-saħħa. L-għaqda tal-istudenti tal-mediċina għandha l-għan li tgħallem lill-pubbliku dwar diversi temiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa, bħall-importanza tal-eżerċizzju fiżiku, il-moniteraġġ tal-pressjoni, protezzjoni minn mard trasmess sesswalment, saħħa mentali, iġene fost it-tfal u l-protezzjoni mix-xemx.

Sena wara sena l-MMSA torganizza diversi kampanji li jimmiraw biex iwasslu dawn il-messaġġi. Xi wħud minn dawn il-kampanji huma: *World Diabetes Day*, fejn l-istudenti tal-mediċina jmorru f'postijiet pubbliċi fosthom il-Belt Valletta, fejn jagħmlu testijiet tal-pressjoni u taz-zokkor; il-'*Mr & Mrs Breastestis Campaign*' li hija immirata biex l-istudenti tas-*sixth form* jingħataw informazzjoni rigward il-kanċer tas-sider u l-kanċer tal-prostata; l-'*Anti bullying Campaign*' li hija mmirata biex tħeġġeġ lill-istudenti żgħar biex ifittxu l-għajnuna f'sitwazzjoni ta' *bullying*. L-aħħar, iżda mhux l-inqas, waħda mill-ikbar kampanji tal-MMSA hi '*Beat the Burn*'.

*Beat the Burn* hi kampanja relattivament ġdida, li bdiet is-sajf li għadda. Din il-kampanja hi mmirata lejn pubbliku ta' etajiet varji, biex tħeġġeġ protezzjoni mix-xemx adegwata. Mhux biss permezz tas-*sunscreen SPF 50+*, iżda wkoll permezz ta' ħwejjeġ protettivi bħal kpiepel, nuċċalijiet u flokkijiet bi kmiem twal. Tirrakomanda wkoll l-użu ta' umbrellel u li wieħed għandu jevita x-xemx bejn il-ħinijiet ta' nofsinhar u l-erbgħa ta' wara nofsinhar. Dan il-messaġġ jitwassal mill-istudenti tal-mediċina stess, permezz ta' lezzjonijiet matul Skola Sajf, kif ukoll f'attivitajiet oħrajn fejn l-istudenti jitħaddtu direttament mal-pubbliku f'postijiet popolari bħal Marsaxlokk. Saħansitra ġiet ippubblikata rivista fil-bidu ta' dan is-sajf, '*Ripple*', li kien fiha ħafna informazzjoni dwar l-effetti tax-xemx u l-protezzjoni minnha, bi stil addattat għall-familja kollha.

Permezz ta' kampanji bħal dawn, t-tobba ta' għada jibdew il-ħidma tagħhom mill-ewwel sena ta' studju u fl-istess ħin jkunu motivati sabiex ikomplu jistudjaw, għaliex naturalment il-kors tal-mediċina huwa wieħed li jirrikjedi ħinijiet twal ta' studju u sagrifiċċji kbar. Kien permezz tal-MMSA li jien ikkonfermajt li l-għażla tiegħi sabiex nistudja fil-fakultà tal-mediċina kienet l-għażla t-tajba!
















# Esperjenza fil-Missjoni ġewwa Tanzania, il-Kenja – **Rita Vella**

Ix-xewqa tagħna li xi darba mmorru missjoni bdiet issir realtà f'Diċembru 2011 meta kien qed jinkiteb il-ktieb 'Ċensu Vella – il-Bidwi Koperattiv.' It-tfal ta' Ċensu iddeċidew li jħallsu l-ispejjeż kollha tal-ktieb bħala rigal ta' għeluq sninu u għalhekk iddeċidew li minflok li l-ktieb jitqassam b'xejn, tingħata donazzjoni li tmur għall-missjoni.

Meta fit-23 ta' Jannar 2012, il-ktieb ingħata lil Ċensu, propju f'għeluq it-tlieta u tmenin sena tiegħu, apparti li feraħ bil-ktieb għax ma kienx jaf li tlesta, feraħ ħafna wkoll bl-idea li jinġabru flus għall-missjoni. Dakinhar jien u r-raġel tiegħi Joe, urejna x-xewqa li l-flus li jinġabru nitilgħu bihom aħna stess. Stedinna wkoll lil min irid jiġi magħna, u mill-ewwel it-tifla tagħna Mariana, iż-żewġ neputijiet tagħna Louise u Melanie u ħabib kbir ta' Ċensu, is-Sur Austin Walker, urew ix-xewqa li jingħaqdu magħna. Wara li nfurmajt bl-idea lil oħt ir-raġel tiegħi Vivienne, li tgħix l-Awstralja, offriet li tiġi magħna hi wkoll.

L-akbar xokk kien meta propju tlieta w għoxrin ġurnata wara din l-okkażjoni, fil-15 ta' Frar 2012, Ċensu Vella ħalliena għall-għarrieda biex imur jiltaqa' mal-Mulej. Wara li beda jgħaddi x-xokk u d-donazzjonijiet tal-ktieb bdew imorru tajjeb ħafna, bdejna nfittxu ma' min ser immorru peress li issa l-grupp kien beda jikber.



Iddeċidejna li mmorru mas-sorijiet Animazzjoni Missjunarja Teresa Nuzzo, u wara li tkellimna ma' Sister Pressede, qaltilna li l-proġett li xtaquna niġbru għalih kien *boundary wall* li kellu jsir f'Esso, Arusha, fit-Tanzanija u li kellu jiswa €11,000.

Minn hemm bdejna naħsbu fil-ġbir ta' fondi; fejn l-ewwel attività kienet tombla għand Sunny Bar & Restaurant, fi żmien il-Għid kellna bejgħ ta' figolli, f'Jum l-Omm bejgħ ta' kejkijiet, fjuri u frawli, Ikla ġewwa s-Suncrest Hotel, sparatura fuq il-plattini f'Ħal Far, fiera u ikla kbira fiż-Żebbiegħ.

Sadanittant ommi bdiet sejra lura minn saħħitha u ma kontx ċerta jekk immurx il-missjoni jew le. Infatti l-aħħar attività kienet diffiċli għalija għax ommi kienet marida ħafna u jien kelli nkompli bl-attività minflok inkun magħha. Propju erbat 'ijiem wara din l-attività, fl-4 ta' Lulju, ommi ħallietna wkoll biex tmur tingħaqad mal-Mulej. Hawn ġejt iżjed bejn ħalltejn dwar x'se nagħmel. Imma d-donazzjonijiet baqgħu deħlin u meta rajt li għandna madwar €20,000 f'idejna ma stajtx inħassar kollox għax dawn inġabru bil-ħila ta' ħafna nies li minn hawn nirringrazzjahom, speċjalment lill-kumitat tal-knisja taż-Żebbiegħ għax l-iktar li ngħabru flus kien żgur li bil-għajnuna kbira tagħhom.



Fit-23 ta' Awwissu 2012 il-grupp kollu kien jinsab fl-ajruport ta' Malta biex nibdew l-avventura tagħna. Il-grupp issa kien kiber għal tlettax-il persuna – jiena, Joe, Mariana, Louise, Melanie, Austin, Antonia, Charlie, Carmen, Doris, Sister Pressede, Vivienne li ġiet mill-Awstralja u t-tifla tagħha Alison li ġiet mill-Ingilterra.

Tlaqna mill-ajruport għal Kajr u minn hemm għal Nairobi fejn wasalna fl-3:45am. Hawn stennejna madwar erba' siegħat biex ma nivjaġġawx matul il-lejl minħabba l-biża' li nisfaw attakkati. Lanqas fejn noqgħodu bilqiegħda ma kellna u għalhekk poġġejna fuq il-bagalji. Ġiet Sister Lucy għalina u fid-9:15am tlaqna għat-Tanzanija, u wasalna Esso, f'Arusha fis-2:30pm. Niżżilna l-ħafna bagalji li kellna, ħadna l-kmamar tagħna, morna naraw skola u rajna fejn kienet il-knisja, biex filgħodu mmorru għall-quddiesa tas-6:30am.

Filgħodu wara l-quddiesa, ltqajna ma' Sister Pressede li spjegatilna l-Evanġelu tal-ġurnata u bdejna l-ġurnata. L-irġiel bdew ix-xogħol tal-ħajt u aħna n-nisa

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

morna nagħmlu xogħol fl-iskola. Wara nofsinhar konna ninqasmu f'żewġ gruppi u mmorru nagħmlu *home visit*. Għalija dawn kienu mpressjonanti ħafna għaliex tara kif ħames persuni jgħixu ġo kamra li forsi fiha 8 piedi bi 8 piedi, xi sodda f'rokna, fejn isajru naħa oħra u kollox ġo kamra waħda. X'ma jkunx hemm tfal jiġġerrew fit-toroq jekk lanqas fejn joqgħodu m'għandhom!

Dawn iż-żjajjar kienu mpressjonanti u li ma tinsihom qatt. Kuljum konna nżuru tlieta jew erba' familji, u nieħdulhom xi ħwejjeġ minn dawk li tellajna magħna u xi ikel bħal xi borża ross, qamħirrun u zokkor. Għamilna festin għall-anzjani u ieħor għat-tfal fejn anke għamilnielhom *facepainting*. Darb'oħra għamilna festin għal dawk morda bl-AIDS.

Ġo Arusha ħdimna u messejna mal-faqar veru li jeżisti. Hawnhekk għamilna ħmistax–il ġurnata u kien wasal iż-żmien li mmorru ġewwa Limuru, fil-Kenja. Limuru konna noqgħodu fl-istitut fejn tgħix is-Soru Maltija Sr. Sandra li tgħidx kemm ferħet x'ħin ratna. Hawn bajjadna l-istitut minn ġewwa u minn barra.

Minn ġewwa lestejnieh aħna stess u peress li ma kienx hemm slielem u ż-żmien biżżejjed ma kellniex, ħallasna l-ħaddiema biex jagħmluh minn barra. Minn ġewwa konna nitilgħu fuq il-*bunk beds* biex nilħqu nbajdu kullimkien. Morna wkoll inżuru xi orfanotrofji oħra ġewwa Setelite u Ruiru. Hawnhekk tmajna ħafna tfal tat-triq. Tfal u ġuvintur jiġu kollha fil-kju biex nagħtuhom erba'




| RENDIKONT MISSJONI 2012 | |
|---|---|
| Bejgħ ta' kotba | 1065.00 |
| Lotteriji | 388.50 |
| Tombla | 856.75 |
| Bejgħ ta' kotba u Donazzjonijiet | 933.50 |
| Fiera Żebbiegħ | 1648.82 |
| *Breakfast* | 154.00 |
| Ikla Suncrest Hotel | 1696.67 |
| *Mother's Day* (Bejgħ ta' kejkijiet, frawli u fjuri) | 612.80 |
| *Tournament* | 583.00 |
| Sparatura Plattini Ħal Far | 1956.00 |
| Ikla Żebbiegħ (Majjalata) | 5105.00 |
| *Bar* waqt Ħidmet Missirijietna 2012 | 595.70 |
| Donazzjonijiet | 1077.34 |
| Donazzjonijiet | 4281.92 |
| Donazzjonijiet | 7000.00 |
| Donazzjonijiet | 2020.00 |
| **Dħul Totali:** | **29975.00** |
| **KIF TQASSMU** | |
| **ARUSHA -TANZANIA** | |
| Ħajt (*Boundary Wall*) | 11500.00 |
| *Gate* ġdida | 1500.00 |
| Kanal tal-ilma | 1500.00 |
| Plakka tal-irħam | 75.00 |
| Festini għat-tfal b'diżabbiltà | 385.00 |
| Rigali (kotba eċċ) lil 80 tifel u tifla | 235.00 |
| Donazzjoni lill-Komunità ta' Arusha | 1000.00 |
| Depożitu fuq l-iskola l-ġdida | 7000.00 |
| **LIMURU -KENJA** | |
| Żebgħa u Xogħol ta' tibjid | 1735.00 |
| Festin lit-tfal | 250.00 |
| Rigali lit-tfal (sapun, *toothpaste*, *toothbrush*) | 110.00 |
| Donazzjoni lill-Komunità ta' Liguru | 1685.00 |
| Donazzjoni lill-Komunità ta' Setelite | 1000.00 |
| Donazzjoni lill-Komunità ta' Langata | 1000.00 |
| Donazzjoni lill-Komunità ta' Ruiru | 1000.00 |
| **Ħruġ Totali** | **29975.00** |

## Esperjenza fil-Kenja

Carmen Gauci

**Poeżija**

*Wara ftit li ġejt mill-Kenja*
*Jien ma stajtx noqgħod bil-kwiet*
*Tant kont naħseb fit-tfal kollha*
*Li ħabbejt bħala wlied.*

*Darba ltqajt ma' Sr. Presede*
*Kif kont għand is-sorijiet*
*Qaltli "Carm sejrin il-Kenja*
*Ġej grupp miż-Żebbiegħ".*

*Jien ma tantx domt naħsibha*
*Kont pronta għedtilha "Niġi"*
*Mal-aħbar hija tant ferħet*
*U fil-pront hija kitbitni.*

*Il-ħsieb kien ta' Joe u Rita*
*Xtaqu jagħmlu xi ħaġa għal ġid*
*Huma ftakru fil-missjoni*
*U kien tassew ħsieb qaddis.*

*Kważi l-grupp kien familjari*
*Hekk kien kieku l-ħsieb tagħhom*
*Però jien u xi erbgħa oħra*
*Xtaqna wkoll immorru magħhom.*

*Aħna spiss bdejna niltaqgħu*
*Biex naraw x'hemm bżonn isir*
*Bdiet attività wara oħra*
*Donazzjonijiet bil-kbir.*

*Iż-żmien beda joqrob sewwa*
*Il-garaxx kollu mlejnieh*
*B'ħafna ħwejjeġ u oġġetti*
*U ppakkjajna minnufih.*

*Wasal iż-żmien illi nitilqu*
*Fl-ajruport aħna wasalna*
*X'ħin għaddewlna l-bagalji*
*Moħħna kwieta u striħajna.*

*X'ħin il-Kenja l-għada konna*
*Stennejna ftit tal-ħin sewwa*
*Biex immorru t-Tanzania*
*Bit-trasport illi pprovdewlna.*

*Is-sorijiet tant laqgħuna*
*Kienu kollha ferħanin*
*Illestewlna xi ftit ikel*
*Flimkien konna lkoll ħenjin.*

*Kif sebaħ l-għada filgħodu*
*Attendejna għal quddies*
*Bdejna x-xogħol li kellna nagħmlu*
*U l-ġurnata hekk għaddiet.*

*L-irġiel bdew fix-xogħol tal-bini*
*In-nisa skola mat-tfal*
*Filgħaxija nżuru l-familji*
*U ninġabru lura d-dar.*

*Għadda ż-żmien fit-Tanzania*
*Għal Kenja aħna tlaqna*
*Ġurnata oħra ivjaġġajna*
*Għajjenin lkoll wasalna.*

*Kif wasalna aħna l-Kenja*
*Kulħadd feraħ bina lkoll*
*It-tfal bdew jiġru warajna*
*Ferħanin konna aħna lkoll.*

*Dlonk ħidmietna bdiet fill-Kenja*
*Ried isir malajr ix-xogħol*
*Bajjadnielhom id-dormitorju*
*Sistejna kemm stajna lkoll.*

*Fil-weekend konna nieqfu*
*Biex nieħdu ftit tal-mistrieħ*
*Aħna wkoll morna safari*
*Annimali rajna sbieħ.*

*Konna lkoll familja waħda*
*Naħdmu, niċċajtaw flimkien*
*Tlabna u qsamna l-esperjenzi*
*U hekk kien jgħaddi ż-żmien.*

*Iż-żmien reġa' beda joqrob*
*Ħsibna lkoll biex nippakkjaw*
*U hekk spiċċat din l-esperjenza*
*Biex lejn Malta nirritornaw.*

*X'ħin wasalna f'Malta tagħna*
*Tal-familja ferħu bina*
*Aħna wkoll konna ferħana*
*Għax wasalna art twelidna.*

*Ilkoll għedna grazzi 'l Alla*
*Kif ukoll il-Ommna Marija*
*Għax magħna kienu l-ħin kollu*
*Sħaħ wasalna u qawwija.*









biċċiet ħobż u tazza ruġġata, li kienu jiblgħuhom f'salt dak il-ħin. Tmajna wkoll lix-xjuħ u tajnihom basket bl-ikel biex jieħduh magħhom, dawn kienu jimtlew b'ferħ kbir għax il-fatt li kienu jieħdu l-ikel lill-familja tagħhom kienet sabiħa wisq, għalkemm kienu jbatu ħafna biex jimxu u aħseb w ara biex iġorru l-baskett bl-ikel.

Kif konna nerġgħu lura f'Limuru, t-tfal tgħidx kif kienu jduru magħna u jifirħu. Ħaġa li impressjonatni kienet li t-tfal kif isiru 6:00pm jitilqu dak li jkunu qed jagħmlu u jinġabru fis-sala jgħidu r-Rużarju waħedhom mingħajr ma jistennew li jmorru s-sorijiet magħhom u hemmhekk jitolbu għall-benefatturi u l-volontarji. Fl-aħħar ġurnata għamilnielhom festin u tajnihom tlett sapuniet, xkupilja tas-snien kull wieħed, għax dawk l-iżjed li għandhom bżonn, u ferħu ħafna bihom.

Nixtieq ngħid li kienet esperjenza mill-isbaħ u nħeġġeġ biex min jista' u jixtieq li jmur il-missjoni ma jaqtax qalbu u jagħmel kuraġġ, għax veru esperjenza li ma tinsa qatt u minnha tieħu ħafna paċi, tapprezza iżjed il-ħajja u dak kollu li għandek, u tifhem li m'humiex il-flus u l-lussu li jġibu l-paċi veru.



# L-Esperjenza Missjunarja fl-Afrika, Mozambique – **Marcel Chetcuti**

Bejn is-27 ta' Lulju u t-28 ta' Awwissu kelli l-grazzja sabiħa li mmur nagħmel esperjenza missjunarja fil-Mozambique. Domt hemm erba' ġimgħat u għalkemm kienet ix-xitwa, t-temperatura xorta kienet tkun bejn il-25 u t-30 grad. Parti kbira mill-lokalità kienet ramel, għalhekk il-ħidma tagħna ma kinitx waħda faċli.

Xi ħaġa li laqtitni ħafna kienu n-nies li jgħixu hemm. Dawn qabel kienu taħt kolonnja Portugiża, u l-gvern kien offra li jagħti xi art lill-abitanti biex ikollhom residenza, u post fejn setgħu jibnu familja. Ftit kienu dawk li bnew bil-*bricks* (magħmul mir-ramel tal-madwar u siment) peress li għalihom kien jiswa ħafna flus. Għalhekk rajna bosta nies jgħixu fi djar żgħar msejħin *paliotas* magħmulin minn qasab, zkuk u ħaxix qisu ħuxlief biex jilqa' x-xita.

Fl-erba' ġimgħat li domna l-Mozambique, għexna mas-sorijiet Agostinjani. Dawn ipprovdewlna sodda w ikel għal filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija. L-ilma biex ninħaslu, wara li jtellgħuh minn taħt l-art, kien jinħażen f'tankijiet kbar. Elettriku ma kienx hemm u bil-lejl kienet taqa' l-kesħa. Peress li konna mingħajr ilma sħun, is-sorijiet kienu jieħdu ħsieb li jagħmlu ħuġġieġa u jsaħħnu stanjata bl-ilma. Għad-dawl kellhom *generator* biex nixgħelu ftit il-kmamar tagħna.

Id-donazzjonijiet li konna ġbarna qabel ma tlaqna, konna bagħtniehom lis-sorijiet biex bihom setgħu jixtru xi ikel u ħalib għall-foqra. Servew ukoll sabiex inxtara materjal għal *peliotas* li kull waħda kienet tiswa madwar €130. Għalihom dan l-ammont kienu qishom eluf, speċjalment għal familji bi tmint' itfal li bilkemm kellhom biex jgħixu.

Ir-residenti jħaddnu tradizzjoni antika ħafna, u ma tantx kellhom okkażżjonijiet li jiltaqgħu ma nies tal-kultura tagħna. Meta konna nidħlu f'xi art biex nibdew naħdmu fuq xi *paliota*, kienu jiġu ħafna residenti jaraw x'qiegħdin nagħmlu.

Biex nibnu l-*paliotas*, konna nużaw skieken (jissejħu *katana*), serrieq u xi msiemer. Il-*katana* konna nużawha biex nagħmlu toqob biex inkunu nistgħu npoġġu bħal pilastri tal-injam, li konna nkunu qtajniehom bis-serrieq biex inġibu l-għoli tas-saqaf. Wara konna ndawruhom bil-qasab u nissikkaw mad-dawra. Fl-aħħar konna nibdew is-saqaf: nagħmluh forma ta' lenbut, nerfawh fuq idejna, npoġġuh fuq il-pilastri u niksuh bil-ħuxlief. Fuq kull waħda konna ndumu madwar jumejn, u ġieli ankè tlieta meta l-materjal ma kienx iservi.

Erba' ġimgħat għaddew malajr, u wasal iż-żmien biex nitilqu lura. Fl-aħħar lejl ġew l-istudenti tas-sorijiet, għamlulna żfin, kanzunetti u ankè logħob Afrikan.

Din kienet esperjenza unika, avventura memorabbli u storja ta' minn jirrakkontaha.















# Ismijiet tal-Kosta Mġarrija

**Mario Vassallo**

## DAĦLA

Meta kont għadni daqsxejn ta' tfajjel kienu jistaqsuni "Fejn toqgħod?", "L-Imġarr" kont inkun pront inwieġeb. Bir-risposta tajba kienu jitbissmu. Meta bdejt nikber bdejt ninduna li madwar dawn l-inħawi kien hawn ħafna ismijiet oħrajn li kienu jagħmlu parti mill-Imġarr, ngħidu aħna bħal Tas-Santi, il-Palma u Għajn Tuffieħa. Iżda matul is-snin, bdejt nisma' b'ħafna ismijiet ta' postijiet madwar l-Imġarr, kemm jekk ikunu tal-għelieqi u kemm jekk ikunu mal-kosta Mġarrija. Dan l-artiklu qiegħed jinkiteb bl-iskop li jidħol kemm jista' jkun fid-dettal fl-ismijiet tal-kosta Mġarrija li tibda mit-Torri ta' Għajn Tuffieħa sa Fomm ir-Riħ.

## ISMIJIET ANTIKI

Fost l-ewwel tagħrif dwar ismijiet tal-kosta nsibu dawk il-postijiet li kienu msemmija bħala postijiet tal-għassa fi żmien il-Milizia li kienet imwaqqfa mill-Università biex tieħu ħsieb id-diviża tal-gżira. Fil-lista tal-1417 – 1419 jissemmew Blat Mogħża fl-inħawi ta' Fomm ir-Riħ (illum dan l-isem intilef għal kollox), il-Lippija u Għajn Tuffieħa bħala postijiet tal-għassa.

Post ieħor li jissemma fost l-ewlenin hu fil-fatt marbut ma' leġġenda u jinsab ftit l-isfel mill-ponta ta' Fomm ir-Riħ jew kif inhi magħrufa Ras ir-Raħeb. Fil-formazzjoni tax-xifer tal-blat għoli hemm blata mdendla, twila u rqiqa li sa mis-seklu sbatax in-nies tal-inħawi kienu jsibuha bħala l-Imdendel. Il-leġġenda tgħid kif raħeb li kien fil-post kien ħarab wara tfajla, u biex teħles minnu qabżet mix-xifer għal isfel, għal ġol-baħar. Ir-raħeb, fid-dagħdiha li kellu ukoll qabeż għal warajha imma l-kurdun taċ-ċoqqa weħel mal-blat u baqa mdendel max-xifer biex maż-żmien imbidel fi blata hu wkoll. Ta' min jgħid li din il-leġġenda kien kitibha l-Inkwiżitur Fabio Chigi, (1634 - 1639) wara li sar Papa Allessandru VII, lil kuġinuh il-Kavallier Agostino Chigi f'ittra li kien bagħatlu bid-data 8 ta' Frar 1636. L-informazzjoni kien ġabarha mingħand in-nies tal-post meta kien fi triqtu mir-Rabat għall-Mellieħa.

Iżda l-ewwel tagħrif dettaljat bil-miktub kien inġabar minn Ġian Franġisk Abela fl-1647. Dan ifisser li l-ismijiet ta' dawn l-inħawi kienu diġa magħrufin man-nies tal-inħawi. Hekk insibu r-Ramla ta' Għajn Tuffieħa, il-Qarraba, ir-Ramla ta' Bugħarwien (dik li tinsab bejn il-Qarraba u l-Ġnejna) (Ritratt 17) ir-Ramla jew il-Qala (Bajja) tal-Imġarr li llum msejħa il-Ġnejna, il-Pellegrin jew il-Qalgħa (għolja) tal-Imġarr, Fomm ir-Riħ u Ras ir-Raħeb li hija l-ponta ta' Fomm ir-Riħ.

## ISMIJIET AKTAR RIĊENTI

Matul is-snin bdew jiżdiedu xi ismijiet ġodda lil xi inħawi jew blat skond il-mentalità, l-użu jew il-persuni li b'xogħolhom ħallew marka fuq l-inħawi. Waħda minn dawn l-attivitajiet tal-bniedem li ħallew marka fuq l-inħawi tal-Ġnejna kienet l-armar tat-tunnara fil-bajja bejn is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin.

Insibu li blata ċatta maġemb ir-Ramla ta' Bugħarwien u l-Qarraba bdiet tissejjaħ 'il-Blata tat-Tonn' jew 'Tat-Tonn'. Ankè għar li kien jinsab maġembha kien magħruf bħala 'l-Għar tat-Tonn'. Dan ġara minħabba li l-blata kbira w ċatta bdiet tintuża biex jissewwew u jitnixxfu x-xbieki kbar u goffi li kienu jintużaw għat-tunnara, filwaqt li l-għar beda jintuża biex il-ħut li jinqabad jitqiegħed ġo fih għall-frisk sakemm jittella bil-karettun għal fuq ix-xifer u jibqa' sejjer biex jinbiegħ. Fl-istess inħawi, parti mill-blat tal-Qarraba, hemm żewġ blatiet li huma magħrufa bħala 'ix-Xieru' u 'l-Barkazza'. Dawn kienu l-ismijiet ta' żewġ kwalitajiet ta' dgħajjes li kienu jintużaw fix-xogħol tat-tunnara.

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*



26






















Blata oħra fuq ix-xellug tal-Bajja tal-Ġnejna hija magħrufa bħala 'Il-Marbat'. Din il-blata kienet magħżula min-nies tat-tunnara biex magħha jintrabtu x-xbieki tat-tunnara. Għalhekk, din il-blata għandha forma partikolari fis-sens li għalkemm hija blata kbira u soda f'postha, għandha bħal għonq dejjaq ma' wiċċ l-ilma fejn terġa titwessa 'l fuq ħalli l-irbit tal-ħbula ma joħrogx minn ġo fiha, lanqas fil-maltemp. Simili ta' din hemm oħra n-naħa ta' Għajn Tuffieħa għax ankè hemmhekk għamlet xi żmien tintrama t-tunnara. (Ritratt 6)

Ma dawn l-ismijiet b'konnessjoni mat-tunnara hemm post ieħor, eżattament fix-xellug tar-Ramla tal-Ġnejna magħruf bħala 'Il-Maħżen'. F'dan il-post kien hemm kamra kbira, jew maħżen, li x'aktarx kien jintuża min-nies tat-tunnara biex jitqiegħdu d-dgħajjes fih meta ma tkunx armata t-tunnara. Infatti l-anzjani tagħna jiftakru dan il-maħżen bis-saqaf imwaqqa u kellu bieb kbir tar-remissa li kien iħares lejn ir-ramla u mhux lejn il-baħar biex ikun imkennen mill-qilla tal-mewġ. Jingħad li fil-gwerra kien daħlet mina tal-għadu fuq wiċċ l-ilma, ħabtet qribu, splodiet u ġarrfitu. Maż-żmien il-ġebel u t-travi ttieħdu min-nies biex illum ma baqa' xejn minnu ħlief ismu.

Ma' dawn l-ismijiet insibu oħrajn li ngħataw minħabba xi ġrajjiet li jingħad li seħħew fl-inħawi. Fuq ix-xellug tal-Bajja tal-Ġnejna hemm daħla żgħira magħrufa bħala 'Ta' Ċensa'. Iktar l'barra, jiġifieri fil-ponta tal-Pellegrin hemm għar li jinsab f'livell mal-baħar u li ġie mħaffer b'mod naturali bid-daqqiet tal-mewġ f'baħar qawwi, li hu magħruf bl-isem ta' 'Għar Marija'. (Ritratt 39) F'dawn iż-żewġ każijiet jingħad li kienu għerqu xi tfal li jġibu dawn l-ismijiet. Imbagħad insibu li fuq in-naħa ta' Fomm ir-Riħ hemm daħla magħrufa man-nies tal-post bħala 'Tal-Bastiment'. Jingħad li waqt maltempata qawwija kien inkalja xi bastiment mgħobbi bil-larinġ li eventwalment spiċċa ħafna minnu l-baħar tant li l-inħawi ntlew bil-larinġ jgħum f'wiċċ l-ilma, dejjem skont l-anzjani tagħna.

## IS-SAJJIEDA

Dan l-aħħar snin bdejt ninduna li meta kienu jkunu jitħaddtu l-anzjani dilettanti tal-baħar, kienu jsemmu ismijiet oħrajn differenti minn dak li diġa ssemmew. Kien għalhekk li staqsejthom dwar dawn l-ismijiet qabel ma jintilfu mal-medda tas-snin. It-tagħrif li tawni kien imprezzabbli minħabba li deher ċar kif il-bniedem dejjem għaraf jiftiehem permezz ta' għoti ta' ismijiet lil kull blata jew post li hu kien jiffrekkwenta, f'dan il-każ għas-sajd. Hekk bdejt niġbor it-tagħrif dwar l-ismijiet ta' blat jew postijiet viċin il-baħar li kienu jingħataw kemm mis-sajjieda li kienu joħorġu jistadu bid-dgħajjes tagħhom u kemm mis-sajjieda tal-qasba.

Dawn l-ismijiet kienu jingħataw fuq diversi raġunamenti, jiġifieri daqqa

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

minħabba l-forma jew il-kulur jew il-pożizzjoni tal-blata, daqqa ankè minħabba t-tip ta' ħut li tkun tista taqbad minn fuqha. Hekk kien iżjed faċli li jiftiehmu bejniethom dwar xi kwalità jew kwantità ta' ħut inqabad minn dak il-post jew minn fuq dik il-blata u kif marru f'post u mhux f'ieħor minħabba t-temp.

Qiegħed nagħti l-ġabra sħiħa tal-ismijiet tal-kosta Mġarrija mit-Torri ta' Għajn Tuffieħa sa Ras ir-Raħeb, Fomm ir-Riħ, b'xi tagħrif dwarhom. In-numru ta' kull isem jikkorrispondi mal-mapep li qiegħdin jidhru ma' dan l-artiklu.

1. **It-Torri ta' Għajn Tuffieħa**.
2. **Iż-Żugraga** - minħabba l-forma tagħha.
3. **Tal-Ħolqa** - fil-gwerra kienet twaħħlet ħolqa kbira tal-ħadid biex jintrabtu magħha xi bastimenti.
4. **Ir-Ramla ta' Għajn Tuffieħa**.
5. **Ir-Ramla tan-Nisa** - daħla ramlija fuq ix-xellug tar-Ramla ta' Għajn Tuffieħa li fiha kienu jgħumu n-nisa biex ikunu mbiegħdin u mwarrbin mir-ramla prinċipali.
6. **Il-Marbat ta' Għajn Tuffieħa** - miegħu kienet tintrabat it-tunnara.
7. **Il-Ġardina** – daħla bejn il-blat fit-tramuntana tal-Qarraba li minħabba li fiha tikber fauna differenti, missirijietna kienu jxebbħuha ma ġardina tad-dar.
8. **Il-Lenbi l-Kbir**.
9. **Il-Lenbi ż-Żgħir** - żewġ blatiet li għandhom il-forma ta' lenbi rasu l-isfel.
10. **Tal-Ilbiċ** - għax tinsab fl-ilbiċ tal-Qarraba u faċċata tal-ilbiċ.
11. **Il-Qarraba**.
12. **L-Iskoll tal-Qarraba** - minħabba l-pożizzjoni tagħha.
13. **Il-Bersall** - jingħad li fi żmien il-gwerra l-militar kien għamel plier tal-konkos fuq din il-blata. Dan il-plier kien misbugħ abjad u iswed u kien il-marka ta' sa fejn il-kanun tal-fortizza ta' Binġemma kien jista' jispara (biex ma jisparax fil-bajja tal-Ġnejna). Illum kull ma fadal mill-Bersall huma biċċtejn ħadid imwaħħlin fil-blata għax il-konkos spiċċa kollu.
14. **Ix-Xieru** - dgħajsa kbira u goffa li fuqha kienu jirkbu s-sajjieda tat-tunnara biex ittellgħu t-tonn li jkun inqabad fit-tunnara għal ġo fiha.
15. **Il-Brill** - minħabba l-forma tal-blata.
16. **Il-Barkazza** - dgħajsa żgħira li kienet tintuża minn nies tat-tunnara biex biha jgħassu ħalli jaraw daħalx ħut fit-tunnara.
17. **Ir-Ramla ta' Bugħarwien** - dan l-isem intilef maż-żmien u għal missirijietna kienet magħrufa bħala r-Ramla l-Fonda filwaqt li ġieli kienet magħrufa wkoll bħala r-Ramla tan-Nisa.
18. **Il-Bajda** - minħabba l-kulur tagħha u biex tingħaraf minn ta' maġemba.
19. **Tat-Tonn** - kienet tintuża min-nies tat-tunnara biex jgħabbu, jħottu, inixxfu u jsewwu x-xbieki kbar u goffi tat-tunnara.
20. **L-Għar tat-Tonn** - kien għar kbir li fih kienu jqiegħdu l-ħut għall-frisk sakemm jittella bil-karettun għal fuq ix-xifer. Meta waqaf is-sajd tat-tunnara fil-Ġnejna l-għar kien jintuża mill-familji meta jmorru xi ġurnata l-baħar minħabba d-dell u l-frisk li kien ikun hemm fih. L-għar waqa' matul dawn l-aħħar snin u għalhekk m' għadux jidher il-kobor tiegħu.
21. **Tal-Brieqex** - minħabba t-tip ta' ħut li kien jinqabad minn fuqha.
22. **L-Għabur** - minħabba l-forma tagħha.
23. **Il-Qargħija** - minħabba n-natura tagħha.
24. **Il-Belliegħa** - ħofra kbira fil-blat li tinsab ma wiċċ il-baħar. Meta jkun baħar qawwi, il-mewġ jagħlaq l-arja ġo din il-ħofra biex fl-istess ħin l-arja toħroġ b'ħoss qawwi qisha sparatura filwaqt li ttajjar ħafna ilma 'l barra.
25. **Iċ-Ċikken** - żewġ blatiet kbar ċatti li bejniethom hemm il-baħar fond ġmielu tant li jistgħu jidħlu dgħajjes kbar biex jgħabbu jew iħottu minn fuqhom. Dawn jinsabu fuq il-lemin tal-Bajja tal-Ġnejna. Ċikken tfisser biċċa art imdawwra b'ċint jew lqugħ ieħor fejn kienu jinżammu l-annimali bħal tiġieġ, nagħaġ, mogħoż eċċ. Ta' min jgħid li fil-port tal-Imġarr Għawdex ukoll hemm roqgħa art msejħa ċ-Ċikken. Kien hemm għidut li Ċikken setgħet tfisser il-korruzzjoni tal-kelma Ngliża *check-in* minħabba l-preżenza tal-militar Ingliż kemm fl-aħħar gwerra u kemm qabel meta kienu jsiru xi manuvri fil-Bajja tal-Ġnejna.
26. **Ir-Ramla tal-Ġnejna**.
27. **Il-Maħżen** - post fuq ix-xellug tar-Ramla tal-Ġnejna fejn kien hemm maħżen li x'aktarx kien jintuża mis-sajjieda tat-tonn biex iqiegħdu d-dgħajjes tagħhom. Fit-tieni gwerra dinjija kienet daħlet mina tal-għadu fuq

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*





wiċċ l-ilma, splodiet maġembu u ġarfitu. Illum ma baqa' xejn minnu.

28. **Il-Blata tal-Irġiel** - blata għolja xi tlett metri l-fuq minn wiċċ il-baħar fejn kient tintuża biex minn fuqha jaqbżu l-irġiel għal ġol-baħar.
29. **Id-Dahar** - blata tawwalija u tonda li tixbaħ lil dahar ta' xi bhima bħal dahar ta' ħmar.
30. **Tal-Għasafar** - blata wieqfa kollha ħofor li fiha kienu jbejtu ħafna għasafar.
31. **Il-Ħamiema** - minħabba l-forma tagħha.
32. **Ta' Ċensa** - daħla żgħira fuq ix-xellug tal-Bajja tal-Ġnejna fejn jingħad li kienet għerqet tifla bl-isem ta' Ċensa.
33. **Ta' Ras it-Tafal** - minħabba l-pożizzjoni tagħha.
34. **Iż-Żiemel** - blata forma ta' żiemel faċċata tad-daħla ta' Ċensa.
35. **Il-Marbat** - blata li magħha kienet tintrabat it-tunnara tal-Ġnejna.
36. **Iż-Żgħira** - minħabba n-natura tagħha.
37. **Il-Kappell** - mhux magħruf għaliex jissejjaħ hekk.
38. **Id-Daħla ta' Soldi** - daħla żgħira qalb il-blat f'Ras il-Pellegrin li kienet tmiss mal-artijiet ta' Soldi. (laqam)
39. **Għar Marija** - għar li jinsab ma wiċċ il-baħar f'Ras il-Pellegrin u li ġie mħaffer bil-qawwa tal-baħar. L-għar ħa ismu minħabba li jingħad li kienet għerqet xi tfajla bl-isem ta' Marija.
40. **Ix-Xriek** - blata li xi darba kienet kbira u ċatta. Kienet tissejjaħ ukoll 'il-Mejda'. Fil-gwerra laqtitha mina u kissritha biex illum biċċa żgħira għadha tidher minnha.
41. **Il-Kelies** - mhux magħruf għaliex ingħatat dan l-isem.
42. **Tal-Bastiment** - daħla żgħira kollha ċagħak fejn jingħad li darba, waqt maltempata, kien inkalja bastiment b'tagħbija tal-larinġ. Ħafna larinġ spiċċa jgħum f'wiċċ l-ilma. Hemm minn issejjaħ dan il-post Tal-Larinġ.
43. **Is-Sorra** - minħabba l-forma tagħha.
44. **Ta' Għajn ix-Xemx** - minħabba l-pożizzjoni tagħha.
45. **It-Torri** - blata wieqfa u għolja li tixbaħ lil torri.
46. **Iċ-Ċatta** - minħabba n-natura tagħha.
47. **Iż-Żellieqa** - blata ċatta u tiżloq li ġieli kienet tintuża biex jorbtu magħha xi dgħajjes.
48. **Is-Safra** - minħabba l-kulur tagħha.
49. **Il-Maqsuma** - minħabba n-natura tagħha.
50. **Tal-Punent** - minħabba l-pożizzjoni tagħha.
51. **Is-Sewda** - minħabba l-kulur tagħha.
52. **Il-Bajja ta' Fomm ir-Riħ.**
53. **Ta' Taħt il-Qasab** - minħabba l-pożizzjoni tagħha.
54. **Wied il-Mielaħ** - wied li jibda mil-Baħrija u jispiċċa fuq ix-xellug tal-Bajja ta' Fomm ir-Riħ.
55. **Ix-Xifer ta' Fomm ir-Riħ** - minħabba n-natura tiegħu.
56. **L-Għar tal-Gawwija** - post fix-xifer ta' Fomm ir-Riħ fejn xi darba kienet tbejjet il-gawwija.
57. **Ras ir-Raħeb** - il-ponta ta' Fomm ir-Riħ, tissejjaħ ukoll Ras il-Knejjes.
58. **L-Imdendel** - blata rqiqa u tawwalija li magħha hemm marbuta l-leġġenda miktuba f'dan l-artiklu.
59. **Għar it-Trozz** - għar kbir u fond li jinsab ma wiċċ il-baħar.

## GĦELUQ

F'dan l-artiklu ppruvajt niġbor kemm nista' (u naħseb għad baqa') tagħrif dwar l-ismijiet madwar il-kosta tal-Imġarr. Jekk wieħed jaħseb ftit fuq dan it-tagħrif, għandu jinduna kemm ikun aktar faċli li wieħed jiftiehem meta jkun jitkellem dwar l-inħawi. Kull persuna, ħaġa jew f'dan il-każ post li jingħata isem ikun qiegħed jingħata identità u jkun jista' faċilment jintgħaraf mill-bqija. B'dan it-tagħrif wieħed issa għandu jkollu stampa iżjed ċara u dettaljata tal-kosta Mġarrija u ma tibqax iżjed ġabra ta' irdumijiet, bajjiet, daħliet u sisien kollha blat li jibqa' nieżel għal ġol-baħar.

© Mario Vassallo 2013

## ĦAJR

Lil ħija Twanny li waqt li kont qiegħed niġbor dan it-tagħrif, hu kien qiegħed jiġbor it-tagħrif dwar it-tunnara tal-Ġnejna, għaqqadna kollox flimkien biex ħareġ dan it-tagħrif. Kien bis-saħħa tiegħu li flimkien ma' Ġużepp Muscat ħriġna fuq il-baħar biex jurina l-blat u l-postijiet imsemmija. Ħajr ukoll lil ħafna anzjani li tawni t-tagħrif, ewlieni fosthom Mikiel Galea.

Ħajr ukoll lis-Sur Keith Buħagiar li mmarka l-postijiet fuq il-mappa permezz tal-kompjuter. Ħajr ukoll lis-Sur Olvin Vella tal-għajnuna li tani u l-interess li dejjem wera f'xogħol bħal dan.

## BIBJOGRAFIJA

**Ġian Franġisk Abela** (1647)
Della Deskrizione di Malta, Edizione facsimile Midsea Books Ltd. (1984).

**Joseph Aquilina** (1990)
Maltese - English Dictionary, Midsea Books Ltd.

**Joseph Caruana** (2012)
Toponomi t'Għajnsielem 2 fil-perjodiku L-Imnara ħarġa 36, vol 10 numru 1, Għaqda Maltija tal-Folklor.

**Mons Alwiġ Deguara** (1999)
L-Imġarr, il-ħajja u l-ħidma ta' Niesu mill-Qedem sal-llum, Colour Image Mġarr.

**Erin Seracino-Inglott** (1975)
Il-Miklem Malti, Klabb Kotba Maltin, Interprint Ltd

**Godfrey Wettinger** (2000)
Placenames of the Maltese Islands ca. 1300 - 1800 Publishers Enterprises Group Ltd. San Gwann Malta.


1
2
3
4
5
6
7
8
9
10
11
12
13
14
15
16
17
18
19
20
0
100
200
Metres


19
20
21
22
23
24
25
26
27
28
29
30
31
32
33
34
35
36
37
38
0
100
200
Metres


39
40
41
42
43
44
45
46
47
48
49
0
100
200
Metres


49
50
51
52
53
54
55
56
57
58
59
0
100
200
Metres